*Artikolu 3 tal-Ewwel Protokoll -Kap 319*

*Art 52,56,63 u 95 tal-Kostituzzjoni*

*Art 4(2) Kap 319*

*Elezzjoni Generali tad-9 ta' Marzu 2013*

*Id-Dritt ghall-elezzjonijiet hielsa*

*Supremazija tal-Kostituzzjoni*

*Interess Guridiku*

*Legittimu Kontradittur*

*Kummissjoni Elettorali*

*Partit Politiku*

*Mekkanizmu ta' Ripeskagg*

*Obbligazzjoni tal-Istat*

*Rimedju Effettiv*

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## - SEDE KOSTITUZZJONALI -

## MHALLEF

## ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

## Seduta tal-lum il-Hamis, 26 ta’ Mejju 2016

**Kawza Numru : 2**

**Rikors Kostituzzjonali Numru : 26/2013/LSO**

**Partit Nazzjonalista rapprezentat minn Dr Lawrence Gonzi (K.I 489953M), Dr Paul Borg Olivier (K.I.337169M), Dr Marthese Portelli (K.I. 15276G), Claudette Buttigieg (K.I. 93868M) Frederick Azzopardi (K.I. 70549G) u b’digriet tas-27 ta’ Gunju 2013 assumew l-atti, Dr Simon Busuttil (K. I. 242669M), Dr Ann Fenech (K. I. 28763M), Dr Chris Said (K. I. 0018970G), ghan-nom u in rapprezentanza tal-Partit Nazzjonalista minflok Dr Lawrence Gonzi, Dr Paul Borg Olivier u Dr Marthese Portelli, u b'digriet tat-18 ta' Gunju 2015 Rosette Thake assumiet l-atti minnflok Chris Said.**

**vs**

**Kummissjoni Elettorali u b’digriet tat-22 ta’ Mejju 2013 l-Avukat Generali gie kjamat in kawza, u b’digriet 11 ta’ Lulju 2013, gew kjamati in kawza l-Onorevoli Edward Scicluna, Joe Debono Grech u Dr Justyne Caruana u Edwin Vassallo, u b'digriet tat-8 ta' Gunju 2015 gie kjamat in kawza il-Partit Laburista**

**Il-Qorti,**

**I. PRELIMINARI.**

Rat ir-rikors tal-Partit Nazzjonalista, Claudette Buttigieg u Frederick Azzopardi datat 20 ta' Marzu 2013 fejn esponew:

"Illi s-sistema elettorali ghall-finijiet tal-elezzjoni tal-membri tal-Kamra tad-Deputati fil-Parlament Malti, kif jipprovdi Artikoli 52 u 56 f' Taqsima I ta' Kapitolu VI tal-Kostituzzjoni ta' Malta, hija dik ta' elezzjoni li ssir fuq il-principju tar-rapprezentanza proporzjonali, u kull elettur ghandu vot wiehed trasferibbli, skont Artikoli 18 u 71 tal-Att dwar l-Elezzjonijiet Generali (Kap 354 tal-Ligijiet ta Malta);

Illi l-Kummissjoni Elettorali hija responsabbli mit-tmexxija tal-elezzjonijiet f'kull distrett elettorali skont Artikolu 61 (6) tal-Kostituzzjoni u tal-Att dwar l-Elezzjonijiet Generali;

Illi l-Partit Nazzjonalista kien wiehed mill-partiti politici li ressaq kandidati ghall-elezzjoni generali li sehhet fid-9 ta' Marzu 2013 u li skont ir-rizultat mahrug mill-Kummissjoni Elettorali huwa gie immarkat bl-ewwel preferenza fuq mija tnejn u tletin elf, erba' mija sitta u ghoxrin (132,426) polza tal-voti mixhuta mill-votanti fuq firxa ta' tlettax il-distrett;

Illi konsegwentement ghar-rizultat elettorali, il-Partit Nazzjonalista huwa dak il-partit f'din l-elezzjoni li huwa l-partit li ghandu minoranza Parlamentari u fil-konfront tieghu tapplika l-procedura fejn sabiex tinzamm proporzjonalita fir-

rapprezentanza tar-rieda tal-votanti man-numru ta' deputati li jigu eletti, il-Kostituzzjoni f'artikolu 52 tipprovdi l-possibilita` li sabiex tinzamm din il-proporzjonalita in-numru ta' kandidati tal-partit li ghandu l-minoranza jizdied b'numru ta' kandidati addizzjonali;

Illi din is-sistema li taghti kandidati addizzjonali lil dak il-Partit li jgib il-minoranza hija wahda sabiex tirrifletti l-vot tal-votanti b'mod generali u cioe` sabiex tirrifletti b'mod proporzjonali l-ghazla tal-Partit mill-votanti u tassigura li tali ghazla tigi riflessa fin-numru ta' kandidati appuntati membri tal-Parlament Malti ma' dak il-Partit;

Illi r-rikorrenti Claudette Buttigieg kienet wahda mill-kandidati fi hdan il-Partit Nazzjonalista li kkandidat ruhha fuq it-tmien distrett u li kif jidher mill-ghadd tal-voti li saru fuq dan id-distrett hija tilfet il-possibilita` li tkun eletta taht il-procedura originali applikabbli ghal kull kandidat u cioe` taht il-procedura provduta fl-Att dwar l-Elezzjonijiet Generali (Kapitolu 354 tal-Ligijiet ta' Malta) bi tmien voti biss u l-Kummissjoni Elettorali mal-hmistax-il ghadd, ddikjarat li kien elett kandidat iehor minn Partit iehor minflokha;

Illi kif gie ammess mill-istess Kummissjoni Elettorali, sahansitra fil-proceduri fl-ismijiet Claudette Buttigieg v. Il-Kummissjoni Elettorali quddiem il-Qorti Kostituzzjonali (rikors kostituzzjonali numru 526/2013) u li gew decizi b'decizjoni moghtija minn dik l-Onorabbli Qorti fit-13 ta' Marzu 2013, fil-ghadd tal-voti li hija gabet mill-votanti fuq id-distrett taghha gew imwarrba hamsin (50) vot li kienu

jindikaw lilha bhala l-ewwel preferenza ta' hamsin (50) votant;

Illi kif gie ammess mill-istess Kummissjoni Elettorali dawn il-hamsin (50) vot f'ebda mument tal-ghadd tal-voti ma gew mizjuda mal-voti li gabet Claudette Buttigieg u ghalhekk in-numru tal-voti li huwa ndikat mill-Kummissjoni Elettorali bhala l-voti li hija gabet huwa skorrett;

Illi ukoll b'dan l-agir tal-Kummissjoni Elettorali, l-istess Claudette Buttigieg ma gietx dikjarata eletta bil-procedura ta' l-elezzjonijet generali kif hija provduta fl-Att dwar l-Elezzjonijiet Generali u cioe` fuq l-ispinta taghha biss u tal-voti li l-kostitwenti taghha ghogobhom jaghtuha, izda minflokha gie dikjarat elett kandidat iehor fuq dan id-distrett li huwa kandidat mill-Partit Laburista u cioe` il-kandidat Edward Scicluna;

Illi b'dan l-agir mhux biss sofriet pregudizzju Claudette Buttigieg billi hija ma gietx eletta mid-distrett bil-voti moghtija lilha u ghalhekk ir-rieda tal-votanti ma gietx rispettata fil-konfront taghha bhala kandidata, izda soffra pregudizzju ukoll il-Partit Nazzjonalista ghaliex bl-izball tal-Kummissjoni Elettorali gie dikjarat elett kandidat tal-Partit Laburista;

Illi permezz ta' dan l-agir mhux biss ir-rizultat ma jirriflettix u jivvjola ix-xewqa tal-votanti dwar ir-rapprezentanza taghhom fil-Parlament mit-Tmien Distrett, izda konsegwentement il-Partit Nazzjonalista minhabba dan l-izball gie dikjarat li elegga biss sitta u ghoxrin (26) deputat

fil-Parlament Malti meta fil-verita Claudette Buttigieg kellha tinghadd mal-membri eletti fit-Tmien Distrett f'isem il-Partit Nazzjonalista u ghalhekk izzid in-numru tal-deputati eletti f'isem il-Partit Nazzjonalista skont ir-rieda tal-elettur kif provdut skont l-Att dwar l-Elezzjonijiet Generali;

Illi in oltre tali zball li wassal sabiex il-Partit Nazzjonalista jigi dikjarat li elegga biss sitta u ghoxrin (26) deputat fil-Parlament, wassal ukoll sabiex meta giet applikata ghalih il-procedura mahsuba f'artikolu 52 tal-Kostituzzjoni u tinhadem il-formula hemm provduta, ir-rapprezentanza parlamentari tal-Partit Nazzjonalista kif tipprovdi il-Kostituzzjoni ddghajfet ghaliex id-differenza bejn in-numru ta' deputati ghal Partit fl-Oppozizzjoni u dak ghal Partit fil-Gvern safa ta' disgha (9) u mhux ta' seghba (7) kif suppost kellu jkun kieku l-Kummissjoni Elettorali ma ghamlitx l-izball fil-ghadd kif ghamlet.

Illi bl-agir ammess taghha il-Kummissjoni Elettorali naqset serjament u vvjolat ix-xewqa tal-elettur kif kontemplat fil-Konstituzzjoni u fl-Att dwar l-Elezzjonijiet Generali;

Illi r-rikorrent Frederick Azzopardi kien wiehed mill-kandidati fi hdan il-Partit Nazzjonalista li kkandida ruhu fuq it-tlettax-il distrett u li kif jidher mill-ghadd ta' voti li saru fuq dan id-distrett, huwa tilef l-possibilita li jkun elett taht il-procedura originali applikabbli ghal kull kandidat u cioe` taht il-procedura provduta fl-Att dwar l-Elezzjonijiet Generali (Kapitolu 354 tal-Ligijiet ta' Malta) b'disa' (9) voti biss u il-Kummissjoni Elettorali mal-ghaxar ghadd iddikjarat li kien elett kandidat iehor minn Partit iehor minnfloku;

Illi kif gie ammess mill-istess Kummissjoni Elettorali, sahansitra fil-proceduri fl-ismijiet "Frederick Azzopardi vs Il-Kummissjoni Elettorali et" quddiem il-Qorti Kostituzzjonali (rikors kostituzzjonali numru 525/2013) u li gew decizi b'decizjoni moghtija minn dik l-Onorabbli Qorti fit-13 ta' Marzu 2013, fil-ghadd tal-voti fit-tmien ghadd meta kien qieghed isir it-trasferiment tal-voti ta' Paul Buttigieg, kandidat iehor mal-Partit Nazzjonalista, instab li kien hemm ghaxar (10) voti nieqsa u liema ghaxar poloz ma gewx misjuba;

Illi minkejja li l-Kummissjoni Elettorali kienet konsapevoli li hemm ghaxar (10) poloz tal-voti nieqsa hija kompliet ghaddejja bil-ghadd minghajr ma fittxet tikkoregi l-izball u sempliciment billi immarkat b'mod skorrett l-ammont ta' voti mhux trasferibbli;

Illi f'dan il-kaz il-Kummissjoni Elettorali konsapevoli li hemm ghaxar (10) voti "not accounted for" indikathom bhala mhux trasferibbli u ghalhekk injorat ir-rieda tal-votanti f'dawk il-poloz u konsegwentement minflokk gie dikjarat elett ir-rikorrent giet dikjarata eletta kandidata ohra fuq id-distrett, Dr Justyne Caruana, kandidata mal-Partit Laburista;

Illi b'dan l-agir mhux biss sofra pregudizzju Frederick Azzopardi billi huwa ma giex elett mid-distrett bil-voti moghtija lilu u ghalhekk ir-rieda tal-votanti ma gietx rispettata fil-konfront tieghu bhala kandidat, izda soffra pregudizzju ukoll il-Partit Nazzjonalista ghaliex bl-izball tal-Kummissjoni Elettorali gie dikjarat elett kandidat tal-Partit

Laburista u konsegwentement il-Partit Nazzjonalista minhabba dan l-izball gie dikjarat li elegga anqas deputati fil-Parlament;

Illi in oltre tali zball li wassal sabiex il-Partit Nazzjonalista jigi dikjarat li elegga anqas deputati wassal ukoll sabiex meta tigi applikata ghalih il-procedura mahsuba f'artikolu 52 tal-Kostituzzjoni u tinhadem il-formola hemm provduta jigi vjolat ukoll il-principju ta' *proportional reprezentation* f'dan il-kaz;

Illi ghahekk gie vjolat id-dritt ghal elezzjonijiet liberi taht kundizzjonijiet li jizguraw l-espressjoni libera tal-opinjoni tal-poplu fl-ghazla tal-legislatura u dan mhux biss ghaliex gew dikjarati eletti kandidati li ma kienux eletti skont ir-rieda tal-eletturi kif espressa fil-poloz tal-vot taghhom izda anke ghaliex ma gietx rispettata r-rieda tal-eletturi fit-thaddim tal-formula ta' rapprezentazzjoni proporzjonali bejn n-numru ta' deputati u l-voti migjuba minn partit politiku;

Illi n-nuqqas tal-Kummissjoni Elettorali fuq it-tmien distrett u fuq it-tlettax-il distrett wassal sabiex jigu dikjarati eletti zewg kandidati tal-Partit Laburista meta l-voti mhux kunsidrati mill-Kummissjoni Elettorali kienu voti cari favur il-Partit Nazzjonalista, wassal ukoll sabiex kemm l-elezzjoni ta' Claudette Buttigieg kif ukoll ta' Frederick Azzopardi bhala deputati fil-Parlament tkun wahda li ma tirriflettix ir-rieda tal-votanti izda b'kumbinazzjoni ghaliex hemm is-sistema ta' raprezentanza proporzjonata;

Illi n-nuqqas tal-Kummissjoni wassal ukoll sabiex tigi vjolata l-formola ta' rapprezentanza proporzjonata provduta fl-artikolu 52 tal-Kostituzzjoni billi d-distakk ta' deputati bejn il-Partit Nazzjonalista u Partit Laburista huwa wiehed ibbazat fuq numri skorretti u li ghalhekk wassal biex il-partit fil-gvern ikollu distakk ta' disa' (9) siggijiet minflok seba' (7) siggijiet;

Illi dan kollu sehh minhabba nuqqas da parti tal-Kummissjoni Elettorali li ma rnexxilix izzomm dik l-integrita u effettivita fl-process elettorali li l-ghan taghha huwa li tidentifika r-rieda tal-votanti b'rapprezentanza proporzjonali fil-Parlament kif tipprovdi il-Kostituzzjoni;

Ghaldaqstant, ir-rikorrenti jitolbu lil dina l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1 Tiddikjara li l-mankanza fil-process elettorali fuq it-tmien distrett kif fuq deskritta u kif sejra tigi pruvata fl-mori ta' dawn il-proceduri tmur kontra l-artikolu 3 ta' l-Ewwel Protokoll ghall-Konvenzjoni Ewropea kif inkorporata f'Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Tiddikjara li l-mankanza fil-process elettorali fuq t-tlettax-il distrett kif fuq deskritta u kif sejra tigi pruvata fil-mori ta' dawn il-proceduri tmur kontra l-artikolu 3 ta' l-Ewwel Protokoll ghall-Konvenzjoni Ewropea kif inkorporata f'Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta Malta;

3. Tiddikjara li l-mankanzi fuq premessi wasslu sabiex cahdu lil Partit Nazzjonalista milli jkollu wiehed jew zewg

kandidati eletti skont ir-rieda tal-votanti u dan bi ksur tal-artikolu 3 ta l-Ewwel Protokoll ghall-Konvenzjoni Ewropea kif inkorporata f'Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. Tiddikjara li l-mankanzi fuq premessi waslu sabiex taw rizultat skorrett fuq ir-rapprezentanza proporzjonali skont ix-xewqa tal-elettur b'tali mod li effettwaw l-implimentazzjoni ta' l-artikolu 52 tal-Kostituzzjoni u b'hekk id-distakk bejn in-numru tad-deputati mal-Partit fil-gvern u dawk mal-Partit fl-oppozizzjoni huwa zbaljat, u dan bi ksur tal-artikolu 3 tal-Ewwel Protokoll ghall-Konvenzjoni Ewropea kif inkorporata f'Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. Tordna li jigu ndirizzati l-izbalji maghmula mill-Kummissjoni Elettorali b'tali mod billi (1) r-rizultat eletorali jigi korrett bin-numru ta' deputati eletti fil-Parlament li jirrifletti rapprezentanza proporzjonali skont l-Artikolu 52 tal-Kostituzzjoni u biex id-distakk ta' siggijiet jinzel ghal seba' siggijiet kif tipprovdi il-Kostituzzjoni kontra d-distakk ta' disa' siggijiet kif wassal l-istess zball; (2) li l-espressjoni libera tal-opinjoni tal-poplu fl-ghazla tal-legislatura tigi rispettata u dan ukoll billi (A) Claudette Buttigieg tigi dikjarata li giet eletta skont id-dispozizzjonijiet ta' l-Att dwar l-Elezzjonijiet Generali; u (B) Frederick Azzopardi jigi dikjarat li gie elett skont id-dispozizzijonijiet ta' l-Att dwar l-Elezzjonijiet Generali.

6. Taghti dawk ir-rimedji ulterjuri li jidhrilha xierqa u opportuni."

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh mill-Qorti kif diversament presjeduta ghas-seduta tal-15 ta' April 2013 fil-12:15pm.

Rat ir-risposta tal-Kummissjoni Elettorali datata 8 ta' April 2013, (a fol. 14 *et seq*.) fejn esponiet :

"Illi l-Kummissjoni ghandha is-segwenti x' tirrispondi dwar l-ilment tar-rikorrenti fir-rikors precitat:

Dwar fatti:

L-intimati sejrin jikkumentaw bhala parti integrali mir-risposta taghhom dwar ir-rizultat finali;

Dwar ligi -

**Il-gudizzju mhux integru**

Ir-rikors kif inhuwa frasat jirrikjedi ta' bil-fors il-prezenza tal-Avukat Generali in rapprezentanza tal-istat Malti kif ukoll ta' dawk il-kandidati li gew eletti u li d-dikjarazzjoni dwar l-validita` tal-elezzjoni taghhom tista' teffetwa il-posizzjoni taghhom. In partikolari issir riferenza ghall-Onorevoli Dottor Justyne Caruana li tinsab imsemmija f' diversi partijiet tar-rikors tar-rikorrenti u li ghalhekk il-posizzjoni taghha tista' tigi pregjudikata bid-decizjoni ta' dina l-Qorti. Il-gudizzju mhux integru ghaliex dan il-gudizzju u dawn il-proceduri ma jistghux jitmexxew il-quddiem f' l-assenza ta' dawn il-partijiet. Il-kummissjoni la ghandha il-poter legali li taghmel il-korrezzjonijiet mitluba u lanqas is-setgha li taghti dawk ir-

rimedji li qeghdin jigu mitluba minnha; inoltre huwa inkoncepibbili li l-parlament Malti jigi dikjarat bhala elett irregolarment minghajr ma l-istat ta' Malta jkun parti ghal dawk il-proceduri, u ghalkemm il-Kummissjoni tiehu hsieb it-tmexxija tal-elezzjonijiet ma tirraprezentax il-funzjoni tal-istat Malti f' materja bhal dik avanzata fil-prezenti rikors.

**Il-Kummissjoni ma hijiex il-leggittimu kontradittur**

Il-Kummissjoni tirrispondi ghall-qadi tad-dmirijiet taghha fit-tmexxija ta' elezzjoni u sa fejn hija fdata mil-ligi b' dik it-tmexxija. Kieku l-allegazzjoni kienet li l-Kummissjoni ippermettiet l-perpetrazzjoni ta' kondotta korrotta jew illegali kienet tirrispondi. Imma il-prezenti rikors jirrigwarda il-garanzija moghtija mill-istat Malti b' effett tat-trattat taht l-artikolu 3 tal-ewwel Protokoll u f'dan ir-rigward il-Kummissjoni ma hijiex il-legittimu kontradittur billi l-legittimu kontradittur se maj huwa l-Avukat Generali u mhux il-Kummissjoni Elettorali. In partikolari l-Kummissjoni bl-ebda mod ma tista' tirrispondi ghall-pretensjonijiet u jew taghti r-rimedji minnha mitluba.

Il-Prim' Awla ma ghandhiex kompetenza f'din il-materja li hija riservata lill-Qorti Kostituzzjonali.

**Ir-rikors gie prezentat *fuori termine***

Ir-rikors gie prezentat *fuori termine* ghaliex ma giex prezentat fi zmien tlett ijiem mill-pubblikazzjoni tar-rizultat elettorali;

**Ir-rikorrenti kellhom rimedji ohra disponibbili ghalihom**

Il-ligi tistipula li kull min jippartecipa f' elezzjoni jista' f' kull ghadd jitlob li l-ghadd jsir mill-gdid u jippermetti lill-Kummissjoni innifisha li taghmel ghadd mill-gdid qabel ghadd jinghalaq jekk hija ma tkunx sosdisfatta bil-mod kif gie maghluq dak l-ghadd. Kull rimedju ghal kull zball li jista' jsir, u li bir-rispett kollu, f' sitwazzjoni ta' tali komplessita', huwa mistenni li jigri, ghandu jigi rilevat immedjatament qabel mal-affarijiet jimxu ghall-ghadd li jkun jmiss. Dan il-ligi taghmlu biex tikkrea sitwazzjoni ta' certezza u anke biex timminimizza kemm jista' jkun zbalji umani u genwini. Altrimenti il-process jkun interminabbili u inkonklussivi waqt li huwa e*vide*ntement fl-interess tal-pajjiz li l-process tal-ghadd tal-voti jigi konkjuz f' perijodu mill-aktar qasir. Jidher li r-rikorrenti intebhu bl-izball hafna wara l-ghadd f' liema ittiehed l-izball - ghalhekk ma kienx izjed permissibili skont il-ligi li wiehed jpoggi kollox lura ghall-istat ta' qabel ma ttiehed l-izball. Fil-kaz li r-rikorrenti ittendew bl-izball tempestivament il-ligi kienet taghtihom rimedji biex huma jkunu jistghu jirrimedjaw dak l-izball tempestivament. Huma ma uzufruwixxux mill-opportunita` li kienet taghtihom il-ligi biex jikkorregu dak liz-zball u ghalhekk issa huma prekluzi milli jaghmlu il-prezenti procedura. Jigi rilevat fir-rigward tal-Onorevoli Claudette Buttigieg u Frederick Azzopardi li dawn irrikorrew quddiem il-Qorti Kostituzzjonali izda minghajr success. Jigi rilevat ukoll li l-process kollu tal-ghadd jsir minn persuni imqabbda mill-Kummissjoni Elettorali u jsir fil-prezenza tal-kandidati, l-agenti taghhom u delegati tal-partiti politici.

**In-nuqqas ta' gurisdizzjoni ta' dina l-Onorabbli Qorti**

Id-difett ta' gurisdizzjoni ta' dina l-Onorabbli Qorti huwa manifest sija billi il-Prim' Awla ma hijiex il-Qorti li hija kompetenti biex tiehu konjizzjoni tal-ilmenti elettorali sija ukoll billi l-Prim' Awla ma ghandhiex s-setgha li tghati l-ordnijiet u r-rimedji mitluba. Illi r-rikors prezentat jqajjem dubbji dwar il-validita` u regolarita` tal-elezzjoni ta' membri tal-parlament; dina hija materja mill-kostituzzjoni riservata ghall-kompetenza tal-Qorti Kostituzzjonali u ghallhekk il-Prim' Awla ma ghandhiex kompetenza fir-rigward. Inoltre r-rimedji mitluba, specjalment fir-rigward ta' dikjarazzjoni ta' elezzjoni ta' membri ghall-parlament jew elezzjoni ta' membri ohra fil-parlament jew thassir ta' elezzjoni ta' membri tal-parlament tesorbita u tohrog kompletament il-barra mill-funzjoni u l-poter tal-Prim' Awla tal-Qorti Civili.

**In-nuqqas ta' interess tar-rikorrenti**

Illi r-rikorrenti fuq imsemmija kif ga deciz mill-Qorti Kostituzzjonali ma ghandhomx interess guridiku fit-talbiet u ilmenti promossi bil-prezenti rikors. F'dik il-kawza r-rikorrenti kienu biss l-Onorevoli Buttigieg u Azzopardi; f' dan ir-rikors zdiedu diversi rikorrenti li kull wiehed minnhom jrid juri ghas-sodisfazzjoni tal-Qorti l-interess guridiku tieghu fil-materja.

**Ir-rizultat jirrifletti bhala proporzjon l-ghadd tal-voti fuq l-ewwel preferenza**

Dwar fatti:

Huwa ammess li fil-kors tal-ghadda tal-voti saru zbalji konsistenti f’ pakkett ta’ hamsin vot fuq it-tmien distrett li ma giex korrettement allokat lil Claudette Buttigieg kif ukoll li f’ l-ghadd tal-voti fit-tlettax-id distrett kien hemm numru ta’ voti, inqas minn ghaxra, li setghu gew mpoggija f’ pakkett skorrett u ghalhekk ma gewx konteggjati sewwa. Kopja tar-rizultat elettorali qieghed jigi hawn mehmuz. B’ dana kollu, ghalkemm dan seta forsi affettwa ir-rizultat elettorali, l-effett li tali zbalji seta kellhom fuq ir-rizultat finali jibqa’ bil-fors kongetturali; l-izbalji huma fil-parametri ta’ zbalji umani li kwazi necessarjament jigru f’ kull komputazzjoni matematika. Fil-fatt l-izbalji gew rintraccjati fi stadju avanzat tal-ghadd tal-voti u kien f’ dak l-istadju li saru lamenti u oggezzjonijiet mill-kandidati u l-kaz spicca quddiem il-Qorti Kostituzzjonali. Il-Qorti Kostituzzjonali bid-decizjoni taghha lliberat lill-Kummissjoni mill-osservanza tal-gudizzju, kopja tas-sentenza hija hawn mehmuza.

Dwar il-ligi fuq din il-materja —

Jigi notat li l-artikolu in kwistjoni ma jorbotx ruhu ma’ sistema ta’ votazzjoni partikolari, jew mal-produzzjoni ta’ rizultat li bil-fors jkun proporzjonali. L-artikolu jipprotegi u jghati dritt ghaz-zamm ta’ elezzjonijiet hielsa minn prattici korotti jew illegali u dan huwa e*vide*nti li gie rispettat u osservat sija mil-ligi kemm ukoll mill-kummissjoni nono*stante* l-izballji li bhala fatt gew ammess hawn fuq. Huwa ta’ minn jinnota u huwa importanti li l-komposizzjoni ahharija tal-Kamra tad-Deputati tirrifletti fis-sustanza il-proporzjonijiet li l-partiti gabu fuq l-ewwel ghadd u dan

indipendentement mill-hdim tal-mekkanizmi legali kontemplati biex dan il-persentagg jigi rispettat. Ghalhekk fis-sustanza ma kien hemm l-ebda lezjoni tad-dritt lamentat.

**Il-fatti ma jammontawx ghal-lezjoni tal-artikolu 3**

Illi bhala fatt ma hemm l-ebda lezjoni tad-dritt protett mill-artikolu tlieta billi bhala fatt inzammew elezzjonijiet hielsa liberi minn kull kondotta korotta jew prattika illegali u dan kif trid il-kostituzzjoni, il-ligi, u t-trattat. Il-possibilita` li ttiehdu zbalji teknici fit-trasferiment u l-ghadd tal-voti bl-ebda mod ma jwassal ghall-sitwazzjoni ta' vjolazzjoni tad-drittijiet kontemplati fl-artikolu 3 li wara kollox huwa hemm biex jassigura elezzjonijiet hielsa u dwar dan ma hemm l-ebda dubbju. Jekk fil-kors ta' l-ghadd ittiehdu xi zballji li l-partijiet interessati ma ikkoregewx tempestivament b' l-ebda mod ma jwassal ghall-vjolazzjoni ta' dan l-artikolu. Huwa rilevanti f' dan il-kuntest li l-partijiet kellhom l-opportunita kollha fil-ligi li jissalvagwardaw tajjeb il-posizzjoni taghhom u li r-rizultat ahhari jirrifletti proporzjonalment korrettement ir-rieda tal-poplu liberament espressa. Jinghad ukoll li kieku il-Kummissjoni intebhet bl-izball tempestivament kienet tikkorregieh u dan ma setghetx taghmlu minhabba li l-ghadd f' liema l-izball ittiehed kien ilu li inghalaq u ma setghax skont il-ligi jerga' jinfetah.

Ghaldaqstant l-esponenti jissottomettu bir-rispett li t-talbiet tar-rikorrenti jigu rigettati.

Rat ir-rikors tal-Partit Nazzjonalista rapprezentat minn Dr Lawrence Gonzi, Dr Paul Borg Olivier u Dr Marthese Portelli, Claudette Buttigieg u Frederick Azzopardi datat 24 ta' April 2013 a fol 39 tal-process fejn talbu lill-Qorti sabiex fid-dawl tal-premessi maghmulha fl-istess rikors din l-Qorti joghgobha tikkjama lill-Avukat Generali fl-atti ta' dawn il-proceduri u tipprefiggi terminu lill-istess sabiex jipprezenta r-risposta tieghu taht dawk il-direttivi li jidhrilha xierqa u opportuni din il-Qorti; u l-Qorti kif diversament presjeduta ordnat n-notifka lill-kontro parti bi dritt ta' risposta fi zmien ghaxart ijiem; rat ir-risposta tal-Kummissjoni Elettorali datata 13 ta' Mejju 2013 a fol 44 tal-process; u l-Qorti kif diversament presjeduta ddegretat fit-22 ta' Mejju 2013 illi:

"*tilqa' it-talba tar-rikorrenti ghall-kjamat in kawza tal-Avukat Generali u tordna n-notifka tar-rikors promotorju lill-istess Avukat Generali, bi dritt ta' risposta skont il-Ligi, a spejjez tar-rikorrenti.*"

Rat ir-rikors tal-Partit Nazzjonalista et datat 12 ta' Gunju 2013 a fol 88 tal-process fejn talbu lill-Qorti joghgobha tikkjama fil-kawza lill-Onorevoli Edward Scicluna, l-Onorevoli Joe Debono Grech, l-Onorevoli Dottor Justyne Caruana u Edwin Vassallo taht dawk il-provvedimenti u direzzjonijiet li joghgobha taghti din l-Onorabbli Qorti; u l-Qorti kif diversament presjeduta ordnat in-notifika tal-istess lill-kontro parti bi dritt ta' twegiba fi zmien gimgha.

Rat ir-risposta tal-**Avukat Generali** datata il-5 ta' Gunju 2013 a fol. 92 tal-process fejn espona :

1 Illi fil-kawza odjerna r-rikorrenti qeghdin jallegaw vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali taghhom kif sanciti fl-Artikolu 3 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea (Kap 319 tal-Ligijiet ta' Malta) *stante* mankanzi fil-process elettorali fuq it-tmien u t-tlettax-il distrett u talbu wkoll rimedju ghal tali allegata lezjoni.

2. Illi l-esponent jirrespingi l-pretensjonijiet tar-rikorrenti bhala nfondati fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet li ser jigu elenkati minghajr pregudizzju ghal xulxin:

3. Illi fl-ewwel lok u **in linea preliminari** –

i. in kwantu l-ilment tar-rikorrenti huwa ppernjat fuq materja li tolqot l-elezzjoni ta' membri fil-Parlament tezisti l-karenza ta' gurisdizzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti sabiex tisma' u tiddeciedi dwar dan il-lanjanza u r-rimedju mitlub *stante* li hija l-istess Kostituzzjont *a tenur* tal-Artikolu 63 li tipprovdi li tali mertu ghandu jigi ndirizzat quddiem il-Qorti Kostituzzjonali;

ii. in-nuqqas ta' nteress guridiku tar-rikorrenti membri parlamentari l-Onor. Claudette Buttigieg u l-Onor. Frederick Azzopardi fil-proceduri odjerni kif diga' gie deciz mill-Qorti Kostituzzjonali fit-13 ta' Marzu 2013[1];

[1] Claudette Buttigieg vs Kummissjoni Elettorali (Rik Nru 526/13 u Frederick Azzopardi vs Kummissjoni Elettorali (Rik Nru 525/13)

iii. kull wiehed mir-rikorrenti l-ohra ghandu jipprova x'inhu l-interess guridiku tieghu biex jippromwovi l-proceduri odjerni;

iv. Il-prezentata tar-rikors promotur saret tardivament ghaliex sehhet wara l-iskadenza tat-terminu ta' tlett ijiem mill-pubblikazzjoni tar-rizultat elettorali;

v. in linea mal-katina ta' gurisprudenza kostanti, din l-Onorabbli Qorti ghandha tiddeklina milli tesercita l-gurisdizzjoni kostituzzjonali taghha *a tenur* tal-Artikolu 4 (2) tal-Att XIV tal-1987 dwar il-Konvenzjoni Ewropea *stante* d-disponibilita' ta' mezzi ohra xierqa ta' rimedju ordinarju li r-rikorrenti kellhom sabiex jivvantaw il-pretensjonijiet taghhom. Il-ligi li tirregola l-elezzjonijiet generali tipprovdi mekkanizmu prattiku, effettiv u effikaci sabiex ilmenti dwar l-ghadd tal-voti jigu ndirizzati fil-mument propizju. Jidher li r-rikorrenti jew min minnhom ma utilizzawx dawn ir-rimedji fil-mument opportun skont il-ligi imma agixxew tardivament wara li l-ghadd in kwistjoni kien inghalaq. Isegwi ghalhekk li la mezzi xierqa ta' rimedju ghall-ksur allegat kienu disponibbli favur ir-rikorrenti skont ligi ohra ordinarja, anke jekk huma ma uzawhomx, ma jistghux issa jadixxu quddiem il-Qrati fil-vesti straordinarja taghhom sabiex ifittxu lill-Istat jew il-Kummissjoni ntimata ghal xi ksur tad-drittijiet taghhom.

vi. in kwantu l-ezitu tal-proceduri odjerni jimpingi direttament fuq id-drittijiet ta' persuni ohra eletti fil-Parlament, il-proceduri odjerni ma jistghux jipprocedu 'l quddiem b'success minghajr ma tinghata l-opportunita' lil

dawk il-membri parlamentari l-ohra li jkunu parti fil-proceduri odjerni.

4. Illi fit-tieni lok u **fil-mertu** l-esponent jeccepixxi li fl-elezzjonijiet tad-9 ta' Marzu 2013 l-Istat Malti b'rispett shih lejn il-principju tad-demokrazija osserva rigorozament l-obbligu tieghu ghal finijiet tal-Artikolu 3 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea ghax zamm elezzjoni libera f' intervall xieraq b'votazzjoni sigrieta, taht kundizzjonijiet li zguraw l-espressjoni libera tal-opinjoni tal-poplu fl-ghazla tal-legislatura.

5. Illi l-istess Artikolu jikkoncedi margini wiesgha t'apprezzament lill-Istat fir-rigward tar-regolamentazzjoni tal-process elettorali u fl-elezzjoni tad-9 ta' Marzu l-Istat agixxa pjenament fil-parametri ta' dik il-margini.

6. Illi anke kieku kellu jigi koncess li kien hemm xi nuqqasijiet fl-ghadd tal-voti, zgur ma jistax jinghad li l-konsegwenza taghhom kienet tali li ppregudikat ir-rieda tal-poplu fl-ghazla tal-legislatura.

7. Illi anzi skrutinju tar-rizuitat elettorali tal-2013 ghandu juri bl-aktar mod car li l-persentagg tal-voti tal-ewwel ghadd huwa korrettement proporzjonali mal-persentagg ta' siggijiet fil-Parlament.

Ghaldaqstant u fid-dawl tas-suespost rikorrenti ghandhom jigu respinti minn dina l-Onorabbli Qorti u dan bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta tas-17 ta' Gunju 2013 (fol 102) fejn meta ssejhet il-kawza dehru Claudette Buttigieg u Frederick Azzopardi assistiti minn Dr Therese Comodini Cachia u Dr Paul Borg Olivier ghall-Partit Nazzjonalista. Deher il-Profs Ian Refalo ghall-Kummissjoni Elettorali u Salvu Gauci ghall-istess Kummissjoni. Dehret Dr Susan Sciberras ghall-Avukat Generali. Il-Profs Refalo u Dr Susan Sciberras informaw lill-Qorti illi ser jipprezentaw ir-risposti taghhom ghar-rikors tal-atturi tat-12 ta' Gunju 2013 ghall-kjamati fil-kawza. Dr Therese Comodini Cachia tat ruhha b'notifikata bir-risposta tal-5 ta' Gunju 2013 prezentata mill-Avukat Generali. Il-kawza giet differita ghat-trattazzjoni tar-rikors ghar-rigward tal-kjamati in kawza ghas-27 ta' Gunju 2013 u tissejjah fis-1.15pm.

Rat ir-rikors tal-Partit Nazzjonalista rapprezentat minn Dr Lawrence Gonzi, Dr Paul Borg Olivier u Dr Marthese Portelli, Claudette Buttigieg u Frederick Azzopardi datat 26 ta' Gunju 2013 a fol 106 tal-process fejn talbu lill-Qorti joghgobha tawtorizza jassumu l-atti tal-kawza fl-ismijiet premessi ghan-nom u in rapprezentanza tal-Partit Nazzjonalista minflok Dr Lawrence Gonzi, Paul Borg Olivier u Dr Marthese Portelli.

Rat il-verbal tas-seduta mizmum quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta tal-Hamis, 27 ta' Gunju 2013 (fol 124) fejn meta ssejhet il-kawza dehret Dr Therese Comodini Cachia u Dr Paul Borg Olivier ghall-Partit

Nazzjonalista. Deher il-Profs Ian Refalo ghall-Kummissjoni Elettorali u Salvu Gauci ghall-istess Kummissjoni. Dehret Dr Susan Sciberras ghall-Avukat Generali. Inghata kopja tar-rikors prezentat fis-26 ta' Gunju 2013 mir-rikorrenti lill-Avukat Generali u lill-Kummissjoni Elettorali *seduta stante*. Il-Profs Ian Refalo ghall-Kummissjoni Elettorali u Dr Susan Sciberras ghall-Avukat Generali m'ghandhomx oggezzjoni ghat-talba tar-rikorrenti tas-26 ta' Gunju 2013 u dana ghar-rigward il-partijiet li huma biss fil-kawza. Il-Qorti laqghet it-talba u ordnat li dan jigi rifless fl-atti tal-kawza. Il-kawza giet differita ghad-digriet ghall-11 ta' Lulju 2013 u tissejjah fl-10.00 a.m.

Rat id–decizjoni ta' din il-Qorti kif diversament presjeduta tal-11 ta' Lulju 2013 (a fol. 127 *et seq*.) fejn il-Qorti :

*"... waqt li taghmel referenza ghal dak kollu ga ppronunzjat fid-decizjoni taghha tat-22 ta' Mejju 2013, tilqa' it-talba tar-rikorrenti u tikkjama in kawza lill-Onorevoli Edward Scicluna, Joe Debono Grech, Dr Justyne Caruana u Edwin Vassallo; tordna n-notifika tar-rikors promotorju lill-imsemmija Onorevoli Edward Scicluna, Joe Debono Grech, Dr Justyne Caruana, u Edwin Vassallo bi dritt ta' risposta skont il-ligi, a spejjez tar-rikorrenti. L-imsemmija kjamati in kawza ghandhom jesebixxu, peremzz ta' nota, kwalunkwe dokument relattiv ghall-kawza fi zmien tletin (30) gurnata mil-lum."*

Rat ir-risposta tal-kjamat in kawza **Edwin Vassallo** datata 22 ta' Awwissu 2013 (a fol. 142 *et seq*) fejn espona :

Illi huwa ha konjizzjoni tar-rikors promotorju wara li huwa gie kkjamat fl-kawza fl-ismijiet premessi permezz ta' decizjoni ta' dina l-Onorabbli Qorti moghtija fil-11 ta' Lulju 2013;

Illi mill-premessi spjegati fir-rikors promotorju jidher li r-rikorrenti isemmu zewg nuqqasijiet li sehhew fil-process tad-determinazzjoni tar-rieda tal-eletturi, u li kull wiehed minnhom jammonta ghal vjolazzjoni tad-dritt ghal elezzjonijiet liberi taht kundizzjonijiet li jizguraw l-espressjoni libera tal-opinjoni tal-eletturi;

Illi tali nuqqasijiet huma responsabbilita` tal-Kummissjoni Elettorali billi hi responsabbli mill-process li bih tigi determinata r-rieda tal-eletturi u tali nuqqasijiet saru f'cirkostanzi li kienu taht il-kontroll tal-Kummissjoni Elettorali li kienet obbligata tara li nuqqasijiet bhal dawn ma jsirux u mhux li tkompli tipperpetwahom;

Illi huwa kien kandidat mal-Partit Nazzjonalista fuq it-tmien distrett fejn il-Kummissjoni Elettorali naqqset billi ippermettiet li hamsin (50) vot kollha indikati bhala voti ghal kandidata Claudette Buttigieg u cioe` kandidata mal-istess partit politiku jigu mwarba u mhux ikkalkolati mal-voti li lilha inghataw mill-eletturi;

Illi b'dan in-nuqqas il-Kummissjoni Elettorali mhux talli cahdet lill-eletturi mill-ghazla taghhom izda sahansitra ma rrispettatx l-ghazla taghhom u ppermettiet li jigi dikjarat elett kandidat ta' partit politiku iehor;

Illi b'konsegwenza ta' dan il-kandidata Claudette Buttigieg ma gietx dikjarata eletta ghab-bazi tar-rieda tal-votanti izda giet dikjarata eletta biss permezz tas-sistema ta' ripeskagg li tirregola l-Kostituzzjoni fis-sistema ta' rapprezentanza proporzjonata b'dan izda li filwaqt li cahdet lil Claudette Buttigieg mid-dritt taghha li tigi eletta skont il-volonta tal-eletturi waslet sabiex iccahhad lilu milli jigi dikjarat elett b' din is-sistema ta' rapprezentanza proporzjonata;

Illi ghalhekk in-nuqqasijiet da parti tal-Kummissjoni Elettorali, nuqqasijiet li baqghu jigu pperpetwati minkejja li l-Kummissjoni kellha opportunita` li tikkoregihom waslu sabiex filwaqt li vjolaw ir-rieda tal-eletturi, effettwaw ukoll is-sistema ta' rapprezentanza proporzjonata skont il-Kostituzzjoni b'tali mod li ppregudikaw ukoll il-pozizzjoni tieghu;

Illi nuqqas ta' natura differenti wkoll sehh fit-tlettax (13) -il distrett fejn gew mitlufa madwar ghaxar (10) voti li waslu sabiex kandidat iehor tal-Partit Nazzjonalista ma jigix dikjarat elett u jigi dikjarat elett kandidat ta' partit iehor, b'tali mod li dan ukoll effettwa l-hidma tas-sistema ta' rapprezentanza proporzjonata li kompliet tippregudika l-pozizzjoni tal-esponent;

Illi dawn in-nuqqasijiet jammontaw ghal vjolazzjoni tad-dritt ghal elezzjonijet hielsa kif protett mill-artikolu 3 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea;

Illi ghalhekk l-esponent jaqbel mat-talbiet imressqa mir-rikorrenti *nomine* fir-rikors promotor u ghal liema ghandu

jinghata rimedju effettiv fosthom li jsir dak kollu mehtieg sabiex jigu, dikjarati eletti dawk li r-rieda tal-votant turi li kellhom jigu eletti u tigi korretta ukoll il-hidma tas-sistema tar-rapprezentanza proporzjonata b'tali mod li l-artikolu 52 tal-Kostituzzjoni jigi rispettat;

Tant ghandu x'jirrispondi l-esponent.

Rat ir-risposta tal-kjamati in kawza l**-Onor. Justyne Caruana, Onor. Joe Debono Grech u Onor. Edward Scicluna** datata 23 ta' Awwissu 2013 (a fol. 145 *et seq*.) fejn esponew :

1. Preliminarjament, in-nuqqas ta' gurisdizzjoni ta' din il-Qorti billi bil-ligi hija biss il-Qorti Kostituzzjonali li hija kompetenti biex titratta kwistjonijiet dwar il-validita' tal-elezzjoni tal-membri tal-Kamra tad-deputati, jew il-validita' u t-thassir ta' xi elezzjoni.[2]

2. Preliminarjament ukoll, in-nuqqas ta' interess guridiku tar-rikorrenti membri parlamentari l-Onor. Claudette Buttigieg u l-Onor. Frederick Azzopardi fil-proceduri odjerni kif diga' gie deciz mill-Qorti Kostituzzjonali fit-13 ta' Marzu 2013[3], waqt li r-rikorrenti l-ohra ghandhom jippruvaw l-interess guridiku taghhom.

---

[2]Kostituzzjoni,Art 95(2)(a)(b), Art. 56 u Art 63; u Att dwar l-Elezzjonijiet Generali (Kap 354) Art 115(1) u Art 117.

[3]Claudette Buttigieg vs Kummissjoni Elettorali (Rik Nru 526/13 u Frederick Azzopardi vs Kummissjoni Elettorali (Rik Nru 525/13).

3. Preliminarjament ukoll, u minghajr pregudizzju, din il-Qorti ghandha tirrifjuta li tezercita s-setgha taghha skont l-Artikolu 4(2) tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea[4] billi r-rikorrenti kellhom disponibbli mezzi xierqa ta' rimedju ghall-ksur allegat minnhom, kemm taht l-Att dwar l-Elezzjonijiet Generali kemm taht il-Kostituzzjoni.

4. Preliminarjament ukoll, u f'kull kaz, kwalunkwe azzjoni fil-materja hija perenta ghaliex skada t-terminu ta' tlett ijiem wara l-pubblikazzjoni tar-rizultat ufficjali tal-elezzjoni.[5]

5. Fil-meritu, u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet preliminari, it-talbiet tar-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt billi ma kien hemm ebda ksur tal-Artikolu 3 tal-Ewwel Protokoll ghall-Konvenzjoni Ewropea. L-elezzjoni tad-9 ta' Marzu 2013 saret skont il-Kostituzzjoni u l-ligijiet tal-pajjiz fir-rispett tad-drittijiet kollha sanciti bl-artikolu 3 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea.

6. F'kull kaz u minghajr pregudizzju wkoll, anke fis-sustanza il-kompozizzjoni tal-Kamra tad-Deputati tirrifletti l-proporzjonijiet li l-partiti gabu fl-ewwel ghadd tal-voti.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id–decizjoni ta’ din il-Qorti kif diversament presjeduta datata 13 ta’ Jannar 2014 (a fol. *361 et seq.*) fejn il-Qorti :

---

[4] Kap. 319
[5] Kostituzzjoni Art. 56(5)

*"...ghal dawn il-motivi l-Qorti tichad it-talba tal-kjamati in kawza sollevata fir-rikors datat 15 ta' Novembru 2013."*

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrenti datata 18 ta' Awwissu 2014 a fol 497 *et seq* tal-process.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-Kummissjoni Elettorali datata 18 ta' Setembru 2014 a fol 534 *et seq* tal-process.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-kjamati fil-kawza l-Onor. Dr Justyne Caruana, Onor. Joe Debono Grech u Onor. Edward Scicluna datata tal-21 ta' Ottubru 2014 a fol 546 tal-process.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-Avukat Generali datata 17 ta' Ottubru 2014 a fol 561 *et seq* tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fil-5 ta' Frar 2015 (fol 610) quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta fejn meta ssejhet il-kawza dehru r-rikorrenti Claudette Buttigieg u Frederick Azzopardi assistiti minn Dr Therese Comodini Cachia. Dehru wkoll Dr Paul Borg Olivier, Dr Chris Said u Dr Beppe Fenech Adami ghall-Partit Nazzjonalista. Dehret Dr Susan Sciberras ghall-Avukat Generali. Dr Pawlu Lia u l-kjamati in kawza l-Onorevoli Dr Jusytne Caruana, Profs Edward Scicluna u Joe Debono Grech imsejhin diversi drabi ma dehrux. Il-Profs Ian Refalo ghall-Kummissjoni Elettorali msejjah diversi drabi ma deherx. F' dan l-istadju dahal Dr Pawlu Lia ghall-kjamati in kawza. Il-Qorti ppronunzjat is-setenza taghha. Il-kawza giet deciza.

Rat is-sentenza moghtija mill-Qorti kif diversament presjeduta il-Hamis 5 ta’ Frar 2015 a fol 611 *et seq* tal-process.

Rat is-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tad-29 ta' Mejju 2015 li ddecidiet:

"*30. Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti tilqa’ l-aggravju ta’ nuqqas ta’ integrita tal-ġudizzju u, wara li rat l-art. 790 tal-Kodiċi ta’ Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, tħassar is-sentenza appellata u tibgħat l-atti lura lill-ewwel qorti sabiex il-kawża tinstema’ mill-ġdid wara li jissejjaħ il-Partit Laburista fil-kawża.*"

Rat is-surroga datata 3 ta’ Gunju 2015 a fol 687 tal-process fejn il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif hekk illum presjeduta.

Rat id-digriet ta’ din il-Qorti kif hekk presjeduta datat 3 ta’ Gunju 2015 fejn il-Qorti appuntat l-istess rikors ghas-smigh ghas-seduta tat-23 ta’ Gunju 2015 fin-12:15pm. u ordnat n-notifika tal-istess tar-rikors lill-intimati b’ ghaxart (10) ijiem zmien ghar-risposta.

Rat id-digriet tal-Qorti tat-8 ta’ Gunju 2015 (fol 690) fejn il-Qorti rat is-sentenza tal-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali tad-29 ta’ Mejju 2015 fejn wara li laqghet l-aggravju ta’ nuqqas ta’ intergrita` tal-gudizzju, hassret is-sentenza appellata u baghtet l-atti lura lil din il-Qorti sabiex il-kawza tinstema’ mill-gdid, wara li jissejjah il-Partit Laburista fil-kawza. Ordnat ghalhekk il-kjamata in kawza tal-Partit Laburista u

ordnat li l-kjamat jigi notifikat bir-rikors promotur u bl-avviz tas-smigh, bi hmistax-il jum (15) ghar-risposta.

Rat ir-rikors tal-Partit Nazzjonalista rapprezentat minn Dr Simon Busuttil, Rosette Thake u Dr Anne Fenech datat 16 ta’ Gunju 2015, a fol 691 tal-process, fejn talbu lill-Qorti joghgobha tawtorizza lil Rosette Thake biex tassumi l-atti tal-kawza minflok Chris Said, biex flimkien Dr Simon Busuttil u Ann Fenech gia rapprezentanti tal-Partit Nazzjonalista; u l-Qorti, bid-digriet taghha tat-18 ta’ Gunju 2015, laqghet it-talba u ordnat l-korrezzjonijiet mehtiega fl-atti.

Rat ir-risposta tal-Perit Daniel Micallef u Dr Lydia Abela LL.D fil-kapacita' rispettiva taghhom ta' President u Segretarju tal-Ezekuttiv Nazzjonali tal-Partit Laburista ghan-nom u fl-interess tal-istess Partit Laburista **datata 22 ta’ Gunju 2015** a fol 695 tal-process fejn esponew :

Illi fl-ewwel lok il-Kummissjoni ma hix il-leggittima kontradittrici.

Il-Kummissjoni tirrispondi ghall-qadi tad-dmirijiet taghha fit-tmexxija ta' elezzjoni u sa fejn hija fdata mil-ligi b'dik it-tmexxija. Kieku l-allegazzjoni kienet li l-Kummissjoni ippermettiet l-perpetrazzjoni ta' kondotta korrotta jew illegali kienet tirrispondi.

Illi l-prezenti rikors jirrigwarda l-garanzija moghtija mill-Istat Malti b'effett tat-trattat taht l-artikolu 3 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea Kap 319 tal-ligijiet ta' Malta u

f'dan ir-rigward il-Kummissjoni ma hijiex legittima kontradittrici, billi l-leggittimu kontradittur *se mai* huwa l-Avukat Generali u mhux il-Kummissjoni Elettorali. In partikolari l-Kummissjoni, bl-ebda mod ma tista' tirrispondi ghall-pretensjonijiet u/jew taghti r-rimedji minnha mitluba.

Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-Prim Awla m'ghandhiex gurisdizzjoni u l-anqas kompetenza f' din il-materja, li kif ser ikun ipprovat fil-kors ta' din il-kawza, hija materja esklussivament riservata ghall-Qorti Kostituzzjonali. Guridikament il-Prim' Awla Qorti Civili m'ghandhiex il-gurisdizzjoni u l-anqas il-kompetenza li tiehu konjizzjoni ta' materja dwar il-validita' *o meno* ta' elezzjonijiet ta' kandidati fil-Parlament Malti. Dan l-argument ghandu jinzamm distint minn li intqal aktar 'l fuq safejn jirrigwarda l-punt, dejjem jekk huwa l-kaz, jekk din l-Onorabbli Qorti tistax biex tkun adita *ai fini* biss biex tiehu konjizzjoni tar-rikors odjern. Difatti anke l-Qorti Kostituzzjonali accennat ghal din id-distinzjoni, kif ser jkun spjegat fil-kors ta' din il-kawza.

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, ir-rikors gie prezentat *fuori termine*, ghaliex ma giex prezentat fi zmien tlett ijiem mill-pubblikazzjoni tar-rizultat elettorali kif tirrekjedi l-Kostituzzjoni. Ir-rikorrenti kellhom rimedji ohra disponibbili ghalihom. Il-ligi tistipula li kull min jippartecipa f' elezzjoni jista' f' kull ghadd jitlob li l-ghadd jsir mill-gdid u jippermetti lill-Kummissjoni nnifisha li taghmel ghadd mill-gdid qabel l-imsemmi ghadd jinghalaq, fl-eventwalita' li l-istess Kummissjoni ma tkunx sosdisfatta bil-mod kif gie maghluq dak l-ghadd. Illi f' elezzjoni wahda jkollok aktar

minn zewg miljuni movimenti ta' poloz tal-vot, ghalhekk zbalji umani mhux biss huma mistennija izda dejjem jigru taht forma jew ohra.

Illi ghalhekk kull zball genwin u involutarju, kif inhu l-kaz odjern, ghandu jigi rilevat immedjatament qabel ma l-affarijiet jimxu ghall-ghadd li jkun jmiss. L-oghla ligi tal-pajjiz emfatikament ma tridx li tohloq sitwazzjoni ta' incertezza u instabbilita'. Propju ghalhekk tipprova timminimizza kemm jista' jkun zbalji umani u genwini. Kieku ma jkunx hekk, il-process jkun interminabbili u inkonklussiv, waqt li huwa e*vide*nti fl-interess tal-istabbilita' tal-pajjiz, li l-process tal-ghadd tal-voti jigi konkjuz f' perjodu mill-iqsar possibbli.

Illi jidher, li uhud mir-rikorrenti intebhu bl-izball hafna wara li kien konkluz l-ghadd. Ghalhekk ma kienx izjed permessibbli skont il-ligi li ssir xi tip ta' retromarcia jew ikun hemm l-*istatus quo ante* qabel ma nghalaq l-ghadd in kwistjoni. It-tempestivita' tal-iskoperta tal-izball hija l-essenza tal-azzjoni rapida u effikaci li taghti l-Kostituzzjoni biex dak l-izball jkun inidirizzat.

Illi l-effikacita' u rapidita' tal-azzjoni li tipprovdi l-Kostituzzjoni ma tikkonsistix biss fiz-zmien pjuttost qasir ta' tlett ijiem li fih trid issir l-azzjoni, izda eccezzjonalment ghas-sistema guridiku Malti, l-istess Kostituzzjoni ma tippermettix appell mill-istess sentenza. Il-procedura fiha innifisha hija s-siggill tal-finalita' mhux biss demokratika izda anke dik legali.

Illi din hija raguni ohra ghalfejn il-process kollu huwa trasparenti, issorveljat mill-Kummissjoni u kif ukoll mill-agenti tal-Partiti u *di piu'* rapprezentanti tal-kandidati. Min ma jittendiex bl-izball fil-hin li tezigi l-Kostituzzjoni, ikun tilef l-opportunita' tal-korrezzjoni. Regola li ilha maghna u applikata ghal mill-anqas nofs seklu.

Illi jigi rilevat, li fir-rigward tal-Onorevoli Claudette Buttigieg u Frederick Azzopardi dawn diga' irrikorrew ghal quddiem il-Qorti Kostituzzjonali izda minghajr success. Jigi rilevat ukoll, li l-process kollu tal-ghadd jsir minn persuni imqabbda mill-Kummissjoni Elettorali u jsir fil-prezenza tal-kandidati, l-agenti taghhom u d-delegati tal-partiti politici kif inghad aktar 'il fuq.

Illi f' dan is-sens, dan ir-rikors qieghed isir biex jirragira l-konsegwenzi tal-principju ta' *res judicata, stante* li fil-kaz ta' zewg kandidati l-Qorti Kostituzzjonali diga' iddecidiet b'mod li ma kienx favorevoli ghalihom. Il-principju ta' *res judicata* jibqa' japplika anke f' kaz fejn il-parti li tkun tilfet kawza tipprova azzjoni ohra bil-hsieb li dak li jipprekludi dan il-principju jkun ottenut bi skorcatoj u toroq legali ohra.

Illi d-difett ta' gurisdizzjoni u kompetenza ta' dina l-Onorabbli Qorti huwa manifest, sija billi fic-cirkostanzi kemm guridici u anke fattwali l-Prim' Awla ma hiex il-Qorti li ghandha gurisdizzjoni originali biex tkun adita biex tiehu konjizzjoni tar-rikors odjern, u sija ghaliex, l-element sostantiv tal-azzjoni tirrigwarda materja riservata esklussivament ghall-Qorti Kostituzzjonali in kwantu tirrigwarda l-validita' tal-elezzjonijiet ta' kandidat bhala

Membru Parlamentari u dan kif tipprovdi l-istess Konvenzjoni Ewropea Kap 319 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi ghalhekk ir-rikors odjern qieghed iqanqal dubbji dwar il-validita' u regolarita' tal-elezzjoni ta' Membri tal-Parlament fejn dubbji ma hemmx. Dan qieghed jinghad ghaliex il-materja in dibattitu hija riservata esplicitament mill-Kostituzzjoni u ligijiet ohrajn li jirregolaw l-andament u organizzazzjoni tal-Elezzjonijiet Generali, bhala li taqa' taht il-gurisdizzjoni esklussiva tal-Qorti Kostituzzjonali. Ghalhekk jerga' jkun ripetut, li l-Prim' Awla Qorti Civili ma ghandhiex la l-gurisdizzjoni u l-anqas il-kompetenza fir-rigward tal-mertu li ghandha quddiemha.

Illi in oltre r-rimedji mitluba, specjalment fir-rigward ta' dikjarazzjoni ta' elezzjoni ta' Membri ghall-Parlament jew elezzjoni ta' membri ohra fil-Parlament jew thassir ta' elezzjoni ta' Membri tal-Parlament, palezament jezorbitaw u johrog kompletament li 'l hinn mill-funzjoni u l-poter tal-Prim' Awla tal-Qorti Civili. Illi fis-succint, dak li qeghdin jitolbu r-rikorrenti huwa li dina l-Onorabbli Qorti tbierek u tapprova straripament ta' poteri li ma jappartjenuhiex.

Illi r-rikorrenti fuq imsemmija, kif gja deciz mill-Qorti Kostituzzjonali, ma ghandhomx interess guridiku fit-talbiet u ilmenti kif promossi bil-prezenti rikors. F'dik il-kawza r-rikorrenti kienu biss l-Onorevoli Claudette Buttigieg u Frederick Azzopardi, ghalkemm f' dan ir-rikors zdiedu diversi rikorrenti, li kull wiehed minnhom jrid juri ghas-sodisfazzjoni tal-Qorti l-interess guridiku tieghu fil-materja.

Illi ghalhekk l-esponenti jsostnu li dak li qalet il-Qorti Kostituzzjonali fil-konfront taz-zewg rikorrenti l-ohra, kwantu jirrigwarda l-interess guridiku li jridu jipposjedu jew ahjar li ma kellhomx, huwa perfettament applikabbli ghall-proceduri odjerni wkoll. Apparti dan kollu *ai fini* ta' l-artikolu 3 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea Kap 319 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-rizultat jirrifletti kjarament u minghajr ebda dubju r-rieda tal-poplu ghal dik il-legislatura.

Illi jigi wkoll allegat, li fil-kors tal-ghadd tal-voti saru zbalji konsistenti f' pakkett ta' hamsin vot fuq it-tmien distrett li ma giex korrettement allokat lil Claudette Buttigieg kif ukoll li fl-ghadd tal-voti fit-tlettax-il distrett kien hemm numru ta' voti, inqas minn ghaxra, li setghu gew distribwiti f' pakkett skorrett u ghalhekk ma gewx konteggjati sewwa. Kopja tar-rizultat elettorali diga' jinsab esebit fl-atti tal-kawza.

Illi b'dana kollu, *dato ma non concesso* li dan seta' affettwa r-rizultat elettorali kwantu jirrigwarda l-kandati "ut singulis", l-effett li tali zbalji seta' kellhom fuq ir-rizultat finali jibqa' wiehed mhux biss kimeriku izda *ai fini* ta' dak li jrid jevita l-artikolu 3 tal-Ewwel Protokoll tal-Kap 319 tal-Ligijiet ta' Malta ma ghandhom ebda valur jew rilevanza kwalunkwe ghar-ragunijiet esposti aktar 'l isfel.

Illi dak li qed jilmentaw minnu r-rikorrenti, jinkwadra ruhu fil-parametri ta' zbalji umani li kwazi necessarjament jigru f' kull komputazzjoni matematika. Fil-fatt anke l-Qorti Ewropea ghall-Harsien tad-Drittijiet Fundamental tal-Bniedem, tikkoncedi dan, kif ser ikun trattat fil-kors tal-

kawza u kif diga' spjegat mill-esponenti fir-rikors tal-appell tat-terz li intavolaw.

Illi fil-fatt l-izbalji gew rintraccjati fi stadju avvanzat tal-ghadd tal-voti u kien f'dak l-istadju li saru l-lamenti u l-oggezzjonijiet mill-kandidati, tant irrikorrew ghal quddiem il-Qorti Kostituzzjonali. Dik l-istess Qorti li bid-decizjoni taghha illiberat lill-Kummissjoni mill-osservanza tal-gudizzju. Kopja tas-sentenza diga' esebita fil-kawza.

Illi jigi nnotat, li l-artikolu 3 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea Kap 319 tal-Ligijiet ta' Malta, ma jorbotx ruhu ma' sistema ta' votazzjoni partikolari, jew mal-produzzjoni ta' rizultat li bil-fors jkun mikroskopikament proporzjonali. L-artikolu jipprotegi z-zamma u organizzazzjoni ta' elezzjonijiet hielsa u liberi minn prattici korotti jew illegali.

Illi huwa e*vide*nti, li dan gie rispettat u osservat sija mil-ligi kemm ukoll mill-Kummissjoni *nonostante* l-izbalji umani u genwini li setghu saru. F'dan ir-rigward huwa sinifikanti li ma hux qieghed jinghad kien hemm xi xorta ta' hazen jew, frodi jew korruzzjoni mhux biss ghax ma kienx hemm izda ghaliex huwa e*vide*nti li *si tratta* ta' zball uman.

Illi hija abberrazzjoni istituzzjonali, kif l-istess Partit Politiku li kien fil-Gvern u li allura taht il-harsien tieghu gew mizmuma u organizzati dawn l-Elezzjonijiet, issa qieghed jilmenta li tajjeb jew hazin, anke jekk ma ghandux dan il-hsieb, il-fatt li intavola l-azzjoni taht artikolu 3 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea Kap 319 tal-ligijiet ta'

Malta, qieghed jittenta li jkunu allokat aktar siggijiet abbazi tal-fatt li dawn l-istess elezzjonijiet la kienu hielsa u lanqas liberi.

Illi b'konsegwenza ta' dan, b'mod ghal kollox legalment inkongruwu, l-aggressur u l-vittma huma l-istess persuna li qed jippromwovu l-azzjoni odjerna. Tajjeb jew hazin il-Kummissjoni Elettorali, skont artikolu 60 (3) tal-Kostituzzjoni, taqa' taht id-dekasteru tal-Prim Ministru tant li tigi mahtura mill-President fuq parir, li fir-realta' l-President ma jistax jirrifjuta, tal-Prim Ministru stess. Il-Prim Ministru ta' dakinhar kien il-Kap tal-Partit Nazzjonalista, li issa qieghed jipprezenta l-kawza odjerna!

Illi li huwa ta' importanza, li *ai fini* tal-artikolu 3 tal-Protokoll numru wiehed tal-Konvenzjoni Ewropea Kap 319 tal-ligijiet ta' Malta, li l-kompozizzjoni ahharija tal-Kamra tad-Deputati tirrifletti fis-sustanza l-ammont ta' voti li l-Partiti gabu fuq l-ewwel ghadd. Dan indipendentement mill-hdim tal-mekkanizmi legali kontemplati ghall-ahjar organizzazzjoni tal-Elezzjonijiet Generali, ikkunsidrati wkoll l-imperfezzjonijiet umani li jinsabu f’ kull sistema elettorali demokratika, u dan sabiex ikun accertat li, f’ sens politiku aktar milli legali, li r-rieda tal-poplu tkun tassew giet rispettata fl-ghazla tal-legislatura. Ghalhekk fis-sustanza, ma kien hemm l-ebda lezjoni tad-dritt lamentat. A skans ta' ripetizzjoni l-esponenti qeghdin jaghmlu ampja referenza ghal dak li ssottomettew dwar din il-materja fl-appell minnhom interpost quddiem l-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali.

Illi bhala fatt ma hemm l-ebda lezjoni tad-dritt protett mill-artikolu tlieta tal-Protokoll Wiehed tal-Konvenzjoni Ewropea Kap 319 tal-ligijiet ta' Malta, billi bhala fatt inzammew elezzjonijiet hielsa u liberi minn kull kondotta korrotta jew prattika illegali u dan kif trid il-kostituzzjoni, il-ligi, t-trattat fuq kollox l-istess Konvenzjoni Ewropea taht l-artikolu imsemmi. Il-possibilita' li ttiehdu zbalji teknici fit-trasferiment u l-ghadd tal-voti bl-ebda mod ma jwassal ghal sitwazzjoni ta' vjolazzjoni tad-drittijiet kontemplati fl-artikolu 3 tal-Protokoll numru 1 tal-Konvenzjoni Ewropea Kap 319 tal-ligijiet ta' Malta, li wara kollox qieghed hemm biex jassigura elezzjonijiet hielsa u liberi, li dwar dan ma hemm l-ebda diverbju bejn il-partijiet ghal kawza odejrna.

Illi jekk fil-kors ta' l-ghadd saru xi zbalji, u l-partijiet interessati ma kkoregewx tempestivament dan l-izball kif trid il-Kostituzzjoni b'mod partikulari, bl-ebda tigbid tal-immagginazzjoni kemm mill-ottika politika u wisq aktar legali, ma jwassal ghal vjolazzjoni ta' dan l-artikolu tal-Konvenzjoni Ewropea.

Illi tajjeb li jinghad, li meta l-artikolu 3 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea Kap 319 tal-ligijiet ta' Malta, jirreferi ghall-elezzjonijiet hielsa u liberi, ghalkemm f’ forma ta' normativa, il-kuncett fih innifsu ma huwa anqas legali izda aktar politiku. Li ghandu f’ mohhu il-legizlatur b'dan l-artikolu ma hiex sitwazzjoni bhal dik li qeghdin jillamentaw minnha l-esponenti li tigri fid-dinja demokratika kollha, sa ricenti fl-Ingilterra, bil-Konservattivi jottjenu l-maggoranza tas-sigggijiet fil-Parlament Ingliz, b'36% tal-voti, izda xenarju ghal kollox differenti. Dak l-artikolu kjarament

jindirrizza sitwazzjoni fejn ikollok xi politiku li jrid jiqba' iggranfat mal-poter, billi ma jirrispettax il-principji bazici tad-demokrazija li jiggarantixxu elezzjonijiet hielsa u liberi. Dan zgur ma hux il-kaz li ghandha quddiemha din l-Onorabbli Qorti.

Illi fis-sistema Maltija, huwa rilevanti li f' dan il-kuntest, li l-partijiet kellhom l-opportunita' kollha fil-ligi li jissalvagwardjaw tajjeb il-pozizzjoni taghhom u li r-rizultat ahhari jirrifletti r-rieda tal-poplu liberament espressa. Jinghad ukoll li r-rimedji li tipprovdi l-Kostituzzjoni ghall-korrezzjoni ta' zball, anke jekk dawn ir-rimedji ma jintuzawx tempestivament, huma parti essenzjali mill-karattru hieles u liberu ta' kif jinzammu l-elezzjonijiet f' pajjizna.

Illi l-Kostituzzjoni taghna mhux biss tiggarantixxi elezzjonijiet hielsa u liberi, izda sa fejn huwa umanament possibbli anke jkunu hielsa minn zbalji umani. Izda l-kuncett ta' elezzjonijiet hielsa u liberi, li huwa wiehed politiku, irid jinzamm distint, mill-helsien ta' zbalji umani, li huwa kuncett legali ghall-ahhar.

Illi l-artikolu 3 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea Kap 319 tal-ligijiet ta' Malta huwa komminazzjoni fuq l-ewwel xorta ta' zball u mhux fuq it-tieni wiehed. Dak li ghandha quddiemha l-Qorti hija t-tieni cirkostanza, allura jsegwi li l-artikolu 3 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea ma hux assolutament applikabbli.

Illi *dato ma non concesso* li din l-Onorabbli Qorti ma ssibx li dak kollu fuq espost huwa gustifikat, irid jinghad li r-rimedju

li trid taghti dina l-Onorabbli Qorti qatt ma jista' jkun li talloka siggijiet ohra lil xi Partit fil-Parlament. Dan huwa inkoncepibbli, ghaliex din hija materja esklussivament dipendenti fuq process elettorali kumpless li jiskatta biss kontemporanjament mal-mument li poplu jivvota.

Illi din hija materja, li hija impernjata fuq principju ta' gerarkija ta' ligijiet, fost ohrajn izda mhux biss, anke fid-dawl ta' dak li jiddisponi artikolu 6 tal-Kostituzzjoni, kif ser ikun trattat fil-kors ta' din il-kawza. Din hija materja li tappartjeni biss u unikament lill-Awtoritajiet kostitwiti mill-Kostituzzjoni u anke mill-Kosituzzjoni nnifisha, li hija strument legali suprem fuq kull strument legali iehor, tant li anke l-Kap 319 tal-ligijiet ta' Malta jsalvaha. Fi ftit kliem, l-allokazzjoni ta' siggijiet fil-Parlament barra l-qafas ta' dak dak li tiddisponi l-Kostituzzjoni huwa fih innifsu anti-kostituzzjonali.

Illi bla pregudizzju ghas-suespost u *dato ma non concesso* li anke dan l-argument ikun rigettat, jekk ser ikun hemm allokazzjoni ta' siggijiet lir-rikorrenti, allura bilfors irid isir ezercizzju profond biex f'dawn il-proceduri jrid ikun ukoll analizzat jekk b'konsegwenza ta' dan ghandux ukoll ikun hemm allokazzjoni lill-Partit Laburista ta' aktar siggijiet fid-dawl tad-distakk plebixxitarju ta' 'l fuq minn 36,000 vot mill-Partit Nazzjonalista.

Illi dwar il-mertu a skans ta' repitizzjoni l-esponenti jaghmlu wkoll ampja referenza ghal dak sottomess fir-rikors tal-appell taghhom interpost quddiem il-Qorti Kostituzzjonali.

Bl-ispejjez u b'riserva ghal kull sottomissjoni ulterjuri fil-kors tal-kawza.

Ghaldaqstant l-esponenti jissottomettu bir-rispett li t-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu rigettati.

Rat ir-Risposta tal-Kummissjoni Elettorali datata 23 ta' Gunju 2015 a fol 703 tal-process :

Li biha, in ottemperanza mad-digriet lilha notifikat illum 19 ta' Gunju 2015, qieghed tiddikjara li qieghda zzomm fermi u shah ir-risposti ga minnha maghmula u s-sottomissjonijiet u osservazzjonijiet kollha minnha maghmula salv li tirriserva li tqanqal kull kwistjoni ohra li tkun mehtiega jew necessarja skont il-kaz, billi hija, il-Kummissjoni dejjem imxiet skont il-ligi.

Rat ir-Risposta tal-kjamati fil-kawza l-Onor. Dr Justyne Caruana, Onor. Joe Debono Grech u l-Onor. Edward Scicluna datata 23 ta' Gunju 2015 a fol 704 tal-process fejn esponew illi :

Wara li l-Qorti Kostituzzjonali b' sentenza tad-29 ta' Mejju 2015 hassret is-sentenza ta' din il-Qorti diversament presjeduta tal-5 ta' Frar 2015, b' digriet tat-3 ta' Gunju 2015 din il-Qorti akkordat lill-intimati zmien biex jaghmlu risposta.

A skans ta' repetizzjoni bla bzonn, l-esponenti jaghmlu riferenza shiha ghar-risposta originali taghhom wara li kienu gew kjamati fil-kawza. L-esponenti jaghmlu riferenza wkoll ghas-sottomissjonijiet taghhom quddiem dik il-Qorti u

ghas-sottomissjonijiet maghmul minnhom fir-rikors tal-appell quddiem il-Qorti Kostituzzjonali.

L-esponenti qeghdin jirrizervaw li jressqu sottomissjonijiet ulterjuri fl-istadju opportun.

Rat ir-Risposta tal-Avukat Generali datata 23 ta’ Gunju 2015 (a fol 712) fejn espona :

Illi l-esponenti a skans ta’ ripetizzjoni jaghmel riferenza ghar-risposta prezentata minnu fil-15 ta’ Gunju 2013 u jissottometti li qed izomm ferm l-eccezzjonijiet kollha kif dedotti fl-istess risposta.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez.

Rat il-verbal tas-seduta tat-23 ta' Gunju 2015 (fol 706) fejn meta ssejjah ir-rikors dehru Rosette Thake ghall-Partit Nazzjonalista u l-Onor. Claudette Buttigieg, l-Onor. Frederick Azzopardi u s-Sur Edwin Vassallo ilkoll assistiti minn Dr Paul Borg Olivier. Deher Joseph Church, Chief Electoral Commissioner assistit minn Profs Ian Refalo. Deher l-Avukat Generali Dr Peter Grech u Dr Victoria Buttigieg. Dehret Dr Lydia Abela ghan-nom tal-Partit Laburista kif ukoll qed tassisti lill-istess partit flimkien ma' Dr Toni Abela.

Deher Dr Pawlu Lia li qed jidher ghall-Onor. Edward Scicluna, l-Onor. Joe Debono Grech u l-Onor. Dr Justyne

Caruana. Il-Qorti ordnat korrezzjoni fl-okkju ndikat fir-risposta tal-Partit Laburista billi tizdied referenza ghad-digriet taghha tat-18 ta' Gunju 2015. Dr Toni Abela rrileva li llum stess il-Partit Laburista ntavola kawza quddiem il-Qorti Prim' Awla Civili (Sede Kostituzzjonali) *in vista* tad-deliberazzjonijiet maghmula mill-Qorti Kostituzzjonali inkwantu jirrigwarda pargarafu 20 ta' dik is-sentenza, ic-cahda tal-eccezzjoni ta' gurisdizzjoni mqanqla originarjament fil-kawza li giet deciza fil-5 ta' Frar 2015. Dan ghaliex tali deliberazzjoni hija in kontradizzjoni tat-thassir u l-annullament tal-kawza in kwistjoni u l-accettazzjoni tal-Partit Laburista bhala parti interessata li allura kollox kellu jkun 'status quo ante' bil-possibbilita` li l-Partit Laburista jkollu l-beneficcju, flimkien mal-konvenuti l-ohrajn, li jitratta l-eccezzjoni ta' gurisdizzjoni. *Quindi* l-azzjoni li giet proposta hi sabiex jissalvagwardjaw id-drittijiet taghhom *ai termini* tal-artikolu 39 (2) tal-Kostituzzjoni u tal-Art 6 tal-Konvenzjoni Ewropea. Dan qed jigi vverbalizzat tant ghall-informazzjoni tal-partijiet f'din il-kawza, u jirriserva li fil-mument li jinghalqu l-proceduri preliminari, il-kawza msemmija tigi trattata, mismugha u deciza minn din l-istess Qorti. Dr Toni Abela pprezenta kopja tar-rikors Kostituzzjonali msemmi awtentikata minnu stess. Dr Toni Abela *in vista* tar-rikors li pprezenta llum dwar il-ksur tad-drittijiet fundamentali tal-Partit Laburista u wara li esebixxa vera kopja tar-rikors in kwistjoni talab li wara li din il-Qorti tipprocedi bi smigh u trattazzjoni tal-kawza numru 26/2013/LSO u cioe` l-kawza odjerna, jkun utli li tissporassjedi u dan peress li l-kawza l-ohra tirrigwarda intrinsikament il-mertu tal-kawza li ghandha quddiemha din l-Onorabbli Qorti llum, li l-konsegwenzi ta'

dik il-kawza jincidu direttament fuq l-ezitu sostanzjali tal-kawza odjerna. Ir-rikors gie differit ghas-7 ta' Lulju 2015 fin-12:30p.m. ghat-trattazzjoni tal-partijiet tat-talba hawn fuq ivverbalizzata u sabiex imbaghad il-kawza tithalla ghal digriet.

Rat il-verbal tas-seduta tas-7 ta' Lulju 2015 fejn meta ssejhet il-kawza dehru d-difensuri tal-partijiet u l-partijiet. It-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet riferibbilment ghat-talba mressqa fl-ahhar verbal tat-23 ta' Gunju 2015 giet registrata fuq is-sistema eletronika. Dr Toni Abela b' referenza ghall-penultimu paragrafu tal-verbal tat-23 ta' Gunju 2015 wara l-kliem "in kwisjtoni" talab li l-kelma "wara" ghal fini ta' kjarifika ghandha tkun "qabel ma din il-Qorti". Il-Qorti laqghet it-talba u ordnat il-korrezzjoni mehtiega. Ir-rikors gie differit ghall-21 ta' Lulju 2015 biex jinghata digriet dwar is-soprasessjoni fl-10:30am. u jekk ikun il-kaz din il-Qorti wkoll tippronunzja ruhha dwar il-konnessjoni ta' din il-kawza mat-tieni kawza kostituzzjonali.

Rat id-digriet tal-21 ta' Lulju 2015 a fol 726 *et seq* tal-process fejn il-Qorti ddegretat illi :

*"Ghaldaqstant fid-dawl tal-premess tichad it-talba ghas-soprasessjoni u tordna l-prosegwiment tal-kawza filwaqt li tirriserva li terga' tikkonsidra talba simili wara li jingabru l-provi kollha."*

Rat in-nota tal-Avukat Generali a fol 737 tal-process fejn salv ghall-kontro-ezamijiet, huwa m'ghandux xhieda x'jiddikjara b'riserva hemm dikjarata.

Rat in-nota tar-rikorrent u ta' Claudette Buttigieg, Frederick Azzopardi u Edwin Vassallo tas-7 ta' Awwissu 2015 fejn iddikjaraw li jirrimettu ruhhom ghall-provi kollha imressqa minnhom fl-atti salv kontro-ezamijiet u riservi ohra hemm dikjarati.

Rat in-nota tal-Onor. Dr Justyne Caruana, Onor. Joe Debono Grech u Onor. Edward Scicluna tal-25 ta' Awwissu 2015 fejn iddikjaraw li m'ghandhomx provi godda f'dan l-istadju b'riserva ghall-kontro-ezamijiet u provi li jistghu jkunu mehtiega fi stadju ulterjuri.

Rat in-nota tal-Kummissjoni Elettorali tat-3 ta' Awwissu 2015 (fol 756) fejn iddikjara li m'ghandux provi ohra salv kontro ezamijiet u li jirregola ruhu fuq xhieda prodotti mill-partijiet l-ohra.

Rat il-verbal tas-seduta tat-Tlieta, 15 ta' Settembru 2015 (fol 742) fejn meta ssejjah ir-rikors dehru Dr Paul Borg Olivier ghall-Partit Nazzjonalista, Dr Toni Abela ghall-Partit Laburista, Profs. Refalo ghall-Ufficcju Elettorali, Dr Peter Grech l-Avukat Generali, u Dr Pawlu Lia ghall-Onor. Edward Scicluna, l-Onor. Joe Debono Grech u l-Onor. Dr Justyne Caruana. Il-Qorti billi l-Onor. Profs Edward Scicluna ghadu mhux notifikat bir-rikors tal-kjamat in kawza, Dr Pawlu Lia ghadda ruhu b'notifikat ghan-nom tal-patrocinat tieghu bl-istess rikors, u ghandu jwiegeb fi zmien gimgha minn dan id-digriet. Id-difensuri prezenti qablu li ghandhom jittrattaw ir-rikors tat-22 ta’ Lulju 2015. Profs Ian Refalo rrimetta ruhu ghad-decizjoni tal-Qorti. Dr Toni Abela ghandu fi zmien

gimgha minn dan id-digriet jipprezenta n-nota ordnata mill-Qorti fil-21 ta' Lulju 2015, li ghandu jigi notifikat lid-difensuri tal-partijet kollha. Il-kawza giet differita ghall-24 ta' Settembru 2015 fid-9:30a.m. sabiex jinghata digriet fuq ir-rikors tat-22 ta' Lulju 2015 u wara tithalla ghall-provi fuq l-eccezzjonijiet preliminari.

Rat id-digriet ta' din il-Qorti hekk presjeduta moghti fl-24 ta' Settembru 2015 (fol 768) fejn il-Qorti :

*"Ghaldaqstant ghar-ragunijiet premessi, il-Qorti tiddisponi mir-rikors odjern billi tichad l-istess u tordna l-prosegwiment tal-kawza."*

Rat ukoll fl-istess verbal d-digriet taghha li "*salv ir-riservi espressi mill-istess difensuri fin-noti rispettivi taghhom rigward provi godda li jridu jressqu, anke permezz ta' ezami mill-gdid ta' xhieda li diga' taw id-deposizzjoni taghhom fi proceduri li kienu instemghu quddiem il-Qorti diversament ippressjeduta, tordna li l-provi kollha li jingabru f'dawn il-proceduri jifformaw parti integrali mill-proceduri odjerni."*

Rat iz-zewg digrieti moghtija fit-2 Frar 2016 kif jidher a fol 828 u 835 tal-process.

Rat in-nota ta' Sottomissjonijiet tal-Kummissarju Elettorali datata 21 ta' Marzu 2016 a fol 837 tal-process.

Rat in-nota ta' Sottomissjonijiet tal-Avukat Generali datata 22 ta' Marzu 2016 a fol 845 tal-process.

Rat in-nota ta' Sottomissjonijiet tal-Perit Daniel Micallef u Dr Lydia Abela ghan-nom u fl-interess tal-Partit Laburista datata 22 ta' Marzu 2016 a fol 856 tal-process.

Rat in-nota ta' Sottomissjonijiet tar-rikorrenti u l-kjamat fil-kawza Edwin Vassallo datata 22 ta' Marzu 2016 a fol 865 tal-process.

Rat in-nota ta' Sottomissjonijiet tal-kjamati fil-kawza l-Onor. Dr Justyne Caruana, Onor. Joe Debono Grech u Onor. Edward Scicluna datata 22 ta' Marzu 2016 a fol 894 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fis-7 ta' April 2016 fejn meta ssejjah ir-rikors dehru Dr Paul Borg Olivier ghar-rikorrenti, prezenti s-Sur Edwin Vassallo. Deher Dr Toni Abela ghall-intimati patrocinati minnu. Deher Profs Ian Refalo ghall-Ufficcju Elettorali prezenti George Saliba, s-Segretarju tal-Kummissjoni Elettorali. Deher Dr Pawlu Lia ghall-Onor. Edward Scicluna, l-Onor. Joe Debono Grech u l-Onor. Dr Justyne Caruana. Deher l-Avukat Generali Dr Peter Grech assistit minn Dr Victoria Buttigieg. Il-Qorti semghet it-trattazzjoni estensiva tal-punti konvenzjonali ta' Dr Paul Borg Olivier, Dr Toni Abela, Profs Ian Refalo, Dr Peter Grech u ta' Dr Pawlu Lia u r-replika ta' Dr Paul Borg Olivier u ta' Dr Toni Abela, liema trattazzjoni giet registrata fuq is-sistema eletronika. Ir-rikors gie differit ghas-sentenza ghas-26 ta' Mejju 2016 fid-9:30a.m.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

Illi r-rikorrenti jilmentaw li sofrew lezjoni fid-drittijiet fondamentali taghhom kif sanciti fit-termini tal-**Artikolu 3 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem - Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta, '**l quddiem imsejjah "**Il-Konvenzjoni**"*.* Huma qed jitolbu dikjarazzjoni u rimedji effettivi billi jsostnu li kien hemm mankanza fil-process elettorali fl-elezzjonijiet generali tad-9 ta' Marzu 2013, kemm fit-tmien distrett, u fit-tlettax-il distrett, u li dawn il-mankanzi wasslu sabiex cahdu lill-Partit Nazzjonalista milli jkollu wiehed jew zewg kandidati eletti skont ir-rieda tal-votanti. Jghidu wkoll li tali mankanzi taw rizultat skorrett, b’mod li effetwa l-implimentazzjoni tal-artikolu 52 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

Illi l-intimati u l-kjamati in kawza eccetto Edwin Vassallo issollevaw eccezzjonijiet preliminari oltre eccezzjonijiet sostantivi. Il-Kummissjoni Elettorali eccepiet li:- i) mhix il-legittimu kontradittur f'dawn il-proceduri filwaqt li l-intimati u l-kjamati in kawza salv Edwin Vassallo eccipew ukoll:- ii) in-nuqqas ta' gurisdizzjoni ta' din il-Qorti; iii) r-rikorrenti kellhom rimedji ohra disponibbli ghalihom: iv) li l-azzjoni odjerna hija perenta billi giet pprezentata *fuori termine*; v) in-nuqqas ta' interess guridiku ta' Claudette Buttigieg u ta' Frederick Azzopardi; filwaqt li b'zieda ma’ dawn l-Avukat Generai eccepixxa wkoll vi) in kwantu li l-ezitu ta' dawn il-proceduri jimpingi direttament fuq id-drittijiet ta' persuni ohra eletti fil-Parlament, il-proceduri ma jistghux jipprocedu 'il quddiem minghajr ma tinghata l-opportunita lil dawk il-

membri parlamentari l-ohra li jkunu parti fil-proceduri odjerni.

Illi l-kjamat in kawza **Edwin Vassallo** eccepixxa imbaghad li l-izbalji in mertu waslu sabiex hu qed jistenna li jigi dikjarat elett f'kaz li l-izball jigi rettifikat.

Illi fil-mertu gie eccepit li fl-elezzjonijiet generali tad-9 ta' Marzu 2013 l-Istat Malti b'rispett shih lejn il-principju tad-demokrazija osserva rigorozament l-obbligu tieghu ghal finijiet tal-Artikolu 3 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea ghax zamm elezzjoni libera f' intervall xieraq b'votazzjoni sigrieta, taht kundizzjonijiet li zguraw l-espressjoni libera tal-opinjoni tal-poplu fl-ghazla tal-legislatura. Gie eccepit mill-Kummissjoni Elettorali li ma kien hemm l-ebda lezjoni tad-dritt protett mill-artikolu 3 billi huwa importanti li l-komposizzjoni ahharija tal-Kamra tad-Deputati tirrifletti fis-sustanza il-proporzjonijiet li l-partiti gabu fuq l-ewwel ghadd u dan indipendentement mill-hdim tal-mekkanizmi legali kontemplati biex dan il-persentagg jigi rispettat. Ghalhekk fis-sustanza ma kien hemm l-ebda lezjoni tad-dritt lamentat.

**Fatti:**

Il-fatti kif jirrizultaw huma s-segwenti:

Irrizulta li waqt il-process tal-ghadd tal-voti fl-elezzjonijiet generali tad-9 ta' Marzu 2013, saru zbalji konsistenti f'pakkett ta' hamsin (50) vot, bl-unijiet tal-kandidata tal-Partit Nazzjonalista Claudette Buttigieg fuq it-tmien distrett

li gie mqieghed mal-voti tal-kandidat tal-PN Dr. Michael Asciak. Irrizulta wkoll, li fit-tlettax-il distrett kien hemm numru ta' voti, inqas minn ghaxra, li gew impoggija f'pakkett skorrett, u ma gewx konteggjati. Illi kopja tar-rizultat elettorali jinsab esebit bhala **Dok A** (fol 23-36).

Claudette Buttigieg ma gietx eletta bi tmien voti biss, u l-Kummissjoni Elettorali mal-hmistax-il ghadd, ddikjarat li kien elett Edward Scicluna, kandidat tal-Partit Laburista minflokha. Frederick Azzopardi ukoll kien wiehed mill-kandidati fi hdan il-Partit Nazzjonalista. Hu kkandida ruhu fuq it-tlettax-il distrett, hu ma giex elett b'disa' (9) voti biss u il-Kummissjoni Elettorali mal-ghaxar ghadd iddikjarat li kien elett kandidat iehor, Dr Justyne Caruana mill-Partit Laburista minnfloku.

Irrizulta wkoll li saru oggezzjonijiet ghal dawn l-izbalji waqt il-process tal-ghadd tal-voti, u sussegwentement gew istitwiti proceduri quddiem il-Qorti Kostituzzjonali f'zewg kawzi separati, u cjoe` **"Frederick Azzopardi vs Kummissjoni Elettorali", u "Claudette Buttigieg vs Kummissjoni Elettorali",** liema kawzi gew decizi fit-13 ta' Marzu 2013[6].

Fil-kawzi imsemmija l-Qorti Kostituzzjonali ddeciediet li l-atturi ma kellhomx interess ġuridiku biex imexxu l-azzjoni, u helset lill-Kummissjoni mill-ħarsien tal-ġudizzju.

Illi l-Partit Nazzjonalista kien wiehed mill-partiti politici li ressaq kandidati ghall-elezzjoni generali li sehhet fid-9 ta'

[6] Rik.Kost 525/2013 u 526/2013 rispettivament

Marzu 2013 u li skont ir-rizultat mahrug mill-Kummissjoni Elettorali huwa gie immarkat bl-ewwel preferenza fuq mija tnejn u tletin elf, erba' mija sitta u ghoxrin (132,426) polza tal-voti mixhuta mill-votanti fuq firxa ta' tlettax-il distrett filwaqt li l-Partit Laburista gab rizultat ta' 167,533 vot[7].

Illi konsegwentement giet applikata il-procedura hekk imsejha tar-ripeskagg tal-voti stabbilita bl-**artikolu 52 tal-Kostituzzjoni** ta' Malta lill-Partit Nazzjonalista bhala l-partit li ghandu minoranza parlamentari. Il-Partit Nazzjonalista gie assenjat erba' siggijiet addizzjonali li missew fost ohrajn lir-rikorrenti Claudette Buttigieg u Frederick Azzopardi.

Ir-rizultat finali huwa distakk ta' disa' siggijiet fil-Parlament bejn il-PL (39) u l-PN (30).

**<u>Xhieda Rilevanti:</u>**

**Xhieda li nstemghet quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta:**

**Frederick Azzopardi** xehed a fol. 160 *et seq*. u kkonferma li huwa kien kandidat fuq it-tlettax-il distrett fl-elezzjoni li ghaddiet. L-ilment tieghu kien dwar l-ghaxar voti neqsin u li baqghu ma nstabux. Frederick Azzopardi xehed illi f'ebda hin tul il-process ma inghata indikazzjoni li dawn l-ghaxar voti gew imfittxija. Zied li huwa kien inghata l-ahbar li fil-fatt gie elett, u dan fil-fatt gie imxandar fuq il-mezzi tax-xandir. Ftit wara izda kienu cemplulu w informawh li l-kandidata

[7] Gazzetta tal-Gvern a fol 24 tal-process.

tal-Partit Laburista kienet talbet *recount*. Mitlub jghid meta sar jaf bl-izball, Azzopardi xehed li jidher li l-izball : *"beda mill-bidu; fit-tmien (8) count meta gew mitfughin il-voti biex jigu mqassma il-voti ta' Paul Buttigieg irrizulta li f'dak il-bundle tieghu kien hemm ghaxar voti neqsin. Waqaf ghal ftit il-process biex jaraw isibuhomx, u baqghu ma sabuhomx l-ghaxar voti. Jigifieri dak il-hin indunajna li, u dawn l-ghaxar voti baqghu ghadejjien jidhru dejjem. Fil-fatt imbaghad biex kompla il-process dan kien hemm decizjoni li jitnizzlu mal-voti non transferable votes. Biex issir ir-reconciliation."*- Hu pprotesta *tramite* d-delegat tal-Partit Nazzjonalista l-fatt li 10 voti ma nstabux.[8]

**Frederick Azzopardi** xehed ukoll illi qabel ma ntalab ir-*recount* mill-kandidata tal-Partit Laburista, huwa kien erba' voti minn quddiem u wara ir-*recount* ir-rizultat kien ta' disa' voti minn taht. Azzopardi xehed illi minkejja r-*recount* dawn l-ghaxar voti baqghu ma nstabux.

**In kontro ezami** xehed illi fil-kamra tal-ghadd tal-voti huwa ma rax l-Ittra **E** hdejn ismu 'l ghaliex huwa ma kienx hemm u kien biss ha l-ahbar minghand il-kollegi tieghu. Ikkonferma illi bhala kandidat huwa kellu dritt li jkun prezenti waqt l-ghadd tal-voti u li jipprotesta jekk jara xi irregolarita', u li jkollu l-agent tieghu bl-istess drittijiet.

Frederick Azzopardi xehed ukoll illi l-izball gie skopert fit-tmien *count*, izda hadd ma kien jaf ezattament meta l-izball ittiehed. Azzopardi ikkonferma illi hu, jew l-agent tieghu, kien prezenti waqt il-process shih tal-ghadd tal-voti, izda

[8] Ittra esebita bhala Dok Z a fol 63 fl-atti tar-Rikors K 525/13,

dan l-izball ma kienx wiehed illi hu seta' jinduna bih, 'l ghaliex l-ghaxar voti sparixxew mill-*bundle* ta' Paul Buttigieg. Azzopardi xehed illi waqt illi kien hemm ftehim illi dawn il-voti jmorru man-*non transferable votes*, kien hemm ukoll kondizzjoni illi jekk dawn jaffetwaw ir-rizultat ahhari, allura jsiru diskussjonijiet ulterjuri – *vide* fol. 171.

Azzopardi xehed illi ma setghax jitlob *recount* tat-tmien *count* f'dak il-hin 'l ghaliex ma kienx il-kandidat involut sa dak il-mument. Azzopardi xehed li kien hemm hames *counts* ohra in segwitu tat-tmien *count* illi fihom ma dehrlux li kellu jinterponi oggezzjoni. Qal li kellu jigi elett bil-mod normali u gie elett biss minhabba l-emenda Kostituzzjonali.

**Fil-kontro ezami** Azzopardi ikkonferma li huwa kkontesta din il-kwistjoni bi proceduri appoziti quddiem il-Qorti Kostituzzjonali.

**Dr. Ian Micallef a fol. 177 *et seq*.** xehed illi fl-elezzjoni generali li ghaddiet huwa kien sotto delegat tal-Partit Nazzjonalista u dana fuq id-distretti kollha tal-pajjiz. Qal illi meta inqala' l-ilment dwar it-tlettax-il distrett huwa ma kienx prezenti, izda kienu prezenti Boris Scerri u Dylon Zammit. Ghar-rigward tal-intopp li nqala' fit-tmien distrett Dr. Micallef xehed illi huwa kien prezenti meta dan fegg. Huwa xhed illi kienu ser jibdew l-ghadd tal-voti ta' Michael Asciak sabiex jaraw it-trasferiment tal-voti tieghu fejn kienu ser imorru, meta gie skopert illi fost il-voti ta' Axiaq, kien hemm pakkett ta' hamsin *1st preference votes* ta' Claudette Buttigieg. Dr Micallef xehed illi l-*band* illi jorbot il-pakkett ta' hamsin voti kellu miktub fuqu l-isem ta' Michael Asciak minflokk dak ta'

Claudette Buttigieg.[9] Dr Micallef xehed li kien talab li l-process jieqaf, kellem lill-kandidata Buttigieg, taha formola appozita sabiex titlob *recount* u din giet mghoddija lill-Kummissjoni Elettorali li waqqaf il process sakemm tigi rizolta din il-problema. Il-Kummissjoni Elettrorali laqqa' iz-zewg partiti u d-decizjoni kienet "*illi ghalkemm jafu li hemm zball pero` jhossu li huma ma jistghux imorru lura biex dak l-izball jigi irrangat*." Saru protesti ghal din id-decizjoni ma' kull *count* sussegwenti. Qabel ma ttiehdet id-decizjoni tal-Kummissjoni kienu ghamlu sottomissjonijiet bil-miktub, iffirmata mill-kandidata Buttigieg pero` ma setax jiftakar jekk kienitx giet iffirmata minnu wkoll.

Dr. Micallef ikkonferma illi dan l-izball wiehed ma jistaghx jinduna bih 'l ghaliex wiehed jista' josserva li l-voti jidhlu f'garzella specifika, izda meta dawn jitqieghdu f'pakketti u l-pakketti imorru f'garzelli fuq nett, wiehed ma jistax isegwi ghalkemm hemm tliet *supervisors* li suppost ikunu qeghdin jissorveljaw.

Apparti li ipprotestaw f'kull *count* sussegwenti, "*ma stajna naghmlu xejn aktar at that point*." – *vide* fol. 181.

**In kontro-ezami quddiem din il-Qorti** [10] qal li meta nqala' l-kaz tal-pakkett tal-voti ta' Claudette Pace, qal li kien ghamel ittra li giet iffirmata mill-kandidata Claudette Pace, sussegwentement iltaqghet il-Kummissjoni Elettorali, u waqfet il-process, izda meta ttiehdet id-decizjoni li l-process ikompli, hu ma setax jordna li l-process imur lura.

---

[9] Dan il-band jinsab esebit fil-process 526/13 QK fl-ismijiet *Claudette Buttigieg v Il-Kummissjoni Elettorali* allegat f'dawn l-atti u immarkat **DOK IM1.**
[10] Seduta tat-13 ta' Jannar 2016

Qal li hu kien ghamel l-oggezzjoni qabel inghalaq il-process tal-ghadd tal-voti tat-tmien distrett. Spjega li wiehed mill-agenti tal-partiti li jkun mal-perspex gibidlu l-attenzjoni.

In ri-ezami qal, li malli saru jafu, mill-ewwel saret l-oggezzjoni u twaqqaf il-process, u l-Kummissjoni Elettorali ratu dan. Semma li jiftakar li darba minnhom fil-Kunsill Lokali ta' Haz-Zebbug, kien rega' beda l-*counting* mill-ewwel ghadd.

**Dr. Chris Said** Segretarju Generali tal-Partit Nazzjonalista xehed a fol. 184 *et seq*., u qal li l-elezzjoni li ghaddiet huwa kien involut bhala wiehed mill-kandidati fuq it-tlettax –il disrett li fihom sar wiehed mill-izbalji izda ma kienx prezenti meta inkixef l-izball. Qal illi l-partit kien rikorrent f'din il-kawza 'l ghaliex kellu interess fuq zewg binari:

L-ewwel wiehed 'l ghaliex fl-assenza tal-izbalji fiz-zewg distretti cioe` tmienja u tlettax, ir-rizultat finali ghall-partit tieghu fiz-zewg distretti kien ikun tlett deputati ghall-Partit Nazzjonalista u zewg deputati ghall-Partit Laburista, minflok *vice versa*.

It-tieni nett, bis-sistema matematika fi hdan il-Kostituzzjoni ta' Malta ta' ripeskagg f'mankanza ta' dawn l-izbalji, d-differenza ta' deputati fil-Parlament bejn il-Gvern u l-Oppozizzjoni kienet tkun ta' seba' deputati u mhux disgha kif inhi qieghda llum.

Dr Said xehed illi ghall-partit rikorrenti in oppozizzjoni distakk ta' sebgha minflok disgha deputati taghmel differenza fil-hidma tal-oppozizzjoni matul il-kors tal-legislatura kollha – fol. 185- 186.

**In kontro-ezami** Dr Said cahad illi d-differenza fin-numru ta' siggijiet kienet biss ipotezi. Dr. Said sostna illi l-izball ta' pakkett ta' hamsin vot ta' Claudette Buttigieg fit-tmien distrett u li l-ghibien ta' ghaxar voti fit-tlettax-il distrett, kienu fatti illi gew stabbiliti mhux biss mill-Kummissjoni Elettorali izda gew stabbiliti ukoll mill-Qorti Kostituzzjonali fid-decizjoni taghha. Dr Said xehed illi ma hadimx il-persentagg ta' voti fl-ewwel ghadd li gab il-Partit Nazzjonalista u l-persentagg ta' deputati mit-total tal-membri tal-kamra tad-deputati, u ma jafx jekk dan il-persentagg jaqbilx. Qal illi l-Konvenzjoni Ewropea Dwar id-Drittijiet tal-Bniedem tiggarantixxi l-espressjoni tal-poplu fl-elezzjoni tigi rispettata, minghajr ma jsiru zbalji, u gialadarba l-izbalji ma gewx rettifikati kellhom isiru dawn il-proceduri. Ghalkemm Dr Said emmen illi dawn l-izbalji ma sarux intenzjonalment, huwa sostna illi apparti l-proceduri ordinarji ta' kif jistghu jigu rizolti l-izbalji, hemm proceduri ohra li wiehed jista' jirrikorri ghalihom inkluz quddiem il-Qorti ghad-Drittijiet tal-Bniedem. Dr.Said xehed illi wiehed mir-rimedji hu li wiehed li jinduna bl-izball ghandu dritt li jattira l-attenzjoni tal-Kummissjoni Elettorali, waqt li l-istess Kummissjoni hija obbligata li tara li l-izbalji ma jsirux, u jekk isiru accidentalment tara li dawn jigu rettifikati. Dan ma jipprekludix it-tehid ta' passi ohra bhal dawn odjerni u ohrajn quddiem il-Qrati – *vide* fol. 191.

**Dr. Chris Said** in kontro-ezami (fol 797-798)[11] quddiem din il-Qorti qal li wara li sar Segretarju Generali dahal fil-formola matematika tal-Profs. Buhagiar. Mistoqsi jekk din il-formola u kalkolu kienx ikkonsidrat il-kwota distrettwali elettorali, qal li le.

**Boris Scerri is-sottodelegat tal-Partit Nazzjonalista** xehed a fol. 192 *et seq*. u kkonferma li meta inqalghet il-problema fuq it-tlettax-il distrett, il-Kummissjoni Elettorali kienet indirizzat lilu. Infatti c-Chief Commissioner Dr. Buttigieg, Louis Fsadni u Anthony Gellel kienu gew ikelmuh ‘l ghaliex meta, fuq it-tlettax-il distrett gew biex iqassmu il-voti ta’ Paul Buttigieg waqt it-tmien *count*, ma setghux jirrikonciljaw il-voti u sabu disa’ voti neqsin – *vide* fol. 193. Scerri xehed illi it-tmien *count* kien ghadu miftuh. Scerri xehed illi l-Kummissjoni ma ordnatx *recount* fis-sens li gew iccekjati s-*sorting* u cioe` jew il-voti tqassmux fil-garzella koretta, izda sempliciment ordnat li jergghu jinghaddu l-voti ta’ dak il-*count*. Scerri xehed li f’ebda hin ma ra xi dokument li indika li kien hemm zball. Huwa ikkonferma li ftehmu mal-Kummissjoni li jitkompla il-process tal-ghadd tal-voti u jekk id-deskrepanza ma tfeggx fil-*count* sussegwenti, Dr.Buttigieg qalilhom: “*isma inthom dejjem ghandkhom id-dritt at a later stage ovvjament jekk ma taqblux fir-rizultat finali, tistghu tappellaw minnu*.” - a fol. 195 u 196.

Boris Scerri xehed illi zball ta’ wiehed jew zewg voti neqsin jigri f’kull elezzjoni u dan l-izball jigi rizolt ghax jinstab fizikament fil-*count* sussegwenti, izda f’dan il-kaz dawn id-

---

[11] Seduta tat-13 ta’ Jannar 2016

disa’ voti qatt ma feggu fil-*count* sussewenti. Ghal dan it-tip ta’ zball qatt ma kienet tigi prezentata formola ghal-*recount*.

**In kontro-ezami** Scerri xehed illi sas-seba’ *count* l-ghadd tal-voti kien jirrikoncilja perfettament sal-anqas vot – a fol. 199, u l-izball fegg biss fit-tmien *count*, b’diskrepanza ta’ disa’ voti neqsin. Scerri xehed illi l-voti tat-tmien *count* fuq it-tlettax –il distrett inghaddu mill-membri tal-Kummissjoni stess bejn tlieta u erba’ darbiet. Kien wara dan illi Dr.Buttigieg kien tal-opinjoni li l-process tal-ghadd tal-voti ghandu jitkompla, b’dana li skont Dr. Buttigieg “dejjem ghandkhom cans ta’ *right of recount* izda il-quddiem jekk inthom ma taqblux fl-ahhar.” – fol. 200. Din kienet decizjoni li ttiehdet mill-Kummissjoni bi qbil tad-delegati taz-zewg partiti. Illi wara dan kompla l-ghadd tal-voti u ma saret ebda oggezzjoni ulterjuri.

**Il-Maggur Vanni Ganado** *Electoral Commissioner*, xehed[12] li kien prezenti meta fegget il-problema fuq it-tmien distrett. Ganado xehed illi fil-erbatax-il *count* kien gie eliminat Michael Axiaq li kellu 1792 –il vot, u dawn il-voti kellhom jitqassmu fil-garzelli tal-kandidati li kienu ghadhom ma gewx eletti jew eliminati. Kien f’dan l-istadju illi nstab pakkett ta’ hamsin vot li indikaw lil Claudette Buttigieg fl-ewwel preferenza. Immedjatament, ingibdet l-attezzjoni tal-partit rikorrenti, waqaf l-ghadd tal-voti, saru l-protesti u l-Kummissjoni zammet laqgha li fiha kien prezenti l-Avukat taghha Profs. Refalo. Il-Kummissjoni ikkonfermat illi ma kienx possibbli illi jinfethu l-ghadd tal-voti tal- *count*

[12] a fol. 205 *et seq*.

precedenti ghall-erbatax –il *count*, u li l-partit rikorrenti seta' biss jirrikorri quddiem il-Qorti sabiex jigi rizolt dan l-izball.

Il-pakkett ta' hamsin vot ta' Claudette Buttigieg gie iccekkjat minn Tony Gellel u nstab li pakkett tal-hamsin vot kienu kollha ta' Claudette Buttigieg. Il-partit rikorrenti ghamel talba bil-miktub iffirmata mill-kandidata Buttigieg u Dr. Ian Micallef, u *Chief Electoral Commissioner* irrisponda illi l-ghadd tal-voti kien ser ikompli, izda stabbilixxa bhala fatt illi meta gew biex jigu trasferiti il-voti ta' Michael Asciak fl-erbatax il-ghadd kien instab pakkett ta' hamsin vot kienu jikkontienu hamsin *1st preference votes* ta' Claudette Buttigieg, li ma kienx ta' Asciak izda kien ta' Claudette Buttigieg. L-ittri gew esibiti u mmarkati bhala V u V1, a fol. 221 u 222. Wara tali decizjoni l-ghadd tal-voti kompla u finalment gie elett Dr. Edward Scicluna u mhux Claudette Buttigieg. Il-hamsin vot ta' Claudette Buttigieg gew meqjusa *non transferable vote*s, ma gewx imnaqqsa minn ta' Michael Asciak jew mghoddija fuq Claudette Buttigieg. Illi d-differenza bejn il-voti ta' Edward Scicluna li gie elett (3688) u dawk ta' Buttigieg (3680) kienu ta' tmien (8) voti, u dana minkejja li l-Kummissjoni kienet konxja li kien hemm hamsin vot ta' Buttigieg li ma gewx kalkolati mal-voti taghha. Il-Kummissjoni f'dan il-mument ma hadet ebda azzjoni ulterjuri, ghajr li l-Partit Nazzjonalista kellu jaghmel rikors.

Ganado xehed ukoll illi l-ligi biss tippermetti *recount* tal-voti, u taghti *recount* totali skont il-*General Elections Act*. Dan it-tip ta' *recount* kien sehh f'okkazzjoni wahda biss fl-

elezzjoni tal-Kunsilli Lokali ta’ Haz-Zebbug.[13] Din kienet prassi unika u qatt ma regghet saret. A fol. 214 Ganado kien tal-fehma li l-izball ta’ 50 *1st preference votes* ta’ Buttigieg sar waqt l-ewwel *count*. Spjega li l-ebda vot iehor qatt ma hareg mill-garzella ta' Claudette Buttigieg ghaliex hi kienet ghadha *in the race.*

Mitlub jghid l-effett tal-izball tal-hamsin vot ta’ Claudette Buttigieg fuq is-sistema tal-formola matematika tas-siggijiet addizzjonali fil-Parlament, Ganado xehed is-segwenti:

*“Jekk qed nifhem tajjeb int qed issaqsini kieku l-hamsin vot marru lura ghand Claudette, tnaqsu minn non transferable Claudette kienet tkun eletta, mela l-Partit Nazzjonalista kien jigi twenty seven (27) u l-PL kien ikollu thirty eight (38). Il-formola li hija parti mill-Article 52 of Constitution or clause 23 tat-13th sheduled tal-General Elections Act li jaghti ezatt x’ghandek taghmel u ma taghmilx tiehu t-total ta’ kull partit, l-unijiet, first count, you divide them by the eventual number of candidates declared, johrog the average votes per candidate elected. Issa mela ghandek two (2) averages, partit ikollu generalment an average inqas mill-average l-iehor, mela dak il-partit uza inqas voti biex itella kandidati tieghu. Mela l-Cooption Act tghid, mela tiehu l-voti issa l-unijiet tal-partit l-iehor u tiddividieh mhux bl-average tieghu imma bl-average tal-partit li kellu inqas. Mela minghar Claudette Buttigieg ir-rizultat ta’ dik, u fil-fatt fuq hekk gew il-Membri tal-House kien thirty nine (39),*

[13] Spjega li kien hemm hafna zbalji f'dik l-elezzjoni u marru lura sal-*first count* kemm jista’ jkun izommu l-voti dejjem fil-pakketti kif kienu biex fejn ikun hemm zbalji, imissu minimament il-voti. Qal li kien hemm xi ghaxar voti li kienu jaghmlu *copensating errors* u dan l-ezercizzju sar bi qbil mar-rapprezentanti taz-zewg partiti.

*thirty (30) u hekk fil-fatt hadu l-gurament etc, etc, ghax dejjem trid tispicca with the odd number. Issa jekk ahna ddikjarajna lil Claudette u mhux kandidat iehor fit-tmien (8) Distrett ir-rizultat ta' l-Elezzjoni kien ikun thirty eight (38) twenty seven (27). Bil-co-option u bir-regola tal-co-option ir-rizultat kien ikun finali thirty eight (38) thirty one (31). Mela d-differenza hawn hija illi bejn iz-zewg partiti f'wiehed kien ikun hemm disgha (9) u fl-ohra hemm sebgha (7). Id-differenza wkoll jaghmel fl-individwi, fl-ewwel kaz, jigifieri kif gara il-Partit Nazzjonalista kellu erbgha (4) to be coopted li kienu Azzopardi Frederick, Buttigieg Claudette, Mifsud Bonnici Carmelo u Mifsud Bonnici Paula. Kieku telghet Claudette kienet tinqala mill-erbgha (4) ghax il-Partit Nazzjonalista kellu dritt ta' erbgha (4) ohra, kienet tinqala Claudette ghax kienet tkun eletta u mat-tlieta l-ohra li huma Frederick, Carmelo u Paula kien jidhol Edward Vassallo u kienet tigi thiry eight (38) thirty one (31)."*

**Vanni Ganado** xehed illi ma kienx involut direttament fil-problema tat-tlettax-il distrett izda jaf illi kien hemm kwistjoni ta' disa' jew ghaxar voti nieqsa, u gie deciz li l-ghadd tal-voti jitkompla minghajr ma saru il-formoli bil-miktub. Ganado pero` sostna "*meta tispicca election in a division, il-voti kollha jigu ssiljati b'kandidat, kandidat, bil-dik taghhom, mela waqt li qeghdin jissiljawhom sabu pakkett ta' ghaxra, imma dak il-pakkett ma giex ezaminat, jigifieri ma nistghux nghidu jekk hemmx tnejn (2), wiehed (1), xejn ta' Frederick u li jaffettwa r-rizultat, ma nistghux nghiduh." - Vide fol. 217 tal-process.*

**In kontro-ezami**, Vanni Ganado ikkonferma illi l-hamsin vot li kien instab fil-garzella ta' Michael Asciak li irrizulta li kienu unijiet tar-rikorrenti Buttigieg gew akkreditati lil Partit Nazzjonalista. Ganado ikkonferma li kieku kien gie skopert l-izball fl-ewwel *count*, dan l-izball seta' gie rettifikat u l-pakkett ta' hamsin voti jigu ritornati lir-rikorrenti Buttigieg. Dan ir-*recount* seta' jsir biss kieku xi hadd intebah bl-izball.

In **ri-ezami**, Ganado ikkonferma li l-Kummissjoni ma ndunatx bl-izball fl-ewwel *count* u li kien prezenti fl-istadji kollha tal-elezzjoni.

Riprodott quddiem din il-Qorti **Vanni Ganado**, (fol 810-814)[14] qal li meta nqalghet il-kwistjoni tal-pakkett tal-vot ta' Claudette Pace, jaf li dawn gew iccekjati minn Louis Fsadni u meta saret id-diskussjoni mar-rapprezentanti tal-partiti, kien hemm prezenti l-Profs. Refalo u kien qallhom li ma jistghux jergghu jmorru lura ghall-ewwel ghadd. Semma li fl-1993, meta kien ghadu kif lehaq, kien hemm kaz li kienu ndunaw bi zball fl-elezzjoni tal-Kunsill Lokali ta' Haz-Zebbug, kienu waqfu l-*count* u marru lura ghall-ghadd li kien rega' beda jsir.

**Anthony Gellel a fol. 256 *et seq*** xehed illi hu, flimkien ma' Fsadni, kienu *Managers* tas-sala tal-Ghadd tal-Voti, impjegati mal-Kummissjoni ghall-Elezzjonijiet. Anthony Gellel xehed illi waqt l-erbatax-il *count*, kien gie informat dwar il-pakkett ta' hamsin voti bl-ewwel preferenza moghtija lil Claudette Buttigieg liema pakkett gie skopert waqt li kienu qed jitqassmu il-voti ta' Michael Axiaq u l-

[14] Seduta tad-29 ta' Jannar 2016.

Kummissjoni ddecidiet li dawn il-hamsin vot kellhom jitqieghdu man-*non transferable vote*s. Il-Membri tal-Kummissjoni prezenti dak il-hin li hadu d-decizjoni kienu c-*Chief Commissioner* Dr Buttigieg, il-Maggur Ganado u Tony Sultana.

Kull wiehed mill-pakkett ta' hamsin vot, kien jindika lil Claudette Buttigieg bhala *1st preference* (a fol. 260). Gellel xehed li huwa ma ha ebda decizjoni dwar dan il-pakkett ta' hamsin vot, u rrefera kollox lill-Kummissjoni. In **kontro ezami** Gellel spjega l-process tal-ghadd tal-voti. Huwa sostna illi jinfethu l-kjaxxi tal-voti, il-voti jitqieghdu wicchom l-isfel f'pakketti ta' hamsin. Dawn jigu mghoddija lil *counting assistants* li jaqilbu l-voti l-fuq u jaraw n-*number one* lil liema partit gie moghti u jitqieghdu fil-garzella tal-kanditati. F'kaz ta' vot dubbjuz, dan jmur ghand il-*Commission* li tiddeciedi fuqu. Meta jitqassmu l-voti kollha skont l-ewwel preferenza jinghaddu u jitqieghdu f'pakketti ta' hamsin ta' kull kandidat.

Il-voti jittellghu fuq il-garzelli l-ohra li huma taht il-kontroll tas-*supervisors*. Ma' kull pakkett ta' hamsin vot issir *wrapper* bil-kulur tal-partiti rispettivi, u fuq kull pakkett jitnizzel isem il-kandidat mill-*counting assistant.* Wara li jghoddu l-voti tal-kandidati kollha jsir rikonciljazzjoni tal-voti.

Imbaghad jibda t-tieni *count* u t-tqassim ta' voti zejda mill-kandidat li jkun kiseb il-kwota. It-tieni ghadd jinhadem proporzjonalment fuq il-voti kollha tal-kandidat li jkun qieghed jiret minghandu – a fol. 265. Il-proporzjoni li

jitqassmu fuq il-kandidati li jirtuhom jittiehdu *at random* mill-wicc ta' kull pakkett. Imaghad jibdew il-process ta' eliminazzjoni. Il-pakkett tal-kwota tal-kandidat elett mhuwiex ser jintmess aktar.

**Gellel** xehed illi jekk kemm-il darba jerga' jibda il-process mill-gdid u jithaltu l-voti kollha, minhabba li l-voti jkunu mehuda minn fuq ikunu *random* – jekk jerghu jinghaddu l-voti jista' jkollok rizultat differenti - a fol. 268

Gellel xehed li finalment id-decizjoni hija tal-Kummissjoni dwar meta u kif vot jintefa mad-dubbjuzi u jew jigix dikjarat *non transferable vote* - a fol. 271.

Anthony Gellel xehed ukoll illi Michael Asciak qatt ma seta' wiret il-hamsin vot tal-kandidata Claudette Buttigieg, li dawn kienu *1st preference* ta' Buttigieg li kienet ghadha ma gietx eliminata.

A fol. 279 *et seq*. il-**Maggur Ganado in kontro-ezami** xehed illi l-Kummissjoni, fuq parir tal-Professur Refalo, (b'referenza ghall-kwistjoni ta' hamsin vot ta' Claudette Buttigieg) kienet baghtet ghaz-zewg partiti u nformathom li l-partit rikorrenti kellu jaghmel rikors. Il-partit rikorrenti ghamel protesta bil-miktub li giet esibita in atti. Dan il-protest kien gie ddettat mill-Professur Refalo fil-prezenza tar-rapprezentanti taz-zewg partiti. Il-membri tal-Kummissjoni Elettorali prezenti kienu c-Chief Commissioner Dr. Buttigieg, Dr. Zammit Maempel, Tony Sultana u Salvu Sant.

Il-**Maggur Ganado** xehed illi l-Kummissjoni kienet iddecidiet illi hija ma setghetx tmur lura u tiftah *counts* maghluqa u li ghalhekk il-partit rikorrenti kellu jintavola rikors quddiem il-Qorti Kostituzzjonali. Dan l-*understanding* ma kienx redatt fi ftehim formali bil-kitba. Il-Maggur Ganado xehed illi l-Qorti Kostituzzjonali *tramite* l-Artikolu 15 tat-tielet skeda (tlettax –il skeda) tal-Att Dwar l-Elezzjonijiet Generali tal-Kapitolu 354, kellha is-setgha illi tordna *recount* parzjali jew totali.

Ghar-rigward ta' dak illi gara fl-Elezzjoni tal-Kunsilli f'Haz-Zebbug, minhabba nuqqas ta' rikonciljazzjoni tal-voti, kienet ittiehdet decizjoni "*illi nergghu jmorru lura pass pass bil-pakketti fil-garzelli"* – fol. 284. Din it-tip ta' *recount* ma kienitx kontemplata fil-ligi *in vigore* ta' dak iz-zmien, izda saret 'l ghaliex qabblu z-zewg partiti. Minn dak il-punt il-quddiem il-Kummissjoni ddecidiet li ma tmurx lura mill-*count* li jkun infetah.

In segwitu tal-protest ta' Claudette Buttigieg u in segwitu tad-decizjoni tal-Kummissjoni Elettorali li ma tistax skont il-ligi tiftah ghadd li jkun diga maghluq u pubblikat, iddecidiet li tkompli bl-ghadd tal-voti skont il-ligi, il-kandidata Buttigieg ma ghamlet xejn izjed, izda intavolat rikors quddiem il-Qorti Kostituzzjonali. Il-Maggur Ganado ikkonferma li sa fejn jaf hu qatt ma sar *reconcilation* tat-*tags* li jorbtu il-pakketti tal-voti.

Il-Maggur Ganado kkonferma a fol. 287 u 288 illi l-pakkett ta' hamsin vot ta' Claudette Buttigieg kienu iccekjati minn Anthony Gellel u misjuba illi kienu *1st preference votes* ta'

Claudette Buttigieg. Il-Maggur Ganado ikkonferma illi ma saru ebda verifiki fuq il-voti l-ohra kollha (apparti il-pakkett ta' hamsin vot misjub mal-voti ta' Asciak li rceviet Buttigieg).

B'referenza ghall-ghaxar voti nieqsa fuq it-tlettax-il distrett il-Maggur Ganado xehed illi dan il-pakkett ta' ghaxar voti kien gie misjub minn Louis Fsadni, liema pakkett kien gie numerat sebgha u erbghin (47) minn numru originali tieghu ta' sebgha u tletin (37), liema pakkett kien jikkontjeni ghaxar voti zejda – a fol. 289. Dwar dawn l-ghaxar voti neqsin ma kien sar ebda protest bil-miktub, il-process twaqqaf temporanjament u l-process baqa' ghaddej. L-ghaxar voti neqsin kienu gew skoperti fit-tmien *count* tat-tettax-il distrett. Il-Maggur Ganado xehed illi dawn l-ghaxar voti ma setghux jitqieghdu man-*non transferable vote*s 'l ghaliex dawn ma setghux jinstabu fizikament. Mistoqsi jekk jiftakarx li fis-sena 2008 fit-tlettax-il distrett zewg pakketti ta' voti tal-kandidata Caruana ma nstabux u li l-ghadd tal-voti baqa' ghaddej, il-Maggur Ganado irrisponda li ma jiftakarx dan il-kaz.

**In ri-ezami** l-Maggur Ganado xehed illi d-decizjoni tal-Kummissjoni dwar il-hamsin vot ittiehdet biss mill-membri tal-Kummissjoni u l-Avukat taghha u din id-decizjoni giet imhabbra lil kandidata Buttigieg – a fol. 291 u 292. Il-Maggur Ganado xehed illi skont il-parir ta' Profs. Refalo, l-Kummissjoni stess ma setghatx tintavola rikors il-Qorti kontra taghha stess sabiex jigi rimedjat l-izball, u din kellha ssir minn Claudette Buttigieg, ghalkemm ir-riperkussjonijiet kienu jaffetwaw lil partit rikorrenti ukoll. Huwa xehed illi r-

*recount* illi sehhet fl-elezzjonijiet tal-Kunsilli Lokali f'Haz-Zebbug saret bi ftehim bejn il-partiti, l-Kummissjoni Elettorali u l-Avukat taghha. Wara li gie ppubblikat ir-rizultat tal-elezzjoni u matul il-procedura tas-sigill tal-voti, kienu nstabu l-ghaxar voti. Jirrizulta ukoll illi meta sar ir-*recount* f'Haz-Zebbug ma kienx sar dikjarazzjoni ta' rizultat.

**Claudette Buttigieg a fol. 301**, xehdet illi hija kienet kandidata fuq zewg distretti (it-tmien u t-tnax-il distrett) f'isem il-Partit Nazzjonalista fl-elezzjonijiet tas-sena 2013, u kienet prezenti ghall-ghadd u tqassim tal-voti ghal zmien konsiderevoli specjalment lejn l-ahhar tal-process.

Tat deskrizzjoni tal-process tal-ghadd tal-voti u kif hija, flimkien ma' grupp t'agenti u kandidati, kienu qeghdin jissorveljaw il-process tal-ghadd tal-voti u l-mument illi bdew jinfethu l-voti ta' Michael Axiaq u kif gie skopert il-pakkett ta' hamsin vot li ndikaw lilha bhala l-ewwel preferenza minkejja li dan il-pakkett kien stivat mal-voti ta' Axiaq. Fil-fatt Claudette Buttigieg giet imsejha mill-Kummissjoni li nformawha li kien hemm zball li ser ikellmu lir-rapprezentanti tal-partit. Ir-rapprezentanti tal-partit Angelito Sciberras u Dr. Ian Micallef dahhlu mal-membri tal-Kummissjoni jiddiskutu u ghalkemm il-Kummissjoni irikonoxxiet "li kien hemm zball", zball li Buttigieg assumiet li kien ser jigi rimedjat dan il-pakkett ta' hamsin vot spicca biex tqieghed mal-voti dubbjuzi. Claudette Buttigieg xehdet illi dana kollu kellu impatt fuqha. Ghaldaqstant hija mxiet fuq il-parir li tawha l-Avukati taghha u hadet il-passi neccessarji quddiem il-Qorti kompetenti.

Buttigieg xehdet li hija Membru tal-Parlament minhabba li l-ligi tipprovdi aggustament, izda ssostniet illi hija suppost giet eletta bil-kapacita' taghha u mhux minhabba aggustamenti legali. *Di piu`* Buttigieg xehdet illi l-voti ta' hamsin persuna li urew fiducja fiha gew imwarrba u msakkrin f'kexxun b'titolu ta' dubbjuzi. Buttigieg xehdet illi fit-tmien distrett tela' minklofha Edward Scicluna li sussegwentement ceda id-distrett, u tela' minfloku Joe Debono Grech. Buttigieg xehdet illi fl-erbatax –il *count* hija kellha 3664 voti waqt li Edward Scicluna kellu 2543 voti.

In **kontro-ezami** Buttigieg xehdet illi waqt illi hija ma kellhiex kwota, hija xorta wahda kellha aktar voti mill-Onorevoli Edward Scicluna. Claudette Buttigieg xehdet li hija kellha tistenna li jsir il-kalkolu skont il-Kostituzzjoni sabiex hija tigi eletta, u kkonfermat li giet dikjarata eletta u hadet il-gurament mad-deputati l-ohra kollha, bl-istess doveri u jeddijiet bhal Membri Parlamentari l-ohra.

Mistoqsija dwar it-*tags* li bihom kienu marbutin il-pakkett tal-hamsin vot, Buttigieg xehdet li sa fejn taf hi, dawn ma kienux miktuba minn qabel izda kien hemm persuna li kienet fizikament qeghda tiktibhom. Claudette Buttigieg xehedet li mal-iskoperta tal-izball, l-Avukati taghha talbu ghar-*recount*, izda d-decizjoni tal-Kummissjoni Elettorali kif imfissra lilha mill-Avukat Dr Ian Micallef kienet fis-sens li gialadarba l-izball sar fl-ewwel *count* ma setghux jergghu jifthu il-*counts* maghluqa. Claudette Buttigieg xehdet illi l-pakkett ta' 50 vot taghha tqieghed ma' voti dubbjuzi meta dawn kienu voti validi u ma kienu dubbjuzi xejn - *vide* fol 325. Buttigieg ikkonfermat illi dawn il-50 vot bl-ewwel

preferenza mghotija lilha gew allokati lill-Partit Nazzjonalista fil-kalkolu tal-ewwel *count* – *vide* fol 326.

**Dr Paul Borg Olivier** a fol 387 xehed li kien is-segretarju generali tal-partit rikorrenti fl-elezzjoni ta' Marzu 2013 u li flimkien mal-kollegi tieghu, kien qieghed fis-sala tal-ghadd tal-voti biex jissorvelja l-process. Huwa esebixxa **Dok PB01** a fol 398 li juru il-konteggi matematici ta' kif tinhadem is-sistema ta' ripeskagg skont il-Kostituzzjoni u l-Iskeda 13 tal-Att li jirregola l-Elezzjonijiet Generali. Dawn il-konteggi gew mahduma mix-xhud u li meta inhadmet il-formola matematika tat distakk ta' disa' siggijiet bejn il-partiti, b'dana li l-Partit Nazzjonalista tella' erba' siggijiet addizzjonali.

Dr Borg Olivier xehed li nhadmet il-formola wkoll fejn il-50 vot meritu "tal-izball" inghataw lil Claudette Buttigieg li rrenda rizultat ta' 38 siggu ghall-Partit Laburista u 27 siggu ghall-Partit Nazzjonalista. Il-formola matematika skont il-Kostituzzjoni tirrendi xorta wahda erba' siggijiet addizzjonali ghall-Partit Nazzjonalista b'distakk pero' ta' seba' siggijiet. Dr Borg Olivier xehed illi nhadmet ukoll il-formola li f'cirkostanzi fejn l-"izbalji" gew rettifikati u Claudette Buttigieg u Frederick Azzopardi gew eletti fejn allura ir-rizultat kien jirrendi 28 siggu ghall-Partit Nazzjonalista u 37 ghall-Partit Laburista u li bil-formola tal-matematika skont il-Kostituzzjoni kienet tirrendi zewg siggijiet ulterjuri ghall-Partit Nazzjonalista b' distakk ta' seba' siggijiet u mhux disgha.

**Dr Borg Olivier** xehed illi l-pregudizzju ghal Partit Nazzjonalista kien mhux biss it-telf ta' kandidati *in their own right,* izda nuqqas ulterjuri fil-kompozizzjoni ta' delegati Nazzjonalisti fil-Parlament. Dr. Borg Olivier spjega li **Dok. PB01** fejn l-ewwel kollonna hemm it-total tal-voti taz-zewg partiti: PL 167 533; PN 132 426.

It-tieni hija n-numru ta' kandidati eletti taz-zewg partiti.

Il-metodu ta' komputazzjoni mahduma minn Dr. Borg Olivier giet murija lil **Dr. Anton Buhagiar** li kkonferma il-korrettezza tal-komputazzjonijiet raggunti.

**In kontro-ezami** Dr. Borg Olivier xehed illi ma kienx partecipi fil-makkinarju Kostituzzjonali ntiza sabiex il-persentaggi ta' voti miksuba mill-partiti rispettivi jkun riflett fin-numru ta' deputati. Huwa stqarr illi r-rizultati pronunzjati mill-Kummissjoni Elettorali ma kienux perfetti. Borg Olivier xehed illi ghalkemm skont il-Kostituzzjoni il-Parlament ghandu jkun kostitwit minn hamsa u sittin (65) deputat, dan in-numru jikber bis-sistema ta' ripeskagg.

Huwa sostna illi permezz tal-izball tal-Kummissjoni Elettorali, zball ammess minnha stess, d-distakk bejn il-partiti kien ta' disa' (9) deputati minflok ta' sebgha (7).

**Dr Anton Buhagiar** *lecturer* l-Universita' ta' Malta fil-Matematika, a fol. 399, xehed illi huwa hadem il-formula matematika tal-ripeskagg skont Artikolu 52 tal-Kostituzzjoni. Huwa ezebixxa **Dok. AB1, a fol. 411.** Dr Anton Buhagiar spjega kif nhadmet il-formula skont r-

rizultat attwali mahrug mill-Kummissjoni (u cioe` l-*working* mahdum f'*scenario* 1). Fit-tieni *scenario* spjega kif tinhadem il-formula f'kaz li l-Partit Laburista kiseb tmienja u tletin (38) –il siggu u l-Partit Nazzjonalista kiseb sebgha u ghoxrin (27) –il siggu u cioe` illi l-voti li kiseb il-Partit Laburista jigu divizi b' tmienja u tletin (38) siggu, li jaghti l-kwota ta' erbat elef erba' mija u tmienja (4408). Il-voti miksuba mill-Partit Nazzjonalista jigu divizi b'din il-kwota ta' erbat elef erba' mija u tmienja (4408) u b'hekk jirrizulta tletin punt erbgha (30.4) –il siggu li jwassal ghal-numru finali ta' siggijiet ta' 38 PL u 31 PN – 4 siggijiet addizzjonali - b'distakk ta' 7 siggijiet.

Profs. Buhagiar xehed illi l-Artikolu 52 tal-Kostituzzjoni jipprovdi Formula Matematika u mhux interpretazzjonijiet (a fol. 404)

Bl-istess manjiera Profs. Buhagiar spjega xenarju fejn ir-rizultat ahhari kien sebgha u tletin siggu (37) ghall-Partit Laburista u tmienja u ghoxrin (28) ghall-Partit Nazzjonalista, fejn in-numru totali ta' siggijiet skont in-numru farrad l-aktar kien ta' sebgha u sittin (67) siggu u cioe` 37 PL u 30 PN b'distakk ta' 7 siggijiet.

**Profs. Anthony Buhagiar,** in **kontro-ezami** quddiem din il-Qorti kif attwalment presjeduta (fol 792-796)[15] qal mill-kalkoli li ghamel hu, minhabba l-kwistjoni fil-kaz odjern, il-Partit Nazzjonalista kellu jinghata zewg siggijiet ohra. L-ewwel hadem l-elezzjoni kif giet, imbaghad jizdiedu s-siggijiet skont l-Artikolu 52 tal-Kostituzzjoni. Skont dan l-

[15] Seduta tat-13 ta' Jannar 2016.

artikolu u kif muri f'dokument esebit a fol 411, il-Partit Nazzjonalista jizdied b'erba' siggijiet, billi jkollhom 31 u l-PL ikollhom 38. Mistoqsi, jekk il-formola li hadem hu hiex mahduma fuq il-kwota elettorali distrettwali, qal li le. Mistoqsi, fuq il-*first count votes*, kienx hemm xi zball min-naha tal-Kummissjoni, qal li le.

Illi meta mistoqsi dwar il-kwota distrettwali u meta tiddividi bil-kwota distrettwali, qabel li b'dak il-metodu, il-Partit Laburista jkollu disa' siggijiet u bicca. Qal li hu hadem il-formola skont il-Kostituzzjoni u skont l-artikolu 52 tal-Kostituzzjoni. Mistoqsi dwar il-formola kif mahduma minnu li taghti seba' siggijiet lill-Partit Laburista tirriflettix id-distakk ta' voti bejn iz-zewg partiti, qal li dan jiddependi minn skont x'tiehu bhala kwota. In ri-ezami, qal li l-kwoti kif johorgu huma ta' erbat elef u ta' hamest elef, izda gie ccarrat li dan huwa *ratio v*otes ta' *seat*, mhux il-kwota Distrettwali. Semma li dan ir-*ratio votes to seat*, hu skont is-*Single Transferable Vote.*

**Louis Gatt**, a fol. 416 Vici President tal-Partit Laburista, Kap tal-Ufficcju Elettorali tal-Partit Laburista u wiehed miz-zewg (2) delegati tal-Partit Laburista fil-Kummissjoni Elettorali xehed illi d-delegati u s-sottodelegati ghandhom access ghal kull parti tas-sala tal-ghadd tal-voti, kemm minn quddiem u kif ukoll minn wara l-perspex.

Huwa xehed illi ghar-rigward tal-voti dubbjuzi dawn jigu ezaminati mill-Kummissjoni Elettorali flimkien mad-delegati tal-partit. *Di piu'* kien hemm zewg persuni nominati mill-partiti fuq kull mejda ta' disa' (9) *counting assistants.* Ikun

hemm tliet (3) *counting supervisors, supervisor* maghzul minn kull partit u wiehed maghzul mill-Kummissjoni Elettorali. Gatt xehed illi apparti dan, wara il-perspex jkun hemm il-*counting hall agents* tal-partiti, l-kandidati u l-agenti taghhom. Gatt xehed illi jkun hemm diskrepanza f'kull elezzjoni u li dawn jigu decizi mill-Kummissjoni Elettorali u fejn ma tinstabx soluzzjoni il-voti jintefghu man-*non transferable vote*s, haga li kwazi tigri ma' kull elezzjoni (a fol. 420).

Gatt ikkonferma l-izball jew l-anomalija tas-sejbien tal-pakkett ta' hamsin (50) *1st preference votes* ta' Claudette Buttigieg mal-voti ta' Michael Asciak fit-tmien (8) distrett. Gatt spjega l-process tal-ghadd tal-voti a fol. 421. Huwa xehed illi meta gie skopert il-pakkett ta' hamsin (50) vot ta' Claudette Buttigieg dan ma setghax jintiret minnha, ghaliex kien jmiss is-sitt (6) preferenza. Gatt xehed illi l-ligi tippermetti *recount* izda gialadarba *count* jinghalaq ma jistghax jerga' jinfetah (a fol. 424).

Ghar-rigward tat-tlettax (13) -il distrett, pakkett voti ta' Paul Buttigieg kellu ghaxar (10) voti nieqsa u ghaldaqstant ntalab *recount* tal-istess ghadd, izda ma nstab xejn. Il-Kummissjoni Elettorali ddecidiet li dawn jigu kkonsidrati *non transferable vote*s.

**In kontro-ezami** Gatt xehed illi meta jkun hemm zball jintalab ghadd mill-gdid tal-*count* miftuh jew vigenti. Gatt xehed li delegat m'huwiex membru tal-Kummissjoni Elettorali. Huwa sostna illi meta nqalghu l-anomaliji fuq it-tmien (8) u tlettax (13)-il distrett, ma kienx fizikament fis-

sala tal-ghadd tal-voti, izda kien in kuntatt ma' Frederick Azzopardi li nformah li kien sar zball.

Qal inoltre li zbalji bhal dawn graw fil-passat u ccita l-kaz ta' Justyne Caruana fejn kienu sabu sa mitt (100) vot anqas. Iccita wkoll il-kaz ta' John Dalli fil-*by-election* fejn nstabu voti ta' kandidati ohra, qalb il-voti ta' Dalli. F'ebda wiehed minn dawn il-kazijiet ma kien iccahhad is-siggu tal-kandidat (a fol. 431). Gatt xehed illi biex tithaddem il-formola, trid titlaq mir-rizultat ta' kemm gibt siggijiet (a fol. 432).

Gatt xehed illi sar *recount* izda Claudette Buttigieg xorta giet eskluza minn dawn il-hamsin (50) vot.

Ghar-rigward t'Ghawdex wara r-*recount*, xorta ma nstabux l-ghaxar (10) voti nieqsa (a fol. 435) u dawn il-voti nieqsa gew addebitati man-*non transferable vote*s.

Gatt xehed li l-ghaxar (10) voti kienu negligibbli mal-voti mitfuha fit-tlettax (13) -il distrett, pero` ghal dak li gie dikjarat elett ma kienux negligibbli.

**Fit-tieni kontro ezami** tieghu a fol. 439, Gatt gie konfrontat bid-decizjoni tal-Kummissjoni Elettorali li ddikjarat il-hamsin (50) vot *non transferable* u x-xhieda ta' Gellel fuq l-istess kwistjoni. Gatt kkonferma illi sabiex tinhadem il-formula matematika kontemplata f'Artikolu 52 tal-Kostituzzjoni, trid tiehu bhala numru diviziv in-numru ta' deputati eletti - a fol. 442. Gatt xehed li l-Kummissjoni Elettorali kienet eletta taht Gvern Nazzjonalista u li ma kien hemm ebda problema ta'

nies li ma thallewx jivvotaw, jew problema dwar segretezza tal-vot, jew problemi fil-*polling booths* u li l-elezzjoni kienet pulita, nadifa u korretta – a fol. 444.

**Louis Gatt** gie prodott biex jixhed quddiem din il-Qorti kif attwalment presjeduta. Bhala delegat tal-Partit Laburista ghall-Kummissjoni Elettorali (fol 772-777)[16] qal li matul il-process tar-rit tal-elezzjoni elettorali, ikun hemm komunikazzjoni kontinwa mad-delegati tal-Partit Nazzjonalista, u anke mal-Kummissjoni Elettorali. Dwar il-kazijiet ta' Frederick Azzopardi u Claudette Buttigieg, sar jaf biha xi granet wara r-rizultat elettorali mill-media. Qal li dak il-hin, hu ma kienx fis-sala tal-ghadd tal-voti, izda kien f'komunikazzjoni diretta ma' Frederick Azzopardi li nfurmah dwar is-sitwazzjoni. Spjega wkoll, li l-partiti ghandhom ir-rapprezentanza fil-process tal-ghadd tal-voti, u ghalhekk ikun hemm diskussjonijiet mar-rapprezentanti, izda d-decizjoni ahharija hi tal-Kummissjoni Elettorali. Qal li Frederick Azzopardi nfurmah li l-Kummissjoni Elettorali giet bid-decizjoni sabiex ghamlet ir-*re-check* ghal darba, darbtejn sa ma ttiehdet decizjoni.

**Michael Falzon** a fol. 448 *et seq*. *Election Manager* mal-Partit Laburista, *Deputy Leader* tal-istess partit u delegat tal-Partit Laburista mal-Kummissjoni Elettorali, ikkonferma li kellu tnejn u ghoxrin (22) sena esperjenza fl-elezzjonijiet. Hu stqarr li r-rizultat tal-elezzjoni ta' Marzu 2013, kien ta' proporzjonalita' stretta fl-ewwel ghadd (*1st preference votes*) ma' siggijiet.

---

[16] Seduta tas-6 ta' Novembru 2015

Huwa stqarr illi l-anomalija tal-hamsin (50) vot ta' Buttigieg ma kellhom l-ebda effett fuq il-proporzjonalita' ta' siggijiet mal-voti tal-ewwel ghadd. Michael Falzon spjega r-raguni 'l ghaliex darba jinghalaq *count* (*eccetto 1st count*) huwa impossibbli jerga' jinfetah u jigi rikostruwit, - a fol. 451 u dan minhabba r-*randomness* tas-sistema tal-wirt fejn ghoxrin (20) vot jittiehed mill-wicc tas-*surplus* ta' kandidat wiehed, u jitqieghed fil-garzella ta' kandidat iehor.

Ghar-rigward t'Ghawdex ikkonferma li ma nstabux ghaxar (10) voti, izda l-*count* kien maghluq u ma setghax jinfetah il-*count* precedenti.

**In kontro-ezami Falzon** xehed li kien prezenti ghal anomalija fit-tlettax (13)-il distrett u gie nformat bin-nuqqas ta' ghaxar (10) voti. Falzon sahaq illi l-proporzjonalita' stretta tas-siggijiet hija marbuta mal-ewwel *count*, (a fol. 457) u li s-sistema ta' ripeskagg kienet konsegwenza ta' dan il-principju (a fol. 458).

**Frederick Azzopardi** delegat tal-Partit Laburista a fol. 469, qal li fit-tlettax (13) –il distrett waqt t-tmien (8) *count*, meta nfethu il-voti ta' Paul Buttigieg li suppost kellu sitt mija tmienja u sebghin (678) vot, sabu ghaxar (10) voti nieqsa. Qabel dan il-mument hadd ma kien qajjem xi oggezzjoni. Meta fegget din l-anomalija, ltaqghu il-partiti u l-Kummissjoni u gie deciz li jergghu jinghaddu l-voti b'mod informali ta' Paul Buttigieg. Dan sar ghal-darba, darbtejn, izda r-rizultat baqa' l-istess. Il-Kummissjoni u z-zewg partiti qabblu li l-ghaxar voti nieqsa jigu akkreditati man-*non*

*transferable votes* – a fol.470, u tkompla il-process tal-ghadd tal-voti.

Fl-ghaxar (10) *count* il-kandidata Justyne Caruana kisbet disa’ (9) voti aktar mill-kandidat Azzopardi, u l-Partit Nazzjonalista oggezzjona. Regghet iltaqghet il-Kummissjoni Elettorali mal-partiti u sar protest li gie segwit bi proceduri fil-Qorti - a fol. 472.

Azzopardi xehed li zball jigi korrett permezz ta’ *recount*, tal-*count* illi jkun ghadu miftuh u qieghed fil-process li jinghadd, izda ma jistax jintalab *recount* ta’ *count* maghluq u ppubblikat. Dana ‘l ghaliex meta jkun hemm *surplus*, il-mod ta’ kif jigu trasferiti l-voti huwa *random* u jekk il-voti jergghu jinghaddu jista’ jkollok rizultat divers – fol. 474.

Id-delegat tal-Partit Laburista **Frederick Azzopardi** rega' xehed permezz ta’ affidavit (fol 785-786), fejn spjega li meta waslu fit-tlettax-il distrett, qal li fil-fatt saru tnejn jew tlett *recounts* u l-ghadd baqa' 668 vot. Saret ukoll tfittxija fl-ixkafef izda l-voti ma nstabu mkien. Qal li flimkien mar-rapprezentanti tal-Partiti, qablu li jimxu kif normalment jimxu f’kazijiet ta’ diskrepanzi bhal dawn, li l-voti jmorruu man-“non-transferables”, b’hekk l-ammont ta’ voti mhux trasferibbli f’dan l-ghadd tela’ minn 35 ghal 45.

Spjega li din hi l-prassi fil-fatt, f’kazijiet simili, li mhux l-ewwel darba li graw. Wara din id-decizjoni inghalaq it-tmien ghadd, u beda d-disa’ u anke l-ghaxar ghadd, l-voti tal-kandidat Frederick Azzopardi intirtu minn kandidati tal-Partit Nazzjonalista. Sussegwentement il-Kummissjoni

Elettorali ghaddiet ir-rizultat maghruf bhala “state of the poll" li jkun fih il-lista tal-kandidati fid-disrett u l-voti taghhom fl-ahhar tal-ghadd.

Qal li r-rapprezentanti taz-zewg partiti raw ir-rizultati, u wara li kien hemm il-qbil dwarhom gie ppubblikat ir-rizultat mill-Kummissjoni Elettorali. Spjega li meta nghalaq l-ghaxar ghadd, kien tnizzel “E” ghal “Elett” quddiem il-kandidata Dr. Justyne Caruana. Wara li nghalaq l-ghadd tal-voti fi tmiem l-ghaxar ghadd qal li l-Partit Nazzjonalista kien ghamel protest dwar l-istess ghadd.

Semma wkoll, ghal dak li jirrigwarda t-tmien distrett fl-ahhar ta’ dan l-ghadd, kien hemm 191 vot “non-transferable”. Semma li dan l-ammont kien gie kkonfermat miz-zewg partiti prezenti waqt dan il-process. Spjega li waqt id-diskussjonijiet kien isemma l-punt tal-pakkett tal-voti ta’ Claudette Buttigieg, madanakollu kien hemm qbil bejn iz-zewg partiti li ma kienx possibli li jsir *recount* tal-voti kollha f'dan id-distrett mill-ewwel ghadd. "*Huwa ghalhekk li z-zewg partiti qablu li nipprocedu kif isir normalment, u l-pakkett jigi trasferit skont il-preferenzi li jmiss wara dik moghtija lill-kandidat Michael Asciak."*

**Dr. Justyne Caruana** a fol. 494a *et seq*. ikkonfermat li kienet ikkontestat l-elezzjoni generali ta’ Marzu 2013 fuq id-distrett t’Ghawdex. Hija sostniet ukoll illi kellha esperjenza bhala sottodelegat tal-Partit Laburista f’elezzjonijiet precedenti. Hija ddeskriviet l-atmosfera fil-*counting hall* bhala wahda animata u konfuzjonarja – *vide* fol. 494b Dr. Caruana sostniet li kien hemm tmien (8) min-nies

responsabbli ghall-ghadd tal-voti fid-distrett t'Ghawdex u ghaldaqstant kienet difficli sabiex wiehed isegwi. Hija sostniet illi kienet indunat illi wahda minn dawn in-nies kienet tefghet voti ta' kandidat f'garzella ta' kandidat iehor ripetutament u ghalhekk kienet oggezzjonat.

Dr. Caruana ikkonfermat il-prezenza taghha, jew tal-agent taghha tul il-process shih. Hija sostniet illi kien hemm regoli miktubin u ohrajn mhux miktubin f'dan il-process u li meta fegget anomalija tal-ghaxar voti neqsin, ir-rapprezentanti tal-partiti iddiskutew mal-Kummissjoni u li minhabba li l-process ma jistghax jigi stultifikat, wasslu ghal kompromess li l-voti neqsin jintradmu. Dr. Caruana semmiet incident fejn matul l-elezzjoni tal-Kunsilli Lokali Xaghra fejn il-voti tal-kandidat Paul Attard (PL) intefghu fil-garzella ta' John Attard (PN). *Di piu`*, Dr. Caruana iccitat kaz taghha stess fejn matul l-elezzjoni tas-sena 2003, instabu unijiet taghha f'garzella ta' hadd iehor - a fol. 494e, u kienet iddecidiet li ma tostakolax il-process.

Illi fl-elezzjoni tas-sena 2008 kien sar zball ukoll, din id-darba ta' mitt vot taghha. Hija xehdet illi ghalkemm setghet oggezzjonat, ghazlet li ma taghmilx hekk u minkejja li l-mitt vot ma giex akkreditat lilha, bir-riskji konsegwenzjali, hija rnexxielha tigi eletta.

**George Saliba, rapprezentant tal-Kummissjoni Elettorali** (fol 778-781)[17] qal li jaf bhala fatt, li skont il-ligi hemm delegati appuntati li jigu kkonsultati u kkuntattjati kontinwament dwar l-ghadd tal-voti, f'kaz ta' diskrepanza,

[17] Seduta tas-6 ta' Novembru 2015.

izda l-Kummissjoni Elettorali hi responsabbli ghat-tregija kollha tal-process elettorali.

**Louis Fsadni**, bhal *Senior Manager* li kien *in charge* mill-*counting hall*, in kontro-ezami qal (fol 815-825)[18] dwar l-izball ta' ghaxar voti, qal li meta gew biex iqassmu l-voti ta' xi kandidati u sabu ghaxar voti neqsin, meta ghalqu l-*count*, kien hemm ir-rapprezentanti tal-Partit Nazzjonalista, li dak il-hin oggezzjonaw. Ghalhekk, qal li dak hin ta struzzjonijiet kif iridu jippakjaw il-voti. Semma li Dr. Micallef tal-P.N. qallu li jekk ifittex il-kwota ta' "Giovanna Debono" se jsibhom hemm l-ghaxar voti. Semma li wisq probabbli, l-ghaxar voti zejda ta' Giovanna Debono, marru ghand min wiret il-voti, u meta minn dokument fil-process quddiem il-Qorti Kostituzzjonali a fol 64, qal li jidher li marru ghand Pawlu Buttigieg. Hu kkonferma li mhux l-ewwel darba li li fl-elezzjoni jkun hemm zbalji ta' din ix-xorta. Qal li meta nghata l-parir legali fil-kaz in ezami, ma kienx prezenti izda l-parir legali dejjem ikun li ma jmorrux lura. Spjega li l-voti li jkun hemm f'kaz bhal dan, jissejhu "non transferable".

In kontro-ezami kkonferma li darba fl-1993, fil-process ta' Haz-Zebbug kienu marru lura ghall-ewwel ghadd. Izda, spjega li din hi d-decizjoni, li tittiehed mill-Kummissjoni, u qabel li l-process elettorali kif spjegat fil-ligi ma nbidilx mill-1993. Ghad-domanda jekk fil-kaz bhal ta' Haz-Zebbug kienx aktar facli li jsibu l-voti, spjega li dik hi decizjoni tal-Kummissjoni. Mistoqsi, kienx hemm kaz iehor tal-Parlament Ewropew fil-kaz ta' Ray Bugeja, fejn kienu marru lura ghall-ewwel ghadd, qal li fl-esperjenza li ghandu

[18] Seduta tad-29 ta' Jannar 2016

ta' tnejn u erbghin sena, hu jiftakar biss il-kaz ta' Haz-Zebbug.

**Fatti mhux in kontestazzjoni**

Ikun utili f'dan l-istadju li l-Qorti tislet minn din ix-xhieda il-fatti ta' rilevanza li mhumiex in kontestazzjoni. Minn dak li ikkonstatat jirrizultaw is-segwenti fatti li ma hemmx kontestazzjoni dwarhom:

- Li l-process tal-ghadd tal-voti fl-elezzjoni generali tad-9 ta' Marzu 2013 tmexxiet b'mod trasparenti, fejn il-partiti u l-kandidati kienu prezenti, *tramite* l-agenti u delegati, f'kull stadju tal-ghadd tal-voti u setghu jirreklamaw id-diskrepanzi li rrizultaw mal-Kummissjoni Elettorali f'kull fazi tal-process.
- Lanqas hija in kontestazzjoni l-indipendenza u l-imparzjalita' tal-Kummissjoni Elettorali u li l-elezzjoni generali kienet elezzjoni nadifa, hielsa minn prattici korrotti (u indhil barrani).
- Li l-unijiet tal-pakkett ta' hamsin vot u tal-ghaxar voti gew akkreditati lill-Partit Nazzjonalista.
- Li ghal dak li jirrigwarda l-pakkett ta' hamsin (50) vot li kienu migbura fi *sleeve*/jew *band* bl-isem ta' Michael Asciak, dawn kienu jappartjenu lil Claudette Buttigieg.
- l-Onor. Claudette Buttigieg kienet ghadha ma gietx eliminata bhala kandidata meta instabu.
- Dan il-pakkett instab meta fl-14-il *count* bdew jitqassmu l-voti ta' Michael Asciak.

- Li saret protesta mill-kandidata u r-rapprezentanti tal-Partit Nazzjonalista izda l-Kummissjoni Elettorali iddecidiet li ma tistax skont il-ligi tiftah mill-gdid ghadd li jkun diga' maghluq u ppubblikat u ghalhekk ddecidiet li tkompli bl-ghadd tal-voti.(Dok V u V1 a fol 221).
- Dawn il-50 vot ma gewx maghdudin mal-voti ta' Claudette Buttigieg jew imnaqqsa mill-voti ta' Michael Asciak izda gew maghdudin man-*non transferable votes.*
- B'rizultat ta' dan gie elett l-Onor. Dr Edward Scicluna b'3688 vot mentri Claudette Buttigieg spiccat b'3680 vot - distakk ta' 8 voti biss.
- Sussegwentement Dr Scicluna ceda s-siggu tieghu fid-distrett u gie elett l-Onor. Joseph Debono Grech bil-*by election.*
- Fit-tlettax-il distrett meta kien qieghed isir it-tmien ghadd tal-kandidat Paul Buttigieg sabiex jigu trasferiti l-voti tieghu instab li kien hemm ghaxar (10) voti neqsin billi minnflok 678 kien hemm 668. Dawn il-voti baqghu ma nstabux u l-Kummissjoni Elettorali iddecidiet billi b'mod fittizju ziedet l-ammont ta' *non transferable vote*s ghal 45 fejn fil-verita' kien hemm biss 35 *non transferable vote*s.
- F'dan id-distrett giet eletta l-Onor. Dr Justyne Caruana bi 3966 vot filwaqt li l-Onor. Frederick Azzopardi spicca b'3957 vot - distakk ta' 9 voti.
- Fit-8 distrett il-Partit Nazzjonalista kellu jtella' tliet kandidati u mhux tnejn filwaqt li fit-13-il distrett, jekk il-voti kienu imissu lill-Onor. Frederick Azzopardi, ukoll kien itella' tliet kandidati eletti.

- Ir-rizultat finali kien ta' 39 siggu ghall-Partit Laburista u 26 siggu ghall-Partit Nazzjonalista bbazat fuq *first count votes* u bl-applikazzjoni tas-sistema tas-*single transferable vote*. Bl-applikazzjoni tal-mekkanizmu tal-Artikolu 52 tal-Kostituzzjoni, r-rizultat finali hu ta' 39 siggu ghall-PL u 30 siggu ghall-PN - distakk ta' disa' siggijiet.
- Ir-rikorrenti l-Onor. Frederick Azzopardi u l-Onor. Claudette Buttigieg irrikorrew ghall-Qorti Kostituzzjonali b'zewg rikorsi separati li gew decizi nhar it-13 ta' Marzu 2013.
- Ir-rikorrenti l-Onor. Claudette Buttigieg u l-Onor. Frederick Azzopardi ma gewx eletti bil-kwota imma bl-operazzjoni tal-mekkanizmu ta' ripeskagg stipulat fl-artikolu 52 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 23 tat-Tlettax-il Skeda tal-Kap 354.
- Ma jirrizultax li hemm kontestazzjoni dwar il-posizzjoni tal-kjamat in kawza Edwin Vassallo billi jirrizulta li f'kaz li l-Onor. Claudette Buttigieg tkun giet eletta direttament kien jibbenefika Edwin Vassallo mir-raba' siggu mizjud jekk bit-thaddim tal-mekkanizmu tal-artikolu 52 jkun xorta jaghti rizultat ta' 4 siggijiet zejda ghall-Partit rikorrent.

**Illi issa ser tghaddi biex tindirizza l-eccezzjonijet sollevati. Dawn tqajmu mill-intimati u mill-kjamati in kawza kollha *eccetto* Edwin Vassallo ghalkemm jistghu jirraffiguraw f'ordni differenti fir-risposti rispettivi tal-intimati u kjamati in kawza. Jinghad li l-kjamat in kawza Edwin Vassallo essenzjalment qabel mar-rikors promotur u mat-talbiet imressqa u ghalhekk ma**

**jqajjem l-ebda wahda mill-eccezzjonijiet li ser jigu hawn trattati u decizi.**

**I Eccezzjonijiet dwar in-Nuqqas ta' Integrita' tal-Gudizzju**

Illi tibda biex tissenjala li diversi mill-intimati eccipew li l-gudizzju f'din l-azzjoni ma kienx integru. Dan gie sanat bil-kjamat in kawza tal-Avukat Generali[19], u tal-Onor. Edward Scicluna, Joe Debono Grech, Dr Justyne Caruana u Edwin Vassallo,[20] u fl-ahhar nett b'digriet ta' din il-Qorti kif attwalment presjeduta bil-kjamat in kawza tal-Partit Laburista kif fuq premess.[21]

**Ghalhekk din l-eccezzjoni hija sorvolata u l-Qorti ser tastjeni milli tiehu aktar konjizzjoni taghha.**

**II Eccezzjoni ta' Nuqqas ta' Gurisdizzjoni ta' din il-Qorti**

Ikkonsidrat li jekk din l-eccezzjoni tintlaqa' tidderimi l-kwistjoni kollha u twassal ghal-liberatorja fuq il-mertu. Ghalhekk ikun utili li din il-Qorti tiddisponi minn din l-eccezzjoni l-ewwel, u f'kaz li ma tintlaqax tindirizza l-eccezzjonijiet preliminari rimanenti.

Illi l-eccezzjoni ghandha tigi indirizzata fuq zewg binarji li huma mnisgin ma' xulxin:

---

[19] Digriet tat-22 ta' Mejju 2013
[20] Digriet tal-11 ta' Lulju 2013.
[21] Digriet tat-8 ta' Gunju 2015

i. Il-gurisdizzjoni ta' din il-Qorti sabiex tiehu konjizzjoni tat-talbiet u l-eccezzjonijiet kif ifformulati;

ii. Il-gurisdizzjoni ta' din il-Qorti biex tiehu konjizzjoni tat-talbiet fil-mertu in kwantu jirrigwardaw il-validita' *o meno* ta' elezzjoni tad-Deputati ghall-Parlament u biex taghti r-rimedji mitluba, materja li, skont l-eccipjenti, hija fdata esklussivament lill-Qorti Kostituzzjonali mill-oghla ligi tal-pajjiz - il-Kostituzzjoni ta' Malta.

**i. Il-gurisdizzjoni ta' din il-Qorti sabiex tiehu konjizzjoni tat-talbiet u l-eccezzjonijiet kif ifformulati:**

Illi huwa pacifiku fil-gurisprudenza tal-Qrati taghna li huma l-premessi u t-talbiet li jirradikaw il-kompetenza tal-Qorti (**"Frankie Refalo *nomine* vs Jason Azzopardi"** – A.C. – 7 ta' Ottubru 1997).

Illi fil-kawza odjerna r-rikorrenti qeghdin jallegaw vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali taghhom kif sanciti fl-Artikolu 3 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea (Kap 319 tal-Ligijiet ta' Malta) *stante* mankanzi fil-process elettorali fuq it-tmien u t-tlettax-il distrett u talbu wkoll rimedju ghal tali allegata lezjoni.

Illi fil-materja tad-drittijiet Konvenzjonali, inkuz dawk invokati, jirrizulta minghajr ombra ta' dubbju li l-kompetenza ta' din il-Qorti hija radikata fermament fid-disposizzjoni tal-artikolu **4(1) u (2) tal-Kap 319 tal-Ligijiet ta' Malta** skont liema l-Prim'Awla tal-Qorti Civili ghandha gurisdizzjoni originali sabiex tisma' u tiddeciedi kull talba maghmula

minn persuna li tallega xi wiehed mid-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fondamentali li jkun gie, jew ikun x'aktarx ser jigi miksur dwarha.

Jigi rilevat gja f'dan l-istadju li l**-artikolu 4(1) tal-Kap 319** ikompli hekk "*bla ħsara għal kull azzjoni oħra dwar l-istess ħaġa li tkun tista' ssir legalment, titlob lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili għal rimedju."*

Inoltre l-**artikolu 4(2)** jiddisponi li din il-Qorti sabiex twettaq jew tizgura t-twettiq tad-drittijiet u libertajiet invokati, "*u tista' tagħmel dawk l-ordnijiet, toħroġ dawk l-atti u tagħti dawk id-direttivi li tqis xierqa"* ghal din il-finalita'.

Illi fid-dawl tal-premess, din il-Qorti ma ssib l-ebda diffikolta' li tasserixxi l-gurisdizzjoni taghha biex tiehu konzjizzjoni tal-azzjoni odjerna in kwantu hija ippernjata fuq allegat ksur ta' dritt Konvenzjonali naxxenti mit-**Tielet Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni (P1-A3)** li tinkwadra perfettament fl-ambitu tal-gurisdizzjoni originali taghha kif mahsub mil-legislatur Malti fl-artikoli fuq ccitati**, Art 4(1)u(2) tal-Kap 319.**

Ghalhekk l-eccezzjoni f'dan is-sens hija respinta.

**ii. Il-gurisdizzjoni ta' din il-Qorti biex tiehu konjizzjoni tat-talbiet fil-mertu**

Ikkonsidrat li **P1-A3** tal-Konvenzjoni jiddisponi hekk:

*"Il-Partijiet Għolja Kontraenti jobbligaw ruħhom li jżommu elezzjonijiet liberi f'intervalli xierqa b'votazzjoni sigrieta, taħt kundizzjonijiet li jiżguraw l-espressjoni libera tal-opinjoni tal-poplu fl-għażla tal-leġislatura."*

Illi l-argument tal-intimati hu mibni fuq it-tezi li l-validita' u r-regolarita' ta' elezzjonijiet ta' membri tal-Parlament Malti hija materja riservata mill-Kostituzzjoni fil-kompetenza esklussiva tal-Qorti Kostituzzjonali u ghalhekk il-Prim' Awla ma ghandhiex kompetenza f'din il-materja. Inoltre jghidu li r-rimedji mitluba, in kwantu jirrigwardaw il-komposizzjoni tal-Parlament, il-validita' tal-elezzjoni, u l-elezzjoni tal-membri tal-Kamra tad-Deputati, jew it-thassir ta' elezzjoni jew tal-elezzjoni ta' xi membri tal-Kamra tezorbita kompletament mill-funzjonijiet u mill-poteri tal-Prim' Awla tal-Qorti Civili.

L-intimati, in sostenn tat-tezi taghhom, jinvokaw is-supremazija tal-Kostituzzjoni u partikolarment l-Artikoli **95(2)(a)(b), Art. 56 u Art 63 tal-Kostituzzjoni** u l-artikoli l-Artikoli **95(2)(a)(b), Art. 56 u Art 63 tal-Kostituzzjoni** u l-artikoli **115(1) u Art 117. tal-Att dwar l-Elezzjonijiet Generali (Kap 354).**

Ir-rikorrenti u l-kjamat in kawza Edwin Vassallo irribattew li b'din il-kawza qed jintalab li jigu sindakati nuqqasijiet li sehhew fil-process elettorali fit-termini tal-artikolu 3 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea u mhux fil-konfront ta' xi regola preskritta f'xi ligi elettorali. It-talbiet taghhom huma mmirati sabiex jigi deciz jekk in-nuqqasijiet

humiex tali li jammontaw ghall-ksur ta' dak l-artikolu. Jghidu li l-ilment jindirizza l-kwistjoni jekk il-Kummissjoni Elettorali ezercitatx id-diskrezzjoni u s-setgha taghha b'tali mod li vvjolat l-obbligu tal-Istat sabiex izomm u jmexxi elezzjonijiet b'rispett ghar-rieda tal-votant skont il-Konvenzjoni.

Ikkonsidrat li l-Kostituzzjoni taghna hija l-ligi suprema tal-pajjiz u l-legislatur Malti, ghar-ragunijiet storici, iddecieda li jifformola dan il-principju b'mod espress **fl-artikolu 6 tal-Kostituzzjoni** skont liema, il-Kostituzzjoni tipprevali fuq kull ligi ohra tant li tali ligi tkun bla effett "*safejn tkun inkonsistenti*".

Illi wkoll il-Konvenzjoni Ewropea tokkupa posizzjoni specjali fil-gerarkija tal-ligijiet taghna. Din il-posizzjoni hija kristallizata fl-**artikolu 3 tal-Kap 319** li jiddisponi:

"***3.*** *(1) Id-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali għandhom isiru, u jkunu esegwibbli bħala, parti mil-Liġi ta' Malta.*

*(2) Fejn ikun hemm xi liġi ordinarja li tkun inkonsistenti mad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali, l-imsemmija Drittijiet u Libertajiet Fundamentali għandhom jipprevalu, u dik il-liġi ordinarja għandha, safejn tkun inkonsistenti, tkun bla effett."*

Fid-definizzjoni ta' "*liġi ordinarja*" hija eskluza l-Kostituzzjoni. (**art 2 tal-Kap 319**).

Il-kompetenza tal-Qorti Kostituzzjonali fil-materja ta' elezzjonijiet fil-pajjiz temani mill-artikoli segwenti:-

**L-artikolu 56 tal-Kostituzzjoni** jirregola l-votazzjoni u elezzjoni tal-membri tal-Kamra tad-Deputati li *għandhom jiġu eletti fuq il-prinċipju tar-rappreżentanza proporzjonali permezz ta’vot singlu trasferibbli....".* Din l-elezzjoni ghandha "*tkun hielsa minn attijiet illegali jew ta' korruzzjoni u indhil barrani*" (**art 56(1) u 2).**

Huwa d-dmir tal-Kummissjoni Elettorali imwaqqfa taht l-istess Kostituzzjoni li tissospendi elezzjoni tal-membri tal-Kamra jew fid-distretti kollha jew f'xi wiehed jew aktar minnhom, jekk ikollha "*raguni xierqa li temmen li jkunu saru attijiet illegali jew ta' korruzzjoni jew reati ohra li ghandhom x'jaqsmu mal-elezzjonijiet, jew kien hemm indhil barrani, u dawk l-attijiet, reati jew indħil ikunu pprevalew b’mod hekk estensiv jew ikunu ta’ dik ix-xorta li raġonevolment ikunu mistennija li jkollhom effett fuq ir-riżultat tal-elezzjoni, fid-distretti elettorali kollha jew f’xi wieħed jew iktar minnhom".* F'tali kaz l-Kummissjoni ghandha tirreferi l-kwistjoni lill-Qorti Kostituzzjonali.

Mhux biss imma kull votant li jista' jivvota f'dik l-elezzjoni ghandu l-jedd li jirrikorri lejn il-Qorti Kostituzzjonali u jirreferi din il-kwistjoni jekk jezistu tali cirkostanzi u l-elezzjonijiet ma gewx sospizi, mhux aktar tard minn tlett ijiem wara l-pubblikazzjoni tar-rizultat ufficjali tal-elezzjoni.(**artiklu 56 (3)(4) u (5) tal-Kostituzzjoni.**

**L-artikolu 63 tal-Kostituzzjoni** jiddisponi li:

***"63.*** *Kull kwistjoni jekk -*
*(a) xi persuna tkunx ġiet eletta validament bħala membru tal-Kamra tad-Deputati;*
*- omissis -*
*għandha tiġi mressqa quddiem u deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali skont id-disposizzjonijiet ta' xi liġi li għal dak iż-żmien tkun isseħħ f'Malta."*

Bl**-artikolu 95(2)(a) tal-Kostituzzjoni,** il-Qorti Kostituzzjonali ghandha gurisdizzjoni originali *inter alia:-*

*"(a) dawk il-kwistjonijiet li huma msemmija fl-artikolu 63 tal-Kostituzzjoni;*
(*b) kull ħaġa riferita lilha skont l-artikolu 56 ta' din il-Kostituzzjoni u kull ħaġa riferita lilha skont kull liġi dwar l-elezzjoni tal-membri tal-Kamra tad-Deputati;"*

Inoltre l-Qorti Kostituzzjonali tisma' appelli minn deċiżjonijiet tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili skont l-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni (**art 95(2) (c) tal-Kostituzzjoni)** u skont **l-artikolu 3(4) tal-Kap 319 "***b'zieda mal-gurisdizzjoni moghtija lilha mill-artikolu 95 tal-Kostituzzjoni".*

Il-kwistjoni ta' kompetenza hija riflessa ukoll fil-Kap 354 tal-Ligijiet ta' Malta fejn, **fl-artikolu 115** jinsab dispost li

***"115.*** *(1) Il-kwistjonijiet kollha dwar il-jedd ta' persuna li tkun jew li tibqa' Membru tal-Kamra għandhom jinġiebu quddiem il-Qorti Kostituzzjonali u jiġu deċizi minn din il-qorti...."*;

u fl-**artikolu 117** hemm li:

***"117.*** *Minkejja kull disposizzjoni oħra ta' dan l-Att li biha d-deċiżjoni tal-Kummissjoni tiġi stabbilita bħala waħda finali u/jew li minnha ma jista' jsir ebda appell, dik id-disposizzjoni ma għandhiex teskludi applikazzjoni quddiem il-Qorti Kostituzzjonali minn persuna li taġixxi biex tħassar elezzjoni, sew f'xi distrett wieħed biss jew fid-distretti kollha."*

Il-kompetenza ta' din il-qorti f'din l-azzjoni tqajmet fis-sede ta' appell quddiem il-Qorti Kostituzzjonali edotta mill-appell minn din il-Qorti kif diversament presjeduta. Fis-sentenza taghha tad-29 ta' Mejju 2015 osservat li:-

*"16. Għalkemm ċertament hemm elementi komuni fi kwistjonijiet taħt l-art. 63 tal-Kostituzzjoni u dawk taħt l-art. 3 tal-Ewwel Protokoll, ma għandhomx l-istess firxa, għax ma tistax teskludi a priori illi persuna tista' tkun validament eletta taħt il-liġijiet elettorali u xorta ma jkunx tħares il-jedd taħt l-art. 3. Dan ikompli jindika illi l-ġurisdizzjoni tal-Qorti Kostituzzjonali taħt l-art. 63 tal-Kostituzzjoni ma teskludix dik tal-Prim'Awla taħt il-Kap. 319."*

*- omissis-*

*19. Dan jista' jkun minnu iżda fl-aħjar ipotezi għall-appellanti jista' se mai jolqot ir-rimedju li jista' jingħata, fis-sens illi r-rimedju taħt il-Kap. 319 ma jistax ikun dak illi titħassar l-elezzjoni ta' deputat, sabiex ma tiġix mhedda ċ-ċertezza fi żmien qasir li trid il-Kostituzzjoni. Li jista'*

*jingħata rimedju bla ma titħassar l-elezzjoni ta' deputat jixhduh sentenzi mogħtija mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem. Ara e.g.* ***Kovach v. l-Ukrajna*** *[22]u* ***Namat Aliyev v. Azerbaijan****[23]. "*

Minn dan kollu premess din il-Qorti tislet is-segwenti kostatazzjonijiet:

1, Ligi ordinarja (bhal ma hi l-Att Dwar l-Elezzjonijiet Generali- Kap 354) tista' tigi dikjarata bhala mhux konformi mal-Konvenzjoni u sussegwentement tkun *bla effett* minnkejja li mhix inkonsistenti mal-Kostituzzjoni ta' Malta.[24]

2. Li l-firxa tal-Artikolu 3 tal-Ewwel Protokoll hija differenti mid-disposizzjoni tal-Kostituzzjoni applikabbli ghall-Elezzjonijet Generali.

3. Hija llogika u ta' kontrasens li wiehed jargumenta li l-applikazzjoni tal-Protokoll hija eskluza *a priori* meta Malta stess irratifikat dan il-Protokoll[25] bhala parti mil-ligi taghna minghajr riserva. Tali argument ikun irendi bla sens ir-ratifika tal-Gvern Malti u jinnewtralizza dritt moghti lic-cittadin Malti. Li kieku l-legislatur Malti ried jzomm il-kompetenza esklussiva fil-materja ta' elezzjonijiet generali (jew distrettwali) fi hdan il-Qorti Kostituzzjonali bl-applikazzjoni biss tal-artikoli Kostituzzjonali citati, allura ma kienx jirratifika t-tielet artikolu ta' dan il-Protokoll jew kien

[22] Q.E.D.B. 7 ta' Frar 2008, rik. 39424/2002
[23] Q.E.D.B. 8 ta' April 2010, RIK. 18705/2006.
[24] *Vide* - **Dr. Lawrence Pullicino v. Commanding Officer Armed Forces of Malta-** 12 ta' April 1989.
[25] Malta saret firmatarja tal-Ewwel Protokoll fit-12.12.1966 li gie ratifikat fil-21 ta' Jannar 1961 - ara **Prof. David Attard - *The Maltese Legal System* - Vol.11 p 131.**

jaghmel ir-riservi appoziti. Huwa assodat li l-Konvenzjoni Ewropea toffri lic-cittadin rimedji u protezzjoni addizzjonali ghad-drittijiet u libertajiet fondamentali garantiti fil-Kostituzzjoni taghna. Difatti l-gurisprudenza tal-Qrati taghna hija moghnija b'sentenzi fejn gew rikonoxxuti u applikati d-drittijiet Konvenzjonali flimkien u addizzjonalment ghal dawk Kostituzzjonali.

4. Ir-rikors promotur jirreferi ukoll ghall-operat tal-Kummissjoni Elettorali, senjatament ghad-decizjoni li ma jergax jiftah ghadd li gja inghalaq, u li jghodd il-voti tal-kandidat Claudette Buttigieg u l-voti mitlufa mal-voti mhux trasferibbli, u ghar-responsabbilita tal-istess Kummissjoni fit-treggija u fis-supervizjoni tal-elezzjonijiet. Dan l-agir gab konsegwenzi serji fuq ir-rizultat finali tal-elezzjoni f'Malta - kwistjoni li ser tigi trattata fil-konsiderazzjonijiet fil-mertu tal-kaz. F'ebda mument qed jigu allegati li saru *corrupt practices, illegalitajiet gravi* jew indhil barrani li huwa x-xenarju kkontemplat bl-artikolu 56 tal-Kostituzzjoni. Dan kollu jimpingi fuq l-obbligu (pozittiv) tal-Istat *tramite* ukoll l-agenziji tieghu, biex jizgura u jiggarantixxi d-drittijiet konvenzjonali tac-cittadin Malti.

5. Lanqas m'hi, din l-azzjoni, l-*actio popolaris* permessa mill-Kostituzzjoni jew l-azzjoni kkontemplata mill-Kostituzzjoni li tista' tigi promossa mill-Kummissjoni Elettorali stess.

6. Ir-rikors promotur jirreferi ukoll ghad-drittijiet soggettivi tal-kandidati Claudette Buttigieg u Frederick Azzopardi li mhux biss jigu eletti, imma li jiehdu posthom

in forza tal-elezzjoni diretta taghhom. Dawn id-drittijiet jidhlu fl-ambitu tat-tielet Artikolu tal-Ewwel Protokoll imma ma jimplikawx necessarjament il-*corrupt practices* jew illegalitajiet previsti mill-Kostituzzjoni.[26] Inoltre johrog mir-risposta tal-kjamat in kawza Edwin Vassallo li hemm kwistjoni wkoll dwar id-dritt soggettiv tieghu li jigi elett b'effett tat-thaddim tal-mekkanizmu prospettat mill-Kostituzzjoni.

7. Ir-rikors promotur huwa wkoll ippernjat fuq id-dritt allegat li r-rizultat elettorali ghandu jirrispetta finalment ir-rieda tal-elettorat kemm fl-elezzjoni tal-membri li ghalihom ivvotat, imma wkoll fit-thaddim tal-mekkanizmu ta' ripeskagg, stabbilit mill-Kostituzzjoni stess. Gie allegat li dak li sehh ma rriflettiex fir-rizultat ahhari tieghu, ix-xewqat tal-votanti fit-8 u fit-13-il distretti, u l-mekkanizmu tal-**artikolu 52** ma pproduciex ir-rizultat mahsub in kwantu wiehed jew tnejn mir-rikorrenti kandidati kellhom jigu eletti bil-kwota, u in kwantu d-distakk bejn il-partijiet kien ikun inqas minn 9 siggijiet.

8 Kif osservat il-Qorti Kostituzzjonali, il-Partiti Politici m'ghandhomx *locus standi* fl-azzjoni kkontemplata fl-**artikolu 56(5) tal-Kostituzzjoni** li tispetta lil - "*kull persuna li ghandha dritt ghall-vot f'dik l-elezzjoni."* B'hekk kompliet:- "*Bl-interpretazzjoni li jridu l-konvenuti appellanti, partiti politiċi ma jkollhomx rimedju ġudizzjarju f'materja elettorali minkejja l-interess li wara kollox jinsistu li għandhom uħud mill-appellanti stess fl-aggravju – li nqisuh aktar 'il quddiem*

[26] Il-Kostituzzjoni ssemmi b'mod kwazi ossessiv l-indhil barrani izda dan mhux rilevanti ghall-kaz tal-lum.

*– dwar in-nuqqas ta' integrita` tal-ġudizzju għax il-Partit Laburista ma kienx parti fil-kawża quddiem l-ewwel qorti."*[27]

9.Ghal dak li jirrigwarda r-rimedji applikabbli, l-**art 4(2) tal-Kap 319** ma jorbotx idejn il-Qorti li tista' taghti kull forma ta' rimedju "li *tqis xierqa sabiex twettaq, jew tiżgura t-twettiq tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali li għat-tgawdija tagħhom tkun intitolata dik il-persuna."* Anke jekk huma imposti limitazzjonijiet Kostituzzjonali, kif jargumentaw l-intimati u l-kjamati in kawza, b'dan ma jfissirx li din il-Qorti m'ghandhiex poter diskrezzjonali li taghti rimedji ohra xierqa, inkluz b'dikjarazzjoni ta' vjolazzjoni tad-drittijiet u libertajiet in mertu.

Ghal dawn ir-ragunijiet din il-Qorti hija tal-fehma konsiderata li din il-Qorti bis-sahha tal-gurisdizzjoni originali taghha fil-materja tad-drittijiet u libertajiet fondamentali, ghandha l-gurisdizzjoni biex tiddieciedi din l-azzjoni, kif hekk promossa abbazi tal-Artikolu 3 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea. Ghaldaqstant qed tichad din l-eccezzjoni tal-intimati u tal-kjamati in kawza eccetto Edwin Vassallo.

### III Il-Kummissjoni Elettorali mhijiex il-Legittimu kontradittur[28]

Illi gie eccepit li l-prezenti rikors jirrigwarda il-garanzija moghtija mill-istat Malti taht l-artikolu 3 tal-Ewwel Protokoll u ghalhekk l-legittimu kontradittur huwa l-Avukat Generali u mhux il-Kummissjoni Elettorali. In partikolari l-

[27] Sentenza tad-29 ta' Mejju 2015 fil-para.18
[28] Din l-eccezzjoni giet issollevata mill-Kummissjoni Elettorali u mill-Partit Laburista.

Kummissjoni b' l-ebda mod ma tista' tirrispondi ghall-pretensjonijiet u jew taghti r-rimedji minnha mitluba. Kien ikun altru li kieku l-allegazzjoni f'din il-kawza hija li ippermettiet il-perpetrazzjoni ta' kondotta korrotta jew illegali.

Illi l-principji li jirregolaw il-legittimazzjoni passiva f'kawza kostituzzjonali huma ormai assodati. Fil-kaz fl-ismijiet **Joseph Abela v. Onor. Prim'Ministru et**[29] gie ritenut li :

*"F'kawżi ta' natura kostituzzjonali bbażati fuq id-drittijiet fundamentali, il-leġittimi kontraditturi ta' dawk l-azzjonijiet jinqasmu fi tliet kategoriji. L-ewwel kategorija tikkomprendi dak li huwa allegat li huma, direttament jew indirittament, responsabbli għall-kummissjoni jew omissjoni ta' xi fatt li jikser xi dritt fundamentali protett mil-liġi. Fit-tieni kategorija huma dawk li ghall-omissjonijiet jew kummissjonijiet tal-persuni tal-ewwel kategorija jistgħu jkunu responsabbli biex jagħtu jew jiffornixxu r-rimedji li s-sentenza, li takkolji l-lament tal-ksur ta' dritt fundamentali, tissanzjona. It-tielet kategorija mbagħad hemm dawk il-partijiet kollha li jkunu in kawża meta l-kwistjoni kostituzzjonali tinqala' fuq jew waqt xi proċedura ġudizzjarja."*

Ukoll kif gie ribadit mill-Qorti Kostituzzjonali fil-kaz **Partit Nazzjonalista et v Kummissjoni Elettorali et.** (29 ta' Mejju 2015) izda fil-kuntest tal-interess guridiku tal-Partit Laburista:

---

[29] Kost. 7 ta' Diċembru 1990.

"*25. Dawn il-kategoriji ma humiex neċessarjament eżawrjenti u ma jistgħux jitqiesu illi jeskludu kategoriji oħra. F'kull każ, iżda, il-Partit Laburista jista' jitqies illi jidħol fit-tieni kategorija għax, għalkemm ma huwiex fost dawk li "jagħtu jew jiffornixxu r-rimedji", madankollu r-rimedju mogħti jolqot il-posizzjoni legali tiegħu u għalhekk il-preżenza tiegħu hija meħtieġa biex jista' jingħata dak ir-rimedju*. "

Ikkonsidrat li ghal dak li hu rilevanti ghal din l-eccezzjoni procedurali li l-Kummissjoni Elettorali twaqqfet mill-Kostituzzjoni (**artikolu 60)** u hija responsabbli esklussivament ghat-tmexxija u ghas-supervizjoni tal-process shih tal-elezzjonijiet ghall-Kamra tad-Deputati (**art. 61(6).** Il-Kummissjoni huwa "*korp indipendenti li jahdem fil-limiti tal-Kostituzzjoni*" [30] u l-istess **artikolu 60** huwa fost dawk li jirrikjedi vot ta' zewg terzi tal-Membri kollha tal-Kamra tad-Deputati sabiex tigi emendata. (**art. 66(b) tal-Kostituzzjoni).** Ghandha s-setgha u d-diskrezzjoni kif imfissra fil-Kostituzzjoni u fl-Att dwar l-Elezzjonijiet Generali (Kap 354) li tissospendi elezzjoni, u d-dmir li tirreferi direttament lill-Qorti Kostituzzjonali fejn ghandha ragunijiet xierqa biex temmen li kien hemm prattici korrotti jew illegali fil-process elettorali (**art. 56(3) u (4).**

Huwa minnu li l-Avukat Generali jirraprezenta lill-Gvern fit-termini tal-**Artikolu 181B(2) tal-Kap.12** f'dawk l-atti u l-azzjonijiet gudizzjarji li minhabba n-natura tat-talba ma jkunux jistghu jigu diretti kontra xi wiehed jew aktar mill-kapijiet tad-dipartimenti l-ohra tal-Gvern. Dan ma jfissirx li l-

[30] **Michael Vella et v Kummissarju Elettorali Ewelieni -**PA per.l-Onor.Wallace Gulia - 13 ta' April,1987.

legittimita' passiva tal-Kummissjoni hija eskluza kif fuq enuncjat. (Ara sentenza QK - **George Xuereb vs Registratur tal-Qrati et.** 8 ta' Novembru 2004 dwar il-legittimita passiva tal-Avukat Generali.)

Illi l-Qorti tqies li l-Kummissjoni Elettorali tinkwadra fl-ewwel mit-tliet kategoriji enuncjati in kwantu qed jigi allegat li kien hemm mankanzi elettorali fl-elezzjoni generali tal-2013 li direttament jew indirittament huma fir-responsabbilita' tal-Kummissjoni. Inoltre billi l-Istat ukoll ghandu iwiegeb f'kaz li tirrizulta l-lezjoni lanjata, il-Kummissjoni ghandha jwiegeb ghal tali nuqqasijiet flimkien mal-Istat.

**Ghaldaqstant din l-eccezzjoni qed tigi michuda.**

**IV Ir-rikors gie prezentat *fuori termine.***

Illi l-**artikolu 56(5) tal-Kostituzzjoni** jimponi terminu ta' mhux aktar tard minn tlett ijiem wara l-pubblikazzjoni tar-riżultat uffiċjali tal-elezzjoni ghar-riferenza lill-Qorti Kostituzzjonali. Dan it-terminu, li huwa perentorju, japplika ghall-azzjoni kkontemplata f'dak is-subartikolu u huwa intiz sabiex jizgura c-certezza u stabbilita' politika fil-pajjiz fl-iqsar zmien possibbli. Kif inghad mill-Qorti Kostituzzjonali "*Il-principju direttiv ta' ligi li tirregola l-process elettorali fi stat demokratiku huwa l-valur tac-certezza."* (**Dr. Austin Gatt pro et noe v il-Kummissjonarju Elettorali Principali pro et noe.et -** A.C. 7 ta' Jannar 1984).

Ghall-kuntrarju, l-ebda terminu preskrittiv jorbot azzjonijiet ghad-dikjarazzjoni ta' vjolazzjoni ta' drittijiet u libertajiet

fondamentali u ghar-rimedji effettivi, kemm jekk istitwiti fit-termini tal-artikoli 32- 46 tal-Kostituzzjoni, kemm *ai termini* tal-Kap 319 tal-Ligijiet ta' Malta. Ara f'dan is-sens - **Perit Joseph Barbara v On Prim Ministru -** QK - 7 ta' Ottubru 1997).

**Kwindi din l-eccezzjoni m'ghandhiex applikazzjoni fit-termini ta' din l-azzjoni u hija wkoll michuda.**

**V. Ir-rikorrenti kellhom rimedji ohra effettivi disponibbli ghalihom.**

Hu sottomess li r-rikorrenti jew min minnhom ma utilizzawx ir-rimedji previsti mil-ligijiet elettorali tempestivament, imma agixxew wara li l-ghadd in kwistjoni kien inghalaq. Isegwi ghalhekk li la mezzi xierqa ta' rimedju ghall-ksur allegat kienu disponibbli favur ir-rikorrenti skont ligi ohra ordinarja, anke jekk huma ma uzawhomx, ma jistghux issa jadixxu quddiem il-Qrati fil-vesti straordinarja taghhom sabiex ifittxu lill-Istat jew il-Kummissjoni ntimata ghal xi ksur tad-drittijiet taghhom.

Din l-eccezzjoni qed tigi ssollevata *ai termini* **tal-proviso ghall-artikoli 4(2) tal-Kapitolu 319** (li huwa riflessjoni tal-Artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni).

Illi minn ezami akkurat tal-*proviso* premess ma jirrizultax li l-legislatur ried li jistabbilixxi bhala principju assolut fil-ligi kostituzzjonali taghna li qabel ma persuna tadixxi lil din il-Qorti fil-gurisdizzjoni kostituzzjonali taghha ghandha dejjem u tassattivament tezawrixxi r-rimedji kollha disponibbli

skont il-ligi ordinarja, inkluzi dawk ir-rimedji li ma jkunux ragjonevolment mistennija li jkunu effettivi u accessibbli.

L-eccezzjoni hawn issollevata ġiet dibattuta diversi drabi fil-Qrati tagħna. Il-Qorti Kostituzzjonali fil-kaz fl-ismijiet "***Ryan Briffa v Avukat Generali"*** deciz fl-14 ta' Marzu 2014, wara li kkonsidrat il-kazistika rilevanti, gabret il-principji applikabbli fil-materja :-

*"1. L-eżistenza tar-rimedju l-ieħor għandha tirriżulta bħala stat ta' fatt attwali u objettiv;*

*2. Ir-rimedju jrid ikun aċċessibbli, xieraq, effettiv u adegwat biex jindirizza l-ksur lamentat;*

*3. Biex ir-rimedju jitqies effettiv m'hemmx għalfejn li jintwera li r-rimedju se jagħti lir-rikorrent suċċess garantit, imma jkun biżżejjed li jkun wieħed li jista' jiġi segwit b'mod prattiku, effettiv u effikaċi;*

*4. Id-diskrezzjoni li għandha l-Qorti f'dan ir-rigward trid titwettaq b'mod korrett u fl-aħjar interess tal-amministrazzjoni tal-ġustizzja sabiex min-naha waħda, il-Qrati ta' indoli kostituzzjonali ma jkunux rinfaċċjati b'kawżi li messhom jew setgħu tressqu quddiem Qrati oħrajn kompetenti jew li dwarhom messhom jew setgħu jfittxu rimedji oħrajn effettivi, u min-naħa l-oħra sabiex persuna ma tkunx imċaħħda mir-rimedji li għandha jedd tfittex taħt il-Kostituzzjoni jew taht il-Konvenzjoni;*

*5. In-nuqqas waħdu ta' teħid ta' mezzi ordinarji mir-rikorrent mhuwiex raġuni biżżejjed biex Qorti ta' xejra kostituzzjonali tiddeċiedi li ma tużax is-setgħat tagħha li tisma' l-ilment, jekk jintwera li l-imsemmija mezzi ma kienux tajbin biex jagħtu rimedju sħiħ lir-rikorrent;*

*6. Iżda meta jidher ċar li jeżistu meżżi ordinarji disponibbli biex jikseb rimedju għall-ilment tiegħu, ir-rikorrent għandu jirrikorri għal dawk il-mezzi, qabel ma jirrikorri għar-rimedju kostituzzjonali.* [31]"

Illi l-intimati jissottolinejaw li l-ligi elettorali toffri rimedji opportuni lir-rikorrenti purke' dawn jintuzaw tempestivament. Il-process tal-ghadd tal-voti fih innifsu huwa strutturat sabiex jisgura trasparenza f'kull fazi tal-ghadd, kif ukoll komunikazzjoni shiha bejn il-Kummissjoni Elettorali u l-kandidati, l-agenti u d-delegati meta jinqala' xi zball. Kull kandidat jew kull persuna li tidher ghalih jista' jitlob lill-Kummissjoni biex terga' tezamina u tghodd il-poloz kollha jew polza li jkunu tlestew f'dak l-ghadd. Kull kandidat jista' wkoll jirrikorri lill-Qorti Kostituzzjonali ghar-rimedju opportun. L-intimati jsostnu li dawn ir-rimedji huma effettivi u ghalhekk qed jitolbu lil din il-Qorti sabiex tiddeklina milli tezercita d-diskrezzjoni taghha taht il-proviso msemmi.

Ikkonsidrat li r-**regolamenti 14 u 16 tat-Tlettax-il Skeda tal-Kap 354** joffru rimedju effettiv izda jistghu jigu ezercitati

---

[31] Ara fost ohrajn sentenzi tal-Onor. Qorti Kostituzzjonali fil-kaz fl-ismijiet "***Dr Mario Vella vs Joseph Bannister nomine"*** 7/3/1994; tas-16 ta' Jannar 2006 fl-ismijiet "***Olena Tretyak v.Direttur taċ-Ċittadinanza u Expatriate Affairs***";"***Vincent Spiteri v. Onor. Prim Ministru et***," 31/8/1977; "***Mouwafak Toutoungi et. v Kummissarju tal-Pulizija et."***25/11/2011; u "***Stacey Spiteri et. v Direttur tar-Reġistru Pubbliku***" 27/4/2012, u sentenzi oħra hemm ċitati..

biss f'terminu perentorju kif hemm stabbilit. Ghar-rigward tad-dritt li kandidat jitlob *recount*, il-ligi stess ma tippermettix li kandidat jitlob *recount* ta' ghadd ta' voti li jkun gja nghalaq.

Illi fil-kaz odjern, il-Qorti hija soddisfatta li l-kandidati ma hallewx l-opportunita' tghaddi inutilment u kapriccozament, imma ma setghux, fic-cirkostanzi partikolari ghal dan il-kaz, jindunaw bid-diskrepanzi li sehhew fl-ghadd precedenti.

Illi dan jirrizulta mid-diversi testimonjanzi f'din il-kawza. Ir-rikorrenti affermaw li ma setghux jindunaw bl-izbalji meta saru sabiex iressqu protesta tempestivament. Ir-rikorrent **Frederick Azzopardi** xehed li ghalkemm l-izball gie skopert fit-tmien ghadd, hadd ma seta' jaf meta ezattament sehh l-izball. Fil-kaz tat-tmien distrett, kif xehed il-**Maggur Vanni Ganado**, l-izball gie skopert mal-erbatax-il ghadd meta beda l-process ghat-trasferiment tal-voti ta' Michael Asciak. L-istess xhud qal li kien tal-fehma li l-izball ta' hamsin *first preference votes* ta' Claudette Buttigieg sar waqt l-ewwel ghadd. Spjega li l-ebda vot iehor qatt ma hareg mill-garzella ta' Claudette Buttigieg ghaliex hi kienet ghadha ma gietx eliminata. (fol 240) (konfermat minn Anthony Gellel).

**L-Avukat Ian Micallef** (fol 177 *et seq*) ikkonferma illi wiehed ma setax jinduna b'tali zball (fuq it-tmien distrett) 'il ghaliex filwaqt li wiehed jista' josserva li l-voti jidhlu f'garzella specifika, mhuwiex possibbli li wiehed isegwi dak li jkun qed jitqieghed fil-pakketti. Dwar dan qal ukoll li hemm persuni addetti biex jissorveljaw dan il-process.

Huwa minnu li l-Kummissjoni hija obbligata bil-ligi biex tassigura li l-process jkun jidher sew mill-kandidati u mill-agenti u taghmel kap hawnhekk ghan-nota ta' sottomissjonijiet tal-kjamati in kawza li ghamlet rassenja tad-diversi disposizzjonijiet li jirregolaw il-process u l-obbligi tal-Kummissjoni fit-twettiq tar-responsabbilitajiet taghha.

Izda dan ma jbiddilx dak li sehh fil-kaz odjern u huma dawn il-fatti li ghandhom jigu valutati minn din il-Qorti.

Illi fid-dawl tax-xhieda li nghatat, din il-Qorti tista' biss tikkonkludi li r-rikorrenti ma setghux jindunaw bl-izball waqt l-ghadd li fih saru, u kien inutili ghalihom li jipprotestaw l-izbalji avverati ghaliex l-Kummissjoni ma setghetx tordna li jerghu jinfethu *counts* li gja gew maghluqa. Ghaldaqstant ghal dak li sehh f'dan il-kaz, ma kellhomx rimedju effettiv disponibbli ghalihom.

Illi huwa minnu li l-Kostituzzjoni u l-ligi ordinarja jipprovdu ghar-rimedju ta' access gudizzjarju. Izda kwantu ghall-Partit Nazzjonalista, riferibbilment ghar-rikors lejn il-Qorti Kostituzzjonali, gja gie osservat li partit politiku m'ghandux *locus standi* biex jressaq tali rikors. Huwa minnu li l-kandidati Buttigieg u Azzopardi utilizzaw dan ir-rimedju izda l-Qorti Kostituzzjonali ma indirizzatx il-mertu tal-lanjanza taghhom.

**Ghalhekk il-Qorti hi tal-fehma li m'ghandhiex tirrifjuta li tezercita s-setghat taghha *ai tenur* tal-Artiklu 4(2) tal-**

**Kapitolu 319 u konsegwentement tichad din l-eccezzjoni.**

**VI In-nuqqas ta' interess giuridiku tar-Rikorrenti kollha.**

L-eccezzjoni hija imfissra fis-sens li r-rikorrenti membri parlamentari l-Onor. Claudette Buttigieg u l-Onor. Frederick Azzopardi m'ghandhomx interess giuridiku fil-proceduri odjerni kif diga' gie deciz mill-Qorti Kostituzzjonali fit-13 ta' Marzu 2013[32].

Intimament konnessa ma' din l-eccezzjoni hija dik tar-***res judicata*** sollevata mill-Partit Laburista fil-konfront tar-rikorrenti Membri Parlamentari, b'riferenza ghall-proceduri decizi mill-Qorti Kostituzzjonali fit-13 ta' Marzu 2013, li ser tigi trattata in segwitu.

Illi r-rikorrenti fir-rikors odjern jikkonsistu f'kandidati ghall-elezzjoni kif ukoll f'partit politiku. L-interess guridiku taghhom mhuwiex l-istess.

**<u>L-interess tal-Kandidati l-Onor. Claudette Buttigieg u l-Onor. Frederick Azzopardi.</u>**

Gie premess li z-zewg kandidati ghall-elezzjoni, Claudette Buttigieg u Frederick Azzopardi, soffrew pregiudizzju billi ma gewx dikjarati eletti fuq il-voti originali moghtija lilhom u

---

[32] Claudette Buttigieg vs Kummissjoni Elettorali (Rik Nru 526/13 u Frederick Azzopardi vs Kummissjoni Elettorali (Rik Nru 525/13)

minnflok gew dikjarati eletti bil-mekkanizmu stabbilit bl-artikolu 52 tal-Kostituzzjoni.

Skont l-intimati u l-kjamati in kawza, ladarba ir-rikorrenti Membri rreferew il-kaz taghhom lill-Qorti Kostituzzjonali, li tat decizjoni, anzi, izjed minn hekk, iddikjarat li ma kellhomx izjed interess guridiku fir-rikors taghhom, hija mankanti l-interess taghhom f'din l-azzjoni.

Illi fil-gurisprudenza nostrana gie kostantement ritenut illi:

"*Huwa ormai pacifiku illi (a) l-interess guridiku ghandu jkun attwali, jigifieri li ghandu jkun jezisti fil-mument li tigi proposta l-azzjoni, u (b) illi l-interess jehtieg li jkun konkret, personali u sussistenti di fronti ghall-konvenut maghzul bhala legittimu kontradittur tad-domanda, ghaliex anke ghall-konvenut l-interess huwa l-mizura ta' l-eccezzjoni"*. (**Vol XL.I.Pt 11, p 1051).** Illi r-rekwizit essenzjali ta' l-interess guridiku li jehtieg li jkun attwali gie definit mill-**Mortara** bhala "*la utilita` finale della domanda giudiziale sul tema dell' asserita esistenza e violazione di un diritto"* (**Vol LXXV. Pt 11. p 386).** Ukoll hu bizzejjed li l-ezistenza tad-dritt jigi minaccjat. **(Vol XXXVI. pt 11. p 532).**

Din il-Qorti presjeduta mill-Onor. Imhallef Joseph R. Micallef fis-sentenza taghha tas-17 ta` Novembru 2011 fil-kawza "**Anthony P. Farrugia vs L-Onorevoli Prim Ministru et**" ghamlet rassenja estensiva tal-principji giuridici li jirregolaw din il-materja :-

*"Illi jidher sewwa li jingħad li f`kawza fejn persuna tallega li garrbet ksur ta` jedd fundamentali mħares mill-Kostituzzjoni jew mill-Konvenzjoni, dik il-persuna trid turi li għandha interess guridiku biex tiftaħ kawza bħal dik.*

*Huwa biss f`kawza maħsuba taħt l-artikolu 116 tal-Kostituzzjoni, l-hekk imsejħa "actio popularis" dwar in-nuqqas ta` siwi ta` ligijiet, li m`huwiex meħtieg li l-parti attrici turi li għandha xi interess personali biex tressaq kawza bħal dik. Mill-bqija, jidher li l-principji li jistabbilixxu x`għandu jkun dan l-interess f`kawza "ordinarja" japplikaw ukoll għall-kawzi taħt din il-procedura specjali ta` ksur ta`dritt fundamentali [PA. (Kost.) RCP 19.10.2000 fil-kawza fl-ismijiet* ***Victoria Cassar vs Awtorita` Marittima ta` Malta et****]......Illi dan ifisser li, kif ingħad għadd ta` drabi mill-Qrati Maltin, l-interess meħtieg irid ikun wieħed dirett, legittimu u kif ukoll attwali (P.A. 20.1.1950 fil-kawza fl-ismijiet* ***Watson vs Sacco*** *(Kollez. Vol: XXXIV.ii.453, u jrid joħrog minn stat attwali ta` ksur ta` jedd, liema ksur ikun jikkonsisti f`kundizzjoni pozittiva jew negattiva li xxejjen jew tipprova ggib fix-xejn dritt li jappartjeni lid-detentur jew li lilu jkun mistħoqq (P.A. 27.3.1990 fil-kawza fl-ismijiet* ***Muscat et vs Buttigieg*** *(Kollez. Vol: LXXIV.iii.481);*

*Illi l-interess guridiku f`parti attrici huwa dak li l-imħarrek jirrifjuta jew jonqos li jagħraf il-jedd tal-istess attur u li, fih innifsu, joħloq il-ħtiega tal-vertenza. Għalhekk, dan igib miegħu l-konsegwenza li l-ewwel u l-aqwa interess guridikament ammissibbli huwa dak li kull persuna għandha, jigifieri li titlob li, fil-konfront tagħha, isir ħaqq jew li tigi msewwija ingustizzja magħmula fil-konfront tagħha*

*(App. Kumm. 2.4.1993 fil-kawza fl-ismijiet* ***Farrugia et vs Buħagiar*** *(Kollez. Vol: LXXVII.ii.98);*

*Illi biex tali interess ikun tutelat minn karattru guridiku, irid ikun iwassal għal rizultat ta` utilita` u vantagg għal min irid jezercita l-jedd (App. Civ. 13.2.1953 fil-kawza fl-ismijiet* ***Manche` vs Montebello*** *(Kollez. Vol:XXXVII.i.56), b`mod li jekk l-azzjoni ma tistax twassal biex tipproduci tali rizultat għal min jibdiha, dik l-azzjoni ma tistax tregi (P.A. 7.1.1953 fil-kawża fl-ismijiet* ***Camilleri vs Sammut*** *(Kollez. Vol: XXXVII.ii.605). Kien minħabba f`dan il-principju li għadd ta` sentenzi caħdu l-jedd tal-azzjoni lil min ried jikseb b`sentenza biss dikjarazzjoni mingħajr oggett materjali (Ara App. Ċiv. 8.6.1942 fil-kawża fl-ismijiet* ***Cortis vs Bonello*** *(Kollez. Vol: XXXI.i.218) ;"*

*"Illi, dwar il-kwestjoni tal-attwalita` tal-interess, b`mod partikolari dak l-interess li għandu juri l-attur biex isostni l-kawza, ingħad ukoll li fil-prattika gudizzjarja wieħed jista` jressaq kawza biex jikseb dikjarazzjoni preordinata għal azzjoni definitiva u aħħarija, minkejja li din ma tkunx giet inkluza fl-azzjoni ta` accertament (PA. 12.3.1946 fil-kawza fl-ismijiet* ***Balluci vs Vella Gera noe*** *(Kollez. Vol: XXXII.ii.257) ; u App. Civ. 4.12.1944 fil-kawza fl-ismijiet* ***Xuereb vs Petrococchino*** *(Kollez. Vol: XXXII.i.540).*

*Madankollu, f`kaz bħal dan, il-Qorti trid tkun soddisfatta li jkun hemm l-interess meħtieg, anki preordinat għall-kawza l-oħra, u li d-dikjarazzjoni miksuba fil-kawza ta`accertament tkun tifforma l-bazi tal-kawza l-oħra li tista` tinfetaħ `il quddiem (Ara P.A. 10.10.1966 fil-kawża fl-ismijiet* ***Giuffrida***

***noe vs Borg Olivier noe et*** *(Kollez. Vol:L.ii.310 u Vol: LI.i. 130) Illi l-interess mhux tabilfors ikun wieħed li jigi kwantifikat f`somma determinata ta` flus jew gid. L-interess jista` jkun ukoll meqjus imsejjes jekk jimmira li jħares jew jagħti għarfien għal jedd morali jew suggettiv [P.A. 13.10.1952 fil-kawza fl-ismijiet* ***Axiaq vs Mizzi noe et*** *(Kollez. Vol: XXXVI.ii.532)] imbasta l-jedd invokat ma jkunx wieħed ipotetiku [App. Civ. 15.12.1932 fil-kawza fl-ismijiet* ***Scolaro vs Bailey*** *(Kollez. Vol: XXVII.ii.195)] ;*

*Illi, minħabba li kawza dwar ilment ta` ksur ta` jedd fundamentali tista' titressaq kemm jekk dak il-jedd ikun diga` nkiser jew qiegħed jinkiser b`xi għamil u kif ukoll jekk ikun hemm il-bizgħa tal-ksur ta` dak il-jedd, joħrog li f`kaz bħal dan l-element tal-interess guridiku jieħu xejra partikolari mill-aspett tal-attwalita`. Dan m`għandux ikun ta` xkiel għall-applikazzjoni tal-principji fuq imsemmija, għaliex l-interess guridiku mistenni xorta waħda jirrizulta fejn, fil-kaz konkret u mhux semplicement ipotetiku, il-ksur ravvizat ikun wieħed reali u imminenti" ;*

Illi l-Qorti Kostituzzjonali, fit-13 ta' Marzu 2013, fiz-zewg rikorsi separati imsemmija, ddecidiet li d-decizjoni taghha ma kienet ser taghmel l-ebda differenza ghall-posizzjoni legali tar-rikorrenti u ghalhekk kien karenti l-interess rikjest mil-ligi:-

"*F'kull każ, iżda, l-attur sejjer jiġi elett bis-saħħa tal-art. 52(1) tal-Kostituzzjoni u għalhekk ma huwa sejjer iġarrab ebda preġudizzju. Tassew illi l-attur jilmenta illi għandu interess illi jiġi elett bħala deputat "oriġinali" mid-distrett*

*tiegħu u mhux bħala deputat "addizzjonali". Dan iżda ma huwiex interess ġuridiku għax taħt il-liġi s-siġġijiet "addizzjonali" għandhom l-istess siwi u privileġġi bħal dawk "oriġinali"* u lliberat lill-Kummissjoni Elettorali mill-osservanza tal-gudizzju."

Ikkonsidrat li r-rikorsi imsemmija gew intavolati quddiem il-Qorti Kostituzzjonali a tenur **tal-artikolu 16(1) tat-Tlettax-il Skeda tal-Kap 354** tal-Ligijet ta' Malta fuq kwistjoni ta' trasferiment ta' voti filwaqt li l-azzjoni odjerna hija mibnija fuq dritt Konvenzjonali. Ghalhekk l-interess guridiku f'din l-azzjoni jissusisti jekk ir-rikorrenti jitqiesu li huma "vittmi" *ai fini* tal-artikolu 34 tal-Konvenzjoni Ewropea.

Ikkonsidrat izda li l-kuncett ta' *vittma* huwa kuncett awtonomu li jinghata interpretazzjoni mill-Qorti Ewropea indipendentement mill-interpretazzjoni moghtija fil-ligi domestika. "*The essence of the rule is that the applicant claims to be directly affected in some way by the matter complained of even if the effect is only temporary.*"[33] Madanakollu l-istess awturi huma tal-opinjoni li l-Qorti ta' Strasbourg ma tippermettix *actio popularis "nor may the Convention form the basis of a claim in abstracto that a particular law of even constitutional provision contravenes the Convention."*[34]

Illi ghal dak li jirrigwarda t-tielet Artikolu tal-Ewwel Protokoll, il-Qorti Ewropea, gja fis-sena 1987 fil-kaz **Mathieu-Mohin and Clerfayt v Belgium**[35] irriteniet li d-drittijiet garantiti

[33] [33] Harris O'Boyle & Warbrick - op cit 3rd ed. p 84.
[34] Op cit page 87
[35] *Application no. 9267/81* - 2/3/87 para 51.

b'dak l-artikolu jinkludu wkoll drittijiet soggettivi ta' partecipazzjoni fil-process elettorali -: *"the "right to vote" and the "right to stand for election to the legislature"."* Inoltre "*Article 3 of Protocol No. 1 (P1-3) to the Convention guarantees the individual's right to stand for election and, once elected, to sit as a Member of Parliament (No. 10316/83, Dec. 7.3.84, D.R. 37, p. 129,133).*[36]

Illi fil-fehma konsiderata ta' din il-Qorti, l-interess guridiku tar-rikorrenti kandidati mhix limitata ghall-interess li jigu eletti, imma anke li "*kull vot tieghu jigi maghdud ghalih u mhux jintrema*" (nota sottom. tar-rikorrenti[37]). Dwar dan jirrizulta mill-provi li l-voti ta' Claudette Buttigieg kif ukoll l-ghaxar voti mitlufa fit-13 distrett gew maghduda mal-voti mhux trasferibbli u effettivament intremew, gew skartati u ma gewx imfittxija.

Illi inoltre l-interess taghhom huwa fir-rimedju mitlub fir-rikors fejn qed jitolbu li b'rispett lejn il-principju ta' demokrazija effettiva u r-rieda tal-elettorat jigu dikjarati eletti direttament skont is-suffragju elettorali li vvotalhom u mhux bl-applikazzjoni tal-mekkanizmu ta' ripeskagg.

**L-interess Guridiku tal-Partit Nazzjonalista**

Il-Partit Nazzjonalista, bhala partit politiku, ppremetta li soffra pregudizzju ghaliex bl-izball tal-Kummissjoni Elettorali gew dikjarati eletti kandidati tal-Partit Laburista minnflok kandidati tal-Partit Nazzjonalista fiz-zewg distretti

---

36 Riferenza citata mill-President Emeritus Prof.J.J. Cremona "*Selected Papers* - *Vol.2* - *Human Rights and Constitutional Studies* - p.74.
37 Para 42.

elettorali. Mhux biss, izda konsegwentement il-Partit Nazzjonalista minhabba dan l-izball gie dikjarat li elegga biss sitta u ghoxrin (26) deputat fil-Parlament Malti meta fil-verita' Claudette Buttigieg u/jew Frederick Azzopardi kellhom jinghaddu mal-membri eletti fit-Tmien u fit-Tlettax-il Distretti f'isem il-Partit Nazzjonalista.

Illi gie premess ukoll li l-Partit Nazzjonalista sofra pregiudizzju billi, meta giet applikata il-procedura mahsuba f'artikolu 52 tal-Kostituzzjoni u nhadmet il-formula hemm provduta, ir-rapprezentanza parlamentari tal-Partit Nazzjonalista ddghajfet ghaliex id-differenza bejn in-numru ta' deputati ghal Partit fl-Oppozizzjoni u dak ghal Partit fil-Gvern safa ta' disgha (9) u mhux ta' sebgha (7) kif kellu jkun altrimenti.

Illi hija l-fehma konsiderata ta' din il-Qorti li l-Partit Nazzjonalista indubbjament ghandu l-interess guridiku li jipproponi din l-azzjoni. Dan gie rikonoxxut mill-Qorti Kostituzzjonali fl-appell intavolat *inter alia,* mill-Partit Laburista mis-sentenza ppronunzjata minn din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onor. Imhallef Jacqueline Padovani Grima tal-5 ta' Frar 2015, u fejn konsegwentement, dik is-sentenza giet imhassra fuq punt proceduralі *stante* li l-gudizzju ma kienx integru.

Fis-sentenza taghha, l-Qorti Kostituzzjonali ikkonkludiet li :

*"26. Fil-fatt, kontra dak li jingħad fit-tweġiba tal-atturi, ma jistax jingħad illi s-sentenza appellata ma tolqotx l-interess ġuridiku tal-Partit Laburista. Hekk kif il-leġittimazzjoni attiva*

*tal-Partit Nazzjonalista hija msejsa fuq l-interess illi għandu jkollu aktar siġġijiet biex id-distakk bejnu u l-partit l-ieħor ikun ta' seba' siġġijiet flok disgħa, hekk ukoll il-leġittimazzjoni tal-Partit Laburista hija msejsa fuq l-interess li d-distakk ta' disa' siġġijiet li għandu fuq il-partit l-ieħor ma jonqosx għal sebgha. L-interessi taż-żewġ partiti huma identiċi għalkemm opposti għal xulxin, u daqskemm għandu interess ġuridiku wieħed daqstant għandu l-ieħor."*

Il-Qorti taqbel ma' dak hawn fuq imfisser u hi tal-fehma li l-interess guridiku tar-rikorrenti kollha jissussisti ghall-fini ta' din l-azzjoni konvenzjonali.

Ghalhekk din l-eccezzjoni qed tigi michuda.

**VII 'Res Judicata'**

Illi l-Partit Laburista ssottometta li r-rikors promotur gie intavolat "*biex jirragira l-konsegwenzi tal-principju ta' res judicata stante li fil-kazijiet taz-zewg kandidati l-Qorti Kostituzzjonali diga' iddecidiet b'mod li ma kienx favorevoli ghalihom."* [38]

Illi tlieta huma l-elementi li jmisshom jiġu murija minn min iqanqal l-eċċezzjoni biex din isseħħ. Dawn l-elementi huma (a) l-istess oġġett (*eadem res*), (b) l-istess partijiet (*eadem personae*) u (ċ) l-istess mertu (*eadem causa petendi*). Huwa siwi li wieħed iżomm quddiem għajnejh ukoll il-massima li biex dik l-eċċezzjoni tirnexxi jeħtieġ li t-tliet elementi jkunu jikkonkorru għax, fin-nuqqas, ma jistax

[38] Nota ta' sottomissjonijiet tal-Partit Laburista a fol 857-858 tal-process.

jingħad li l-ħaġa hija l-istess (*nisi omnia concurrunt, alia res est);*

Illi, kif ingħad f'għadd ta' deċiżjonijiet, l-eċċezzjoni tal-ġudikat għandha bħala sisien tagħha l-interess pubbliku u hija maħsuba biex tħares iċ-ċertezza tal-jeddijiet li jkunu ġew definiti f'sentenza, li tbiegħed il-possibilita' ta' deċiżjonijiet li jmorru kontra xulxin u li ttemm il-possibilita' ta' kwestjonijiet li jibqgħu miftuħa bi ħsara tal-jeddijiet stabbiliti bis-sentenza illi tkun ingħatat.

Illi minħabba fil-fatt li dik l-eċċezzjoni timmira li twaqqaf azzjoni li jkun altrimenti jistħoqqilha tiġi meqjusa minn qorti, l-eċċezzjoni tal-ġudikat għandha tingħata interpretazzjoni dejqa[39], tant li, f'każ ta' dubju, l-ġudikant għandu jaqta' kontra dik l-eċċezzjoni[40].

Illi inghad li sabiex il-kundizzjoni ta' l-*eadem causa petendi* tirnexxi, irid jigi ppruvat li l-kawzali kontenuta fit-talba l-gdida hi fondata fuq l-istess fatt guridiku li kien jifforma l-bazi tat-talba precedenti, li giet determinata b'sentenza li ghaddiet in gudikat. Il-gudikat ma jigix nieqes minhabba id-diversita` ta' motivi tal-'causa petendi'.

Illi jinghad ukoll li l-eccezzjoni bhal din ma tinvolvi l-ebda kontestazzjoni ta' fatt izda hija wahda ta' natura strettament guridika. Huwa importanti pero`, u ghandu jinzamm dejjem in mira, illi l-principji legali nvoluti jridu jinqraw mhux biss fl-

---

39 P.A. PS 28.3.2003 fil-kawża fl-ismijiet Anthony Borġ et vs Anthony Francis Willoughby et

40 Ara, ad eżempju, App. Ċiv. 5.10.1998 fil-kawża fl-ismijiet J. Camilleri vs L. Mallia (Kollez. Vol: LXXXII.ii.305), u s-sentenzi hemm imsemmija

isfond tal-gurisprudenza stabbilita in materja, izda fuq kollox unikament mal-fatti partikolari tal-kaz taht diskussjoni u tal-portata tas-sentenza precedenti - fil-kaz *de quo* dik is-sentenza moghtija mill-Qorti Kostituzzjonali fiz-zewg sentenzi taghha moghtija fit-13 ta' Marzu 2013.

Illi huwa e*vide*nti li l-indagni ta' din il-Qorti bilfors trid tkun arginata fit-termini tal-kontestazzjoni tar-rikorrenti skont ir-rikors promotorju.

Ikkonsidrat li z-zewg azzjonijiet imsemmija gew intavolati a bazi tar-**regolament 16(1) tat-13-il skeda tal-Kap 354** tal-Ligijiet ta' Malta filwaqt li l-azzjoni odjerna ghandha bhala l-bazi guridika taghha d-drittijiet garantiti fil-Konvenzjoni Ewropea. Il-*causa* guridika hija distinta u indipendenti minn dik li kienet il-bazi tal-azzjoni taz-zewg kandidati fil-proceduri antecedenti, u, kif gie gja kkostatat, il-firxa tad-dritt invokat f'dawk l-azzjonijiet u f'din attwali hija differenti. Inoltre l-Qorti Kostituzzjonali ma ppronunzjatx ruhha fuq d-dritt sostantiv invokat imma ghaddiet biex illiberat lill-Kummissjoni Elettorali mill-osservanza tal-gudizzju billi laqghet eccezzjoni procedurali ta' nuqqas ta' interess guridiku. Din l-eccezzjoni ma ntlaqatx f'dawn il-proceduri u ghalhekk ma jistax jinghad li hemm rizoluzzjoni definittiva minn Qorti fuq l-istess kawzali bhal dik li tat lok ghall-azzjoni odjerna.

Illi ghalhekk din l-eccezzjoni qed tigi michuda.

**Konsiderazzjonijiet fil-Mertu**

**L-Artikolu 3 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea** kif inkorporat fil-Kap 319 tal-Ligijiet ta' Malta jiddisponi li :

*"Il-Partijiet Għolja Kontraenti jobbligaw ruħhom li jżommu elezzjonijiet liberi f'intervalli xierqa b'votazzjoni sigrieta, taħt kundizzjonijiet li jiżguraw l-espressjoni libera tal-opinjoni tal-poplu fl-għażla tal-leġislatura."*

Kif jghidu awturi ewlenija f'din il-materja dan l-artikolu "*underpins the whole structure of the Convention in requiring that laws should be made by a legislature that is responsible to the people."*[41]

Kif gie ritenut mill-ECtHR fil-kaz **Mathieu-Molin and Clerfayt v Belgium,** li ghalih gja saret riferenza:

*"47. According to the Preamble to the Convention, fundamental human rights and freedoms are best maintained by 'an effective political democracy'. Since it enshrines a characteristic principle of democracy, Article 3 of Protocol No. 1 (P1-3) is accordingly of prime importance in the Convention system."*

Ukoll li :

"... *democracy is the only political model contemplated by the Convention and, accordingly, the only one compatible*

[41] Jacobs, White & Ovey - op cit p 537

*with it (see, among many other examples, United Communist Party of Turkey and Others*, cited above, § 45; *Refah Partisi (the Welfare Party) and Others v. Turkey* [GC], nos. 41340/98, 41342/98, 41343/98 and 41344/98, § 86, ECHR 2003-II; and, lastly, *Gorzelik and Others v. Poland* [GC], no. 44158/98, § 89, ECHR 2004-I)."[42]

L-istess Qorti Ewropea fil-kaz ta' **Mathieu-Molin and Clerfayt v Belgium** (citat *ante)***,** fissret in-natura tad-drittijiet garantiti f'dawn it-termini:

*"51. As to the nature of the rights thus enshrined in Article 3 (P1-3), the view taken by the Commission has evolved. From the idea of an "institutional" right to the holding of free elections (decision of 18 September 1961 on the admissibility of application no. 1028/61, X v. Belgium, Yearbook of the Convention, vol. 4, p. 338) the Commission has moved to the concept of "universal suffrage" (see particularly the decision of 6 October 1967 on the admissibility of application no. 2728/66, X v. the Federal Republic of Germany, op. cit., vol. 10, p. 338) and then, as a consequence, to the concept of subjective rights of participation - the "right to vote" and the "right to stand for election to the legislature" (see in particular the decision of 30 May 1975 on the admissibility of applications nos. 6745-6746/76, W, X, Y and Z v. Belgium, op. cit., vol. 18, p. 244). The Court approves this latter concept."*

Din it-tifsira hija ormai assodata fil-gurisprudenza tal-Qorti f'Strasbourg.

---

[42] **Case of Zdanoka v Latvia**, Grand Chamber *Application no. 58278/00,* para 98

Kif jghid il-**President Emeritus Prof. J. J. Cremona**[43] "*In its formulation, Article 3 articulates a number of important requirements:-*

*(1) free elections*
*(2) at reasonable intervals*
*(3) by secret ballot*
*(4) under conditions which will ensure the free expression of the opinion of the people in the choice of the legislature."*

Dan id-dritt mhuwiex assolut. Kif intqal fil-kaz ta' **Zdanoka:-**

*"1. The rights guaranteed under Article 3 of Protocol No. 1 are crucial to establishing and maintaining the foundations of an effective and meaningful democracy governed by the rule of law. Nonetheless, these rights are not absolute. There is room for "implied limitations", and Contracting States must be given a margin of appreciation in this sphere. The Court reaffirms that the margin in this area is wide (see Mathieu-Mohin and Clerfayt, cited above, § 52; Matthews, cited above, § 63; Labita, cited above, § 201; and Podkolzina v. Latvia, no. 46726/99, § 33, ECHR 2002-II). There are numerous ways of organising and running electoral systems and a wealth of differences, inter alia, in historical development, cultural diversity and political thought within Europe, which it is for each Contracting State to mould into its own democratic vision (see Hirst v.*

[43] Op.cir p.74

*the United Kingdom (no. 2) [GC], no. 74025/01, § 61, ECHR 2005-IX).*

*2. It is, however, for the Court to determine in the last resort whether the requirements of Article 3 of Protocol No. 1 have been complied with; it has to satisfy itself that the conditions imposed on the rights to vote or to stand for election do not curtail the exercise of those rights to such an extent as to impair their very essence and deprive them of their effectiveness; that they are imposed in pursuit of a legitimate aim; and that the means employed are not disproportionate (see Mathieu-Mohin and Clerfayt, cited above, § 52). In particular, any such conditions must not thwart the free expression of the people in the choice of the legislature – in other words, they must reflect, or not run counter to, the concern to maintain the integrity and effectiveness of an electoral procedure aimed at identifying the will of the people through universal suffrage (see Hirst, cited above, § 62)."*[44]

Il-Qorti kompliet tfisser it-*test* applikabbli għall-*implied limitations* accettabbli fl-ambitu tal-Artikolu 3:-

*"115 c) The "implied limitations" concept under Article 3 of Protocol No. 1 also means that the Court does not apply the traditional tests of "necessity" or "pressing social need" which are used in the context of Articles 8 to 11 of the Convention. In examining compliance with Article 3 of*

[44] Ara wkoll Gahramanli and others v Azerbajan (Application no. 36503/11, - 8 October 2015, para 67.

*Protocol No. 1, the Court has focused mainly on two criteria: whether there has been arbitrariness or a lack of proportionality, and whether the restriction has interfered with the free expression of the opinion of the people. In this connection, the wide margin of appreciation enjoyed by the Contracting States has always been underlined. In addition, the Court has stressed the need to assess any electoral legislation in the light of the political evolution of the country concerned, with the result that features unacceptable in the context of one system may be justified in the context of another (see, inter alia, Mathieu-Mohin and Clerfayt and Podkolzina, both cited above)."*

Inoltre, fil-kaz ta' **Gahramanli and others** fuq citat gie stabbilit li l-Konvenzjoni ghandha tigi interpretata u applikata b'mod effettiv u prattiku, u mhux b'mod teoretiku:-

"68. *Furthermore, the object and purpose of the Convention, which is an instrument for the protection of human rights, requires its provisions to be interpreted and applied in such a way as to make their stipulations not theoretical or illusory but practical and effective (see, among many other authorities, United Communist Party of Turkey and Others v. Turkey, 30 January 1998, § 33, Reports of Judgments and Decisions 1998-I; Chassagnou and Others v. France [GC], nos. 25088/94, 28331/95 and 28443/95, § 100, ECHR 1999-III; and Lykourezos v. Greece, no. 33554/03, § 56, ECHR 2006-VIII)*. *Consequently, while it is true that States have a wide margin of appreciation when establishing eligibility conditions in the abstract, the principle that rights must be*

*effective requires that the eligibility procedure contain sufficient safeguards to prevent arbitrary decisions (see Podkolzina, cited above, § 35). This principle requiring prevention of arbitrariness is equally relevant in other situations where the effectiveness of individual electoral rights is at stake (see, mutatis mutandis, Kovach v. Ukraine, no. 39424/02, § 55, ECHR 2008)."*

Il-Qorti kompliet : -

*"3. The Court has established that the existence of a domestic system for the effective examination of individual complaints and appeals in matters concerning electoral rights is one of the essential guarantees of free and fair elections. Such a system ensures an effective exercise of individual rights to vote and to stand for election, maintains general confidence in the State's administration of the electoral process and constitutes an important device at the State's disposal in achieving the fulfilment of its positive duty under Article 3 of Protocol No. 1 to hold democratic elections. Indeed, the State's solemn undertaking under Article 3 of Protocol No. 1 and the individual rights guaranteed by that provision would be illusory if, throughout the electoral process, specific instances indicative of failure to ensure democratic elections are not open to challenge by individuals before a competent domestic body capable of effectively dealing with the matter (see Namat Aliyev v. Azerbaijan, no. 18705/06, § 81, 8 April 2010)."*

Illi hu stabbilit ukoll li l-Qorti ma tindahalx fl-ghazla tas-sistema elettorali. Dan il-principju, gja enuncjat fil-kaz ta' Mathieu-Mohin, gie ripetut fil-kaz ta' **Yumak and Sadak v Turkey**[45]:

*"4. The Court reiterates that the Contracting States enjoy a wide margin of appreciation when it comes to determination of the type of ballot through which the free expression of the opinion of the people in the choice of the legislature is mediated. In that regard, Article 3 of Protocol No. 1 goes no further than prescribing "free" elections held at "reasonable intervals" "by secret ballot" and "under conditions which will ensure the free expression of the opinion of the people". Subject to that reservation, it does not create any "obligation to introduce a specific system" such as proportional representation or majority voting with one or two ballots (see Mathieu-Mohin and Clerfayt, cited above, § 54).*

*5. The rules in this area vary in accordance with the historical and political factors specific to each State; the large variety of situations provided for in the electoral legislation of numerous member States of the Council of Europe shows the diversity of the possible options. For the purposes of applying Article 3 of Protocol No. 1, any*

[45] *Application no. 10226/03)* - 5 July 2008.

*electoral legislation must be assessed in the light of the political evolution of the country concerned, so that features that would be unacceptable in the context of one system may be justified in the context of another (see Py v. France, no. 66289/01, § 46, ECHR 2005-I), at least so long as the chosen system provides for conditions which will ensure the "free expression of the opinion of the people in the choice of the legislature".*

Ta' rilevanza wkoll hija s-sentenza fil-kaz ta' **Grosaru v Rumania**[46] fejn il-kaz kien jirrigwarda l-allokazzjoni ta' siggu fil-Parlament Rumen. Il-Qorti rriteniet li:

*" 47..... The right to stand as a candidate in an election, which is guaranteed by Article 3 of Protocol No. 1 and is inherent in the concept of a truly democratic regime, would be merely illusory if one could be arbitrarily deprived of it at any moment.."*

Illi l-principju ta' demokrazija effettiva jfisser ukoll li l-process elettorali jrid jittwettaq skont il-Ligi u irregolarita' fil-process jista' ukoll jwassal ghall-ksur ta' dan l-artikolu,

Illi fil kaz ta' **Kovach v Ukraine**[47], l-applikant ilmenta li l-mod kif sehh l-ghadd tal-voti fil-kostitwenza fejn kien registrat bhala kandidat u d-decizjoni li ddikjarat certi voti invalidi kien "*unfair and unreasonable."* Il-Qorti Ewropea reiterat il-principju li l-Konvenzjoni ghandha tigi interpretata u applikata b'mod effettiv. Imbaghad b'riferenza ghas-

[46] *Application no. 78039/01)*- 2 March 2010
[47] Application no. 39424/02 - 7 Feb 2008.

sentenza fil-kaz ***Podkolzina v. Latvia*** *(no. 46726/99, ECHR 2002-II)* citat f'**Grosaru** *ante,* u kompliet:

*"6. The present case concerns not eligibility conditions as such but the way in which the outcome of elections was reviewed by the responsible domestic authorities. The State's latitude remains broad in this field, too, but cannot oust the Court's review of whether a given decision was arbitrary.*

*7. By way of example, in two previous cases****, I.Z. v. Greece*** *(no. 18997/91, Commission decision of 28 February 1994, Decisions and Reports 76-A) and* ***Babenko v. Ukraine*** *((dec.), no. 43476/98, 4 May 1999), the Convention bodies examined the complaints of unsuccessful candidates of the unfairness of the electoral procedures. Those complaints were rejected because, in* <u>*the absence of genuine prejudice to the outcome of the elections in issue, the situation complained of did not amount to an interference with the free expression of the people.*</u> *This approach, however, cannot be applied in the prezent case as, and the Government accepted this in their observations, the annulment of the vote in the four divisions concerned led directly to the declaration of Mr G., and not the applicant, as the successful candidate."* (emfasi ta' din il-Qorti).

Fil-kaz **Namat Aliyev v Azerbajan :-**

***" 77*** *Again, the Court reiterates that its task under Article 3 of Protocol No. 1 is rather to satisfy itself, from a more general standpoint, that the respondent State has complied*

*with its obligation to hold elections under free and fair conditions and ensured that individual electoral rights were exercised effectively".*

**Applikazzjoni ta' dawn il-Principji ghall-kaz odjern.**

Applikati dawn il-principji ghall-kaz din il-Qorti, wara li ezaminat il-provi, tikkonkludi li huwa ppruvat:-

**Fit-Tmien Distrett :**

1. li fit-tmien distrett pakkett shih ta' hamsin unijiet gew allokati erronjament lill-Michael Asciak;
2. li dawn kienu indiskuttibilment voti li nghataw mill-elettorat lil Claudette Buttigieg;
3. li nstabu meta infethu l-voti ta' Michael Asciak sabiex jsir il-process ta' trasferiment tal-voti;
4. li minnkejja li kollox kien car, baqghu ma gewx assenjati lil Claudette Buttigieg skont ir-rieda tal-elettorat;
5. li minnkejja dan kollu maghruf, dawn il-voti intremew billi gew maghduda mal-voti mhux trasferibbli.[48]
6. li minhabba dan kollu l-Partit Nazzjonalista gie imcahhad milli jkollu tlett kandidati minnflok tnejn f'dak id-distrett;
7. li Claudette Buttigieg giet imcahhda milli tkun eletta bil-kwota;
8. li wara li nhaddmet il-formola, Edwin Vassallo gie eskluz mill-Parlament ingustament;

[48] Art 2(5)tat-Tlettax-il Skeda : "*Il-kelma "polza mhux trasferibbli" tfisser polza li fuqha ma jkun hemm imniżżla favur kandidat ta' wara ebda preferenza tat-tieni numru jew numri ta' wara."*

9. li dak li sehh fil-voti ta' Claudette Buttigieg kien maghruf lill-Kummissjoni Elettorali Claudette Buttigieg kien maghruf lill-Kummissjoni Elettorali u fil-kuntest storiku, reali u politiku tal-elezzjonijiet f'dan il-pajjiz numerikament zghir, l-impatt ta' din is-sitwazzjoni fuq ir-rizultat ahhari ta' numru ta' membri eletti u tas-siggijiet kien prevedibbli ghall-Kummissjoni Elettorali.

**Fit-Tlettax-il Distrett:**

1. li ghaxar voti sparixxew malli beda jsir it-trasferiment ta' voti tal-kandidat tal-PN Paul Buttigieg fit-tmien ghadd;
2. li dawn baqghu ma instabux.
3. li ma jirrizultax li saret tfittxija jew indagni f'dan l-ghejbien.
4. li sakemm beda it-tmien *count*, l-ghadd precedenti kien gie irrikonciljat (*vide* xhieda ta' **Boris Scerri** illi sas-seba' *count* l-ghadd tal-voti kien jirrikoncilja perfettament sal-anqas vot, u l-izball fegg biss fit-tmien *count*;
5. li izda, ma hemmx provi sal-grad rikjest mil-ligi li dawn il-voti kienu ser jmissu lill-Frederick Azzopardi u ghalhekk lanqas jirrizulta li l-Partit seta' jtella' t-tielet kandidat minn dan id-distrett.

Illi l-fatt li jsiru zbalji ma jassolvix lill-Kummissjoni Elettorali mid-dmirijiet taghha ta' treggija korretta tal-process shih elettorali. *Multo magis* f'elezzjoni generali meta r-rieda tal-elettorat tinghata vuci diretta fl-ghazla tal-legislatura hu li tirraprezenta l-espressjoni demokratika tas-sahha tal-poplu biex izzomm ir-riedni kontra abbuz ta' poter. Il-Kummissjoni Elettorali f'dawn iz-zewg distretti naqas fid-

dmirijiet tieghu ta' tregija tal-process elettorali billi halla li jsiru dawn l-izbalji li fil-kuntest ta’ pajjiz numerikament zghir, fejn l-istorja tghallimna li numru zghir ta' voti jaghmel id-differenza, jitqiesu grossolani. Fir-rigward tal-ghaxar voti, anke jekk hu minnu li dan in-numru, kif intqal fix-xhieda, hu wiehed insinifikanti komparat mal-voti kollha f'dak id-distrett, dan ma jbiddel xejn mill-fatt li l-voti sparixxew. Voti ma jisparixxux wahidhom b'kumbinazzjoni, u f'ammont li jwaqqa' l-elezzjoni ta' kandidat bil-kwota. Dan l-akkadut huwa suspettuz fl-aghar ipotezi, u inaccettabbli fl-ahjar ipotezi. Dawn il-voti kellhom jinstabu.

**Illi ghalhekk il-Qorti ssib li saru mankanzi fiz-zewg distretti elettorali, izda ghal dak li jirrigwarda r-rimedji mitluba, l-impatt jirrizulta biss fuq ir-rikorrenti Claudette Buttigieg u mhux fuq Frederick Azzopardi billi ma hemmx provi sal-grad rikjest bil-ligi li l-voti tat-13-il distrett kienu jmissu lilu.**

Fil-kaz odjern il-Qorti hija soddisfatta li l-kandidati, delegati u agenti taghhom ma setghux jindunaw bl-izbalji meta saru (*vide ante*). **In effett lanqas il-Kummissjoni Elettorali ma ndunat bl-izbalji tempestivament**. Izda l-Kummissjoni, *tramite* l-agenti taghha, kellha tinduna b'dawn il-mankanzi meta hija l-entita' vestita bir-responsabbilita' shiha tat-tregija tal-process elettorali u ghandha s-sistemi kollha biex tassigura li tali zbalji ma jfeggux.

Minn apprezzament ta' dak li gara, din il-Qorti tosserva li fiz-zewg kazijiet, fl-ahhar analizi, voti validi ma gewx

trasferiti skont kif previst mill-istess regolamenti elettorali. Fil-kaz ta' **Claudette Buttigieg**, ma hemm l-ebda dubbju li l-voti kienu *first preference votes* moghtija lilha. Mhux biss ma gewx trasferiti lilha bl-applikazzjoni tal-principju ta' *'single transferable vote'* li huwa l-pedament tas-sistema elettorali taghna, imma sahansitra 'intremew'. Dan il-fatt wahdu, ghal din il-Qorti, jaqbez il-limitu tas-semplici zball inkonsegwenzjali u uman prospettat mill-intimati. Seta' kien hemm zball fl-allokazzjoni originali ta' dan il-pakkett ta' voti lill-Michael Asciak, senjatament meta gew marbuta b'*sleeve* mitkuba addirittura *a mano* b'ismu minnflok bl-isem tal-kandidata Buttigieg. Izda ma kienx hemm supervizjoni xierqa u responsabbli mill-Kummissjoni Elettorali kif iridu l-Kostituzzjoni, Ligi Elettorali u l-Konvenzjoni. Sussegwentement kien b'decizjoni tal-istess Kummissjoni li dawn il-voti 'intremew' billi tpoggew fil-*limbu* tal-voti mhux trasferibbli. Dan l-agir imur kontra l-ispirtu stess tal-Kostituzzjoni, tal-ligi elettorali taghna, u tal-Konvenzjoni, u baqa' ma giex rettifikat.

Huwa minnu li mix xhieda irrizulta li l-Kummissjoni Elettorali hadet id-decizjoni li l-voti jmorru man-*non transferable votes* b'konsultazzjoni u sahansitra qbil mad-delegati tal-partiti izda dan ma jbiddilx il-fatt li r-responsabbilita' ahharija taqa' fuq spallejn il-Kummissjoni Elettorali, u fuq l-Istat, biex jigi zgurat rizultat li jirrispekkja r-rieda tal-poplu fil-limiti tal-Konvenzjoni. Ir-responsabbilita' fl-ahhar mill-ahhar hija tal-Istat *tramite* l-Kummissjoni u d-decizjoni ahharija hi tal-Kummissjoni Elettorali.

Hawnhekk gie sottomess li l-Partit Nazzjonalista kien fil-Gvern fi zmien l-elezzjoni in mertu. Izda l-Partit Laburista qed jikkonfondi partit politiku ma' Gvern u dan l-argument lanqas jimmerita li jigi approfondit.

Illi d-differenza bejn il-voti ta' Edward Scicluna li gie elett (3688) u dawk ta' Claudette Buttigieg (3680) kienu ta' tmien (8) voti, u dana minkejja li l-Kummissjoni kienet konxja li kien hemm hamsin vot ta' Buttigieg li ma gewx ikkalkolati mal-voti taghha. Il-Kummissjoni ma hadet ebda azzjoni ulterjuri u ddikjarat lil Edward Scicluna elett.

Illi gie allegat li l-kandidati ma segwewx il-procedura ikkontemplata bit-tlettax-il skeda tal-Kap 354 u li l-Kummissjoni Elettorali hija bil-ligi impeduta milli tmur lura fl-ghadd tal-voti fejn l-ghadd gja inghalaq. Din il-Qorti ma taqbilx mat-tezi tar-rikorrenti li l-Kummissjoni setghet *sua sponte* tiftah il-*counts* precedenti. Dan johrog minn qari tad-disposizzjonijiet rilevanti tat-Tlettax-il Skeda tal-Kap 354, partikolarment ir-**regolament numru 14**[49] ma jippermettux lill-Kummissjoni li terga' tiftah ghadd ta' voti li hu gja maghluq. Din l-interpretazzjoni giet ikkonfermata fil-gurisprudenza taghna[50]. Fil-kaz imsemmi **Nazzareno *sive* Reno Calleja vs Kummissjoni Elettorali et,** il-Qorti

---

[49]"***14.*** *Kull kandidat, jew il-persuna li tidher floku, jista', wara kull għadd li jkun sar, jitlob lill-Kummissjoni sabiex terġa' teżamina u tgħodd il-poloz kollha jew polza li jkunu tlestew* <u>*f'dak il-għadd,*</u> *u l-Kummissjoni għandha minnufih teżamina u tgħodd mill-ġdid dawn il-poloz skont ma jiġi mitlub mingħajr ma tagħmel ebda tibdil fit-taqsim tal-poloz li jkun hemm f'dawk il-mazzi, ħlief meta jkun meħtieġ li jsir dan it-tibdil minħabba xi żball li jinsab fil-għadd li jkun reġa' sar. Il-Kummissjoni tista' wkoll skont il-fehma tagħha terġa' tgħodd il-poloz għal darba jew iżjed, kull meta ma tkunx żgura mill-għadd ta' qabel; għalkemm b'dan kollu il-Kummissjoni ma hijiex fid-dmir li tgħodd mill-ġdid il-poloz għal iktar minn darba."*

[50] Ara ad ezempju **Nazzareno sive Reno Calleja v Kummissjoni Elettorali et -** QK - 20 ta' Ottubru 1998 u **Ancell Farrugia Migneco v Kummissarju Elettorali** -QK - 22 ta' Settembru 1998.

Kostituzzjonali qieset li skont ir-regolament **14 tat-Tlettax-il Skeda tal-Kap 354,** fil-procedura tal-ghadd mill-gdid (*recount),* kandidat "*wara kull ghadd li jkun sar, jista' jitlob lill-Kummissjoni sabiex terga' tezamina u tghodd il-poloz kollha, jew polza li jkunu tlestew f'dak l-ghadd u l-Kummissjoni jkollha minnufih tezamina u tghodd mill-gdid dawn il-poloz skont ma jigi mitlub. F'dan l-ezercizzju il-Kummissjoni ma kellha taghmel ebda tibdil fit-tqassim tal-poloz li jkun hemm f'dawn il-mazzi hlief meta jkun mehtieg li jsir dan it-tibdil minhabba xi zball li jinsab fl-ghadd li jkun rega' sar.*....*Tipprovdi tassativament li tali talba jehtieg li ssir wara kull ghadd li jkun sar. Jimponi fuq il-Kummissjoni li tghaddi ghal dan il-ghadd mill-gdid minnufih u dan biex jigi assigurat li l-process tal-ghadd tal-voti ma jipprocedix ghal count iehor successiv qabel ma jkunu gew verifikati u ccarati d-dubbji kollha dwar il-count precedenti kontestat." (emfasi ta' dik il-Qorti.)*

F'dik is-sentenza l-Qorti Kostituzzjonali spjegat elokwentement l-iskop tar-Regolamenti imsemmija sabiex "*jesigu allura kjarezza u certezza fil-process elettorali. Process li hu regolat pass pass biex jassigura li l-kontroll li ghandhom dritt jesigu u jezercitaw, fost ohrajn, il-kandidati, jew il-persuni li jidhru ghalihom, ikun immedjat u tempestiv b'mod li, kemm jista' jkun, jigu sradikati dubji jew skrutinji li jkunu saru fi stadji li jkunu definittivament maghluqa."* Tant li l-Artikolu 16 bhall-Artikoli l-ohra li jirregolaw il-procedura elettorali gie ppronunzjat mill-qorti f'dik is-sentenza bhala wiehed ta' ordni pubbliku li ghandu jigi osservat 'ad unguem' in kwantu huwa intiz biex jasal ghac-certezza tal-process.

Hu eskluz ghalhekk li bl-applikazzjoni tar-regolamenti elettorali jista' jintalab lill-Kummissjoni Elettorali li jsir ghadd mill-gdid ta' ghadd li jkun gja gie maghluq. Huwa minnu li dan sehh waqt elezzjoni lokali f'Haz-Zebbug fejn il-Kummissjoni ordnat li l-ghadd tal-voti jerga' jibda mill-bidu nett. Izda din il-Qorti hi tal-fehma li dan mhuwiex permess mir-regolamenti attwali ghalkemm dan ma jillimitax il-poteri tal-Qorti Kostituzzjonali li tista' thassar elezzjoni u tordna li l-poloz kollha jew parti minnhom jergghu jigu maghdudin sabiex jaraw sewwa r-rizultat tal-elezzjoni (**regolament 15** tat-13-il Skeda u **l-Artikolu 56(3)(4) u (5)** tal-Kostituzzjoni). L-istess regolament 15 jipprovdi kif isir dan il-process.

Izda l-azzjoni odjerna giet istitwita b'forza tal-garanziji sanciti fil-Konvenzjoni Ewropea. Gja fil-kaz ta' **Calleja v Kummissjoni**, il-Qorti Kostituzzjonali asseriet il-kompetenza taghha fejn "*rikors seta' biss isir meta jkun gja gie materjalment jirrizulta provat li kien hemm irregolarita' fil-ghadd jew fit-trasferiment tal-voti li jiggustifikaw l-intervent ta' din il-Qorti bhala l-ahhar rimedju biex jigi assigurat process elettorali nadif, liberu u sa fejn hu possibbli, hieles minn kull zball kif rikjest mil-ligi u mir-regolamenti b'mod li sewwa jkun jirrifletti l-volonta' popolari." (*emfasi ta' din il-Qorti.) Jigi notat li din il-kawza kienet tirrigwarda elezzjoni kazwali - dawn il-principji japplikaw *multo magis* elezzjoni generali.

Inoltre, f'din il-kompetenza, lanqas hu mehtieg li l-applikant ikun segwa l-proceduri ta' kontestazzjoni stabbiliti fil-ligi elettorali. Difatti l-Partit Nazzjonalista mhuwiex kandidat u ma setax jinvoka r-regolamenti imsemmija.

**<u>Konkluzjoni tal-Qorti - Sejba ta' Responsabbilita`</u>**

Fid-dawl tal-premess l-accertamenti li qed isiru f'din l-istanza jmorru ben oltre semplici zball f'ghadd partikolari ghaliex jindirizzaw id-drittijiet garantiti mill-Konvenzjoni anke fid-dawl tal-ispirtu tal-Konvenzjoniu u tal-istess Kostituzzjoni ta' Malta. Sar hafna diskors dwar l-htiega ta' certezza f'elezzjonijiet, u n-necessita' tat-terminu qasir ghar-revizjoni tar-rizultati, u li l-kaz odjern jikkoncerna zbalji u mhux *corrupt practices.* Izda hu daqstant fondamentali ghad-demokrazija fil-pajjiz li tispira l-ligi fondamentali taghna, li r-rieda tal-elettorat tigi rispettata u li ma jsirux zbalji ta' tali portata li jirrovexxjaw jew li jimminaw ir-rieda espressa tal-votant. Dan mhuwiex ezercizzju li jithalla fl-astratt imma jissarraf fi drittijiet reali.

Illi din il-Qorti ghandha tassigura li tigi rispettata d-demokrazija effettiva li hija l-pedament tad-demokrazija imhaddna fil-Kostituzzjoni taghna u garantita kemm mill-Kostituzzjoni kif ukoll mill-Konvenzjoni Ewropea. Fil-kaz odjern kien hemm falliment fis-sistema tal-process elettorali li ma jindirizzax l-izbalji li sehhew u ma joffrix rimedju billi sehhew f'*counts antecedenti*. Difatti l-Kummissjoni Elettorali ma setghetx tirrimedja l-izbalji bl-applikazzjoni tan-normi *in vigore* imma kellha tirrikorri ghall-finzjonijiet billi ddikjarat bhala voti non trasferibbli, voti li kienu validi u kellhom jigu rispettati, u inoltre, ipprovat tirrimedja voti mitlufa b'semplici *reconciliation exercise* fittizju*.* Ghalkemm kienet qed isegwi "*legitimate aim*" fid-decizjoni taghha, l-effett ta' tali decizjonijiet, u tan-nuqqas ta' sorveljanza

f'mumenti krucjali tal-process tal-ghadd kellhom effett sproporzjonat fuq ir-rizultat ahhari tal-elezzjoni kif imfisser fis-sistema elettorali taghna imsejjes ukoll fuq ir-rapprezentanza tal-partiti politici fil-parlament.

Dawn il-mankanzi, flimkien mal-mankanzi fis-sorveljanza tal-process, interferixxa fl-espressjoni hielsa tar-rieda tal-elettorat fl-elezzjoni generali tal-2013.

**Ghal dawn il-motivi kollha l-Qorti ser tilqa' l-ewwel u t-tieni talbiet in kwantu li sabet li hemm mankanzi fit-tmien u fit-tlettax-il distretti elettorali li jwasslu ghall-vjolazzjoni tal-Artikolu 3 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea.**

**Tilqa' t-tielet talba fis-sens li l-mankanzi imsemmija waslu sabiex cahdu lill-Partit Nazzjonalista milli jkollu kandidat elett skont ir-rieda tal-votanti fit-tmien distrett izda mhux fit-tlettax-il distrett, ukoll bi ksur tal-Artikolu Konvenzjonali ccitat.**

**Fir-rigward tal-Onor. Claudette Buttigieg, dawn il-mankanzi waslu sabiex giet imcahda mid-dritt taghha li tigi eletta bil-kwota skont ir-rieda tal-votanti.**

**Tiddikjara li l-intimat Kummissjoni Elettorali flimkien mal-Avukat Generali ghall-Istat Malti huma responsabbli ghall-ksur tal-imsemmi Artikolu 3 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea.**

**Ir-Raba' Talba**

**L-Impatt fuq id-Distribuzzjoni tas-Siggijiet fil-Kamra tad-Deputati.**

Konsegwenza ulterjuri tal-mankanzi misjuba hija li bis-sistema matematika sancita bl-artikolu 52 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta (ripeskagg) id-differenza ta’ deputati fil-Parlament bejn il-Gvern u l-Oppozizzjoni hija skorretta billi ghandha tkun ta' seba’ deputati u mhux disgha kif inhi qieghda llum. Dwar dan l-Onor. Chris Said xehed illi ghall-partit rikorrenti in oppozizzjoni distakk ta’ seba’ minflok disa’ deputati taghmel differenza fil-hidma tal-oppozizzjoni matul il-kors tal-legislatura kollha – (fol. 185 - 186).

Illi Malta hija repubblika demokratika (**Artikolu 1 tal-Kostituzzjoni**) u l-Membri tal-Kamra tad-Deputati huma eletti fuq il-principju tar-rapprezentanza proporzjonali permezz tal-vot singlu trasferibbli (**art.56(1) tal-Kostituzzjoni**).

Il-Partit Laburista sahaq li t-tezi tar-rikorrenti ma jirrispettax dan il-principju billi d-distakk bejn il-voti li gabu z-zewg partiti fl-ahhar elezzjoni diga mhux rifless proporzjonalment fin-numru attwali ta' allokazzjoni ta' siggijiet parlamentari.

Illi dan l-argument mhuwiex korrett ghaliex is-sistema taghna hija intrinsikament marbuta mal-formola ta' allokazzjoni ta' siggijiet stabbilita bl-artikolu **52 tal-Kostituzzjoni.** Din il-formola hija tassattiva. Il-mekkanizmu gie introdott fil-Kostituzzjoni ghar-ragunijiet politici u storici

li jaghmlu parti mill-mixja ta' dan il-pajjiz lejn demokrazija effettiva u li mhux il-lok li l-Qorti tidhol fihom.

Inoltre kif tinhadem din il-formola hija imfissra bl-ezatt fl-Artiklu 52 tal-Kostituzzjoni u fir-regolament 23 tat-Tlettax-il Skeda tal-Kap 354.

**Il-Professur Anton Buhagiar**, *lecturer* l-Universita’ ta’ Malta fil-Matematika, a fol. 399, spjega kif tinhadem il-formula matematika tar-ripeskagg skont Artikolu 52 tal-Kostituzzjoni b'riferenza ghar-rizultat ottjenut fl-ahhar elezzjoni generali (Ara **Dok. AB1, a fol. 411)**. In-numru ta' siggijiet dikjarati mill-Kummissjoni fl-ahhar elezzjoni bl-applikazzjoni tas-*single transferable vote* kien ta' 39 (PL) u 26 (PN). Bir-*ratio votes to seats* skont il-mekkanizmu formolatiku, (li mhix soggetta ghall-interpretazzjoni) ir-rizultat finali (dak attwali) hu ta' 39 siggu (PL) u 30 siggu (PM) - distakk ta' disa’ siggijiet.

Billi din il-Qorti fejn laqghet it-tezi li l-Partit Nazzjonalista li kellu jtella' tlett (3) kandidati fit-tmien distrett biss, japplika t-tieni xenarju kkalkolat mix-xhud. Il-*first count votes* dejjem baqghu l-istess izda l-Partiti kellhom jispiccaw bi 38 siggu (PL) u 27 siggu (PN).

Il-Qorti ser tipproduci il-*workings* tal-Professur Buhagiar bhala parti minn din is-sentenza. Il-formola tinhadem hekk:

| **Party** | **PL** | **PN** |
|---|---|---|
| *First count votes* | *167533* | *132426* |

| | | |
|---|---|---|
| *Seats* | *38* | *27* |
| *Ratio votes/seats*[51] | *4408* | *4904* |
| *Votes PN/l-inqas ratio* | *132426/4408*[52] | *30.04* |
| *Amended number of seats* | *38* | *30.04* |

*Total number of seats - 68.04*
*Nearest odd number = 69*

***Final seats using Art. 52:***

| | | |
|---|---|---|
| ***PL*** | | ***38*** |
| ***PN*** | ***69-38*** | ***31*** |

**Ghalhekk filwaqt li l-Partit Nazzjonalista xorta ghandu jinghata 4 siggijiet zejda, id-distakk finali bejn il-Partiti ghandu jkun ta' seba' siggijiet u mhux disa' siggijiet.**

Dan xehedu l-istess **Profs. Anthony Buhagiar,** (fol 792-796)[53] fejn qal li mill-kalkoli li ghamel hu, minhabba l-kwistjoni fil-kaz odjern, il-Partit Nazzjonalista kellu jinghata zewg siggijiet ohra.

Konsegwenza ohra jirrizulta mix-xhieda tal-**Maggur Vanni Ganado** "*Kieku telghet Claudette (Buttigieg) kienet tinqala'*

[51] Dan jinhadem billi in-numru ta' voti migjuba mill-Partit jigi diviz bin-numru ta' siggijiet biex johrog ir-*ratios*. Imbaghad l-inqas *ratio* jittiehed bhala l-bazi tal-formola.
[52] Ir-*ratio* jinhadem fuq ir-*ratio* numerikament inqas.
[53] Seduta tat-13 ta' Jannar 2016).

*mill-erbgha (4)…, ghax kienet tkun eletta u mat-tlieta l-ohra li huma Frederick (Azzopardi), Carmelo (Mifsud Bonnici) u Paula (Mifsud Bonnici) kien jidhol Edward Vassallo u kienet tigi thirty eight (38) thirty one (31).”*

**Ghaldaqstant ghal dawn il-motivi tilqa' r-raba' talba u tiddikjara li l-mankanzi li nstabu fil-process elettorali taw rizultat skorrett fuq ir-rapprezentanza proporzjonali skont ir-rieda tal-elettorat b'mod li effettwaw l-implimentazzjoni tal-artikolu 52 tal-Kostituzzjoni u b'hekk il-Partit Nazzjonalista kellu jtella' 31 kandidati filwaqt li l-Partit Laburista kellu jtella’ 28 kandidati - distakk ta' 7 siggijiet u mhux 9 siggijiet fil-Kamra tad-Deputati, u dan bi ksur tal-Artikolu 3 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea.**

**Il-Hames Talba - Rimedju**

Illi r-rikorrenti qed jitolbu li din il-Qorti tordna li jigu ndirizzati l-izbalji maghmula mill-Kummissjoni Elettorali b’tali mod billi (1) r-rizultat eletorali jigi korrett bin-numru ta’ deputati eletti fil-Parlament li jirrifletti rapprezentanza proporzjonali skont l-Artikolu 52 tal-Kostituzzjoni u biex id-distakk ta’ siggijiet jinzel ghal seba’ siggijiet kif tipprovdi il-Kostituzzjoni kontra d-distakk ta’ disa’ siggijiet kif wassal l-istess zball; (2) li l-espressjoni libera tal-opinjoni tal-poplu fl-ghazla tal-legislatura tigi rispettata u dan ukoll billi (A) Claudette Buttigieg tigi dikjarata li giet eletta skont id-dispozizzjonijiet ta’ l-Att dwar l-Elezzjonijiet Generali; u (B) Frederick Azzopardi jigi dikjarat li gie elett skont id-dispozizzijonijiet ta’ l-Att dwar l-Elezzjonijiet Generali.

Waqt li hemm qbil li din il-Qorti tista' taghti rimedju limitatament ghall-dikjarazzjoni ta' lezjoni, l-intimati u l-kjamati in kawza, eccetto Edwin Vassallo, minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet precedenti taghhom, rribattew li r-rimedji l-ohra mitluba palezament jezorbitaw mill-funzjoni u mill-poter ta' din il-Qorti.

**Sottomissjonijiet**

Il-Kummissjoni Elettorali ssottomettiet li l-funzjoni elettiva tispetta lill-poplu u la l-Qorti u lanqas l-Kummissjoni ma jistghu jippretendu li jissupplixxu xi nuqqas billi jghaddu ghan-nomina huma ta' membri tal-Parlament. "*hija sufficjenti dik il-kostatazzjoni (li hemm ksur) u ma hux lecitu li wiehed jintrometti ruhu fil-funzjoni rapprezentattiva billi jippretendi li ghandu poter jaltera l-komposizzjoni tal-Parlament. Din il-komposizzjoni tista' tigi alterata biss mill-poplu f'elezzjoni hielsa in rispett tal-artikolu 3.*" Ghaldaqstant jargumentaw li r-rimedji li huma a disposizzjoni ta' din il-Qorti huma dawk li jindirizzaw is-sistema elettorali u limitatament ghal dik is-sistema.

Illi l-Avukat Generali ssottometta li l-kompitu ta' din il-Qorti huwa li tanalizza l-kompatibilita' tal-process elettorali li minnu qed jilmentaw r-rikorrenti mal-Konvenzjoni Ewropea u li l-iskop tal-Konvenzjoni Ewropea huwa sabiex jigu stabbiliti *standards* u s-sejbien ta' vjolazzjoni ta' dawn l-*istandards* huwa rimedju ewlieni. L-allokazzjoni ta' aktar siggijiet qatt ma jista' ikun rimedju gust u Kostituzzonjali peress li tali tibdil jimpingi fuq il-Kostituzzjoni li tista' tinbidel

biss bil-mod hemm prevvist u "*jezorbita l-mansjonijiet tal-gudikatura.*"

Il-kjamati in kawza (eccetto Edwin Scicluna) issottomettew li jekk tilqa' t-talba ghar-rimedju kif proposta, din il-Qorti tkun qed tibdel arbitrarjament il-komposizzjoni tal-Parlament u possibbilment taffettwa l-jeddijiet ta' terzi li mhumiex parti f'din il-kawza f'kaz li tassenja xi voti lil xi kandidat u mhux lil iehor. Inoltre dak li jridu r-rikorrenti jista' iwassal ghal precedent perikoluz in kwantu li, kontrarjament ghal dak li trid il-Kostituzzjoni, ir-rizultat elettorali jibqa' incert ghal xhur u snin bir-riperkussjonijiet legali u kostituzzjonali serji dwar il-legittimita' tal-Legislatura u l-ligijiet kollha li tkun ghamlet.

Il-Partit Laburista ssottometta li l-Qrati mhumiex aditi minn ligijiet ordinarji bhal ma huwa l-Kap 319 tal-Ligijiet ta' Malta biex jintromettu fil-komposizzjoni tal-Kamra tad-Deputati. Din hija materja li taqa' fil-forum politiku f'sens istituzzjonali u mhux partigjan ghaliex huwa l-poplu li jista' jincidi fuq tali komposizzjoni. Ikun precedent perikoluz hafna li Qorti li mhix Kostituzzjonali u li hija ta' Prim'Istanza tintrometti ruhha f'dan il-kamp. Tant huwa minnu dan li anke l-istess decizjonijiet tal-Qorti Ewropea, anke fejn sabu li hemm ilment fondat, dejjem taw kumpens u qatt ma intromettew fil-komposizzjoni tal-Parlament.

Illi l-Qorti hija ferm konxja li din il-kawza hija bla precedent f'pajjizna. Ghalkemm kien hemm diversi sentenzi tal-Qorti Kostituzzjonali adita fit-termini tal-artikolu 95 tal-Kostituzzjoni, u tal-artikoli rilevanti tal-Kap 354, din hija l-

ewwel vertenza fejn il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-gurisdizzjoni kostituzzjonali taghha bhala Qorti ta' l-ewwel istanza, hija adita biex tiddeciedi, mhux fit-termini tal-Kostituzzjoni jew tal-ligi elettorali, imma fit-termini tal-Kap 319 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi bhala l-ewwel hsibijiet taghha, tikkonsidra li huwa minnu li Kap 319 hija ligi ordinarja *vis-a vis* il-Kostituzzjoni, imma lanqas hija gerarkiment fl-istess grad bhal-ligijiet ordinarji ohra billi tipprevali fuq dawk il-ligijiet f'kaz ta' inkonsistenza. Isegwi ghalhekk li fejn il-ligi elettorali ma tiipprovdix rimedji effettivi u adegwati sabiex dak li sehh f'din il-kawza jigi indirizzat, dik il-ligi titqies li tikkozza mal-Konvenzjoni u tigi rimedjata anke bis-sahha tal-poteri moghtija lil din il-Qorti. Il-Qorti tifhem li lanqas ghandu ikun hemm il-htiega li tordna revizjoni tal-ligi elettorali u r-regolamenti relattivi billi temmen li l-Kummissjoni Elettorali tiehu nota ta' din is-sentenza u tghaddi regolamenti appoziti sabiex kazijiet simili ma jerghux jirrepetu ruhhom. Fost l-emmendi li ghandhom jigu kkonsidrati huma d-dritt tal-partiti politici li jinghataw access lill-Qorti Kostituzzjonali, access li sallum huwa rizervat ghall-persuni li jistghu jivvotaw f'dik l-elezzjoni. Lanqas hu l-kompitu ta' din il-Qorti biex tissostitwixxi d-diskrezzjoni taghha ghal dik tal-Kummissjoni Elettorali fl-istudju u tfassil ta' emmendi misthoqqa.

Ikkonsidrat ukoll li, kontrarjament ghal dak allegat mill-intimati, il-Kostituzzjoni ma tillimitax is-setghat tal-organu gudizzjarju b'ebda mod u ghalhekk din il-Qorti ma taqbilx mat-tezi, kif impostata, li huwa l-elettorat biss li ghandu l-

poter li jaltera l-komposizzjoni fil-parlament. Anzi l-Kostituzzjoni u l-ligi elettorali jipprovdu ghar-rimedji gudizzjarji f'kazijiet ta' offizi fil-process elettorali (*electoral offences)*. Dawn ir-rimedji huma espressament vestiti fil-Qorti Kostituzzjonali izda dan ma jalterax il-fatt li huma rimedji gudizzjarji, fejn il-Qorti ghandha poteri l-aktar ampji. Skont l**-artikolu 56(5) tal-Kostituzzjoni** l-Qorti Kostituzzjonali jkollha, is-setgħa li tannulla l-elezzjoni, fid-distretti elettorali kollha jew f'wieħed jew aktar minnhom, għal kull waħda mir-raġunijiet imsemmija f'dawk is-subartikoli, u li tagħti dawk id-direttivi u ordnijiet u li tagħti dawk ir-rimedji jew provvedimenti oħra li jidhrilha xierqa fiċ-ċirkostanzi u b'mod partikolari biex tiżgura li elezzjoni ħielsa, minflok dik li tkun ġiet annullata, issir mill-aktar fis possibbli. Dawn is-setghat huma "*bla hsara ghal kull setghat ohra"* li ghandha l-Qorti*.*

Ghalhekk meta, bhal ma gara fil-kaz odjern, l-elettorat tkellem, u l-voti tal-elettorat ma ssarfux <u>skont is-sistema elettorali vigenti taghna</u> f'rapprezentanza kif trid il-Kostituzzjoni, r-rimedju mitlub mir-rikorrenti mhuwiex ser ifisser xi uzurpazzjoni u straripament tar-rieda tal-poplu imma jservi biex iwettaq u jirrispetta dik ir-rieda b'mod effettiv.

Inoltre din il-Qorti ma taqbilx mat-tezi li d-dritt garantit mill-Artikolu 3 jindirizza biss is-sistemi elettorali. Huwa pacifiku ormai li tali dritt jinkorpora drittijiet soggettivi li huma d-dritt ghall-vot u d-dritt "*to stand for election".* Din il-Qorti temmen li hija difficli ghall-Qorti Ewropea li tintrometti direttament fl-elezzjonijiet nazzjonali u jista' ikun ghal din ir-

raguni li r-rimedji offruti huma ta' natura ta' kumpens pekunjarja anke ghal *non pecuniary damages.* Imma din il-limitazzjoni ma tapplikax ghal din il-Qorti li tagixxi fl-ambitu nazzjonali bhala wahda mill-organi tal-istat u ghandha funzjonijiet derivattivi mill-Kostituzzjoni stess biex taghti effett lid-disposizzjonijiet u lill-principji fondamentali li jispiraw il-Konvenzjoni. Fost dawn il-principji hemm dik tad-demokrazija effettiva.

Ikkonsidrat ukoll li din il-Qorti hija adita fit-termini tal-Kap 319 tal-Ligijiet ta' Malta li tapplika l-Konvenzjoni Ewropea bhala parti mil-ligijiet taghna. Il-Qorti terga' taghmel riferenza ghall-**artikolu 63 flimkien mal-artikolu 95(2)(a) tal-Kostituzzjoni** fejn hija l-Qorti Kostituzzjonali li ghandha gurisdizzjoni originali f'kull kwistjoni jekk persuna tkunx ġiet eletta validament bħala membru tal-Kamra tad-Deputati u f' kull ħaġa riferita lilha skont l-**artikolu 56 tal-istess Kostituzzjoni** u skont kull liġi dwar l-elezzjoni tal-membri tal-Kamra tad-Deputati. Dawn l-artikoli, flimkien **mal-artikolu 117 tal-Kap 354** jirreferu ghall-kompetenza originali tal-Qorti Kostituzzjonali.

Illi din il-Qorti gja stabbiliet il-kompetenza taghha f'din l-azzjoni u ghaldaqstant ghandha l-obbligu bhala organu tal-Istat li taghti rimedju effettiv fejn tinsab lezjoni tad-drittijiet u libertajiet fondamentali. Ghanda s-setghat li taghti dawk l-ordnijiet, toħroġ dawk l-atti u tagħti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex twettaq, jew tiżgura t-twettiq tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali li għat-tgawdija tagħhom tkun intitolata dik il-persuna. (art 4(2) tal-Kap 319).

## Konkluzjonijiet dwar ir-Rimedju Applikabbli

Il-Qorti taghmel zewg konsiderazzjonijiet ewlenija:

1. Ir-rimedju gudizzjarju ghar-revizjoni mill-Kummissjoni Elettorali ma setax jigi utilizzat mir-rikorrenti skont l-ligi ordinarja (artikolu 16(1) tat-Tlettax-il Skeda tal-Kap 354) billi ma kienx permess mir-regolament 14 li jerga' isir *recount* fil-fatti konkreti ta' dan il-kaz. F'dan ir-rigward, ghalhekk, l-istess ligi elettorali u l-process elettorali falla l-ispirtu u t-test tal-artikolu 3 tal-Ewwel Protokoll billi wassal ghar-rizultati li preveddibilment kienu jew seta' kienu anomali u kontrarji ghar-rieda espressa tal- elettorat.[54]

2. Fil-kaz ta' Partiti Politici lanqas ghandhom *locus standi* quddiem il-Qorti Kostituzzjonali. Ir-riferenza ghall-partiti politici ddahhlet fil-Kostituzzjoni bl-ammendi introdotti ghall-artikolu 52 bl-Att IV tal-1987[55] minghajr, izda, xi riflessjoni fl-artikolu 56 jew fit-tlettax-il skeda li jirregolaw id-dritt ghall-access gudizzjarju. Fil-fehma tal-Qorti din hija lacuna li ghandha tigi indirizzata.

Ikkonsidrat li huwa minnu li l-Qrati taghna, u anke l-Qorti Ewropea, gieli ippronunzjaw ruhhom fis-sens li dikjarazzjoni ta' lezjoni hija bizzejjed bhala *just satisfaction.* Izda l-Qorti mhix tal-fehma li ghandha tieqaf hawn. Sa fejn hu possibbli ghandha tizgura li d-drittijiet lezi jissarrfu

[54] Il-Qorti tirreferi ghall-fatt li l-voti intremew u ghall-impatt ahhari fuq ir-rizultat tal-apporzjonament tas-siggijiet lill-Partit fil-minoranza.
[55] Ghalkemm l-artikolu 90 tal-Kostituzzjoni jaghmel riferenza ghall-Kap tal-Oppozizzjoni u ghall-Partit fl-Oppozizzjoni.

f'rimedji prattici u effettivi, kif trid id-demokrazija reali u hajja imfissra fil-Kostituzzjoni u fil-ligi.

Illi din il-Qorti hija ben konxja li l-apprezzament taghha mhuwiex wiehed illimitat imma huwa arginat bil-konsiderazzjoni tac-certezza u stabbilita' li huma principji gwida fil-materja elettorali. Dan gie accennat mill-Qorti Kostituzzjonali, fis-sentenza taghha tad-29 ta' Mejju 2015 fejn irrimarkat li " *fl-aħjar ipotezi għall-appellanti jista' se mai jolqot ir-rimedju li jista' jingħata, fis-sens illi r-rimedju taħt il-Kap. 319 ma jistax ikun dak illi titħassar l-elezzjoni ta' deputat, sabiex ma tiġix mhedda ċ-ċertezza fi żmien qasir li trid il-Kostituzzjoni. Li jista' jingħata rimedju bla ma titħassar l-elezzjoni ta' deputat jixhduh sentenzi mogħtija mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem. Ara e.g.* ***Kovach v. l-Ukrajna*** [56]*u* ***Namat Aliyev v. Azerbaijan***[57]*."* (estratt gja citat *ante).*

Madanakollu l-Qorti hi tal-fehma li s-sanar tal-mankanzi mhuwiex ser jhedded ic-certezza tal-elezzjoni. Kollox jigi valutat fil-kuntest tieghu, u rimedju effettiv u prattiku mhuwiex ser jirrovexxja l-maggoranza bejn il-partiti fil-Kamra tad-Deputati, jew johloq incertezza f'dak li jirrigwarda l-validita' tal-ligijiet promulgati mil-legislatura attwali

Inoltre l-argument li jista' jinholoq precedent perikoluz ghandu l-valur tieghu izda l-Qorti tifhem li l-Kummissjoni Elettorali u l-Parlament ghandhom jiehdu mizuri effettivi sabiex il-precedent fattwali mahluq b'din il-kawza jigu

[56] Q.E.D.B. 7 ta' Frar 2008, rik. 39424/2002
[57] Q.E.D.B. 8 ta' April 2010, RIK. 18705/2006.

indirizzati mill-aktar fis. B'hekk il-perikolu accennat, jekk hu reali, jigi imwarrab mil-legislatur.

**Dikjarazzjoni ta' Lezjoni fil-kaz tal-Onor. Claudette Buttigieg**

Madanakollu din il-Qorti hi tal-fehma li fil-kaz tal-Onor. Claudette Buttigieg dikjarazzjoni li kellha tigi eletta bil-kwota u mhux bis-sistema ta' ripeskagg ghandha tkun soddisfacjenti bizzejjed. Kwalsiasi rimedju li ser jinghata mhu ser jbiddel xejn mill-istat attwali taghha ta' membru tal-Kamra tad-Deputati u hi tgawdi l-istess privileggi u drittijiet bhal kull membru iehor.

**Rimedji Ohra**

Inoltre din il-Qorti taqbel li rimedju li jolqot membri gja eletti jesorbita mill-kompetenza taghha u sahansitra jista' jimmina l-legalita' tal-operat tal-Parlament sallum kif ukoll johloq proprju dak l-istat ta' incertezza li l-legislatur taghna, gustament jrid jevita. Kien ikun ben altru li kieku l-Kostituzzjoni taghna ma tipprovdix ghall-access ghall-oghla organu gudizzjarju tal-pajjiz. Madanakollu ma hemm xejn li jiccirkoskrivi l-awtorita' ta' din il-Qorti sabiex taghti rimedji u ordnijiet ohra prattici u gusti biex id-distakk jigi indirizzat u dan billi tordna li tigi applikata l-formola studjata tal-artikolu 52 tal-Kostituzzjoni.

**Hi tal-fehma li dan ir-rimedju huwa l-aktar prattikabbli, u ma tirraprezentax theddida ghac-certezza fil-**

**governanza attwali tal-pajjiz billi l-membri li gew eletti jibqghu jokkupaw posthom fil-Parlament.**

## III. <u>KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi tiddisponi mill-eccezzjonijiet tal-intimati u tal-kjamati in kawza, ghajr Edwin Vassallo billi tichad l-istess u tiddisponi mit-talbiet attrici billi:-

1 Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara li l-mankanza fil-process elettorali fuq it-tmien distrett hija leziva tal-artikolu 3 tal-Ewwel Protokoll ghall-Konvenzjoni Ewropea kif inkorporata f'Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Tilqa' t-tieni talba fil-konfront tal-Partit Nazzjonalista biss u tiddikjara li l-mankanza fil-process elettorali fuq t-tlettax-il distrett hija leziva tal-artikolu 3 tal-Ewwel Protokoll ghall-Konvenzjoni Ewropea kif inkorporata f'Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta Malta;

3. **Tilqa' t-tielet talba** fis-sens li tiddikjara li l-mankanzi fuq premessi wasslu sabiex cahdu lil Partit Nazzjonalista milli jkollu lill-Claudette Buttigieg bhala kandidata eletta bil-kwota skont ir-rieda tal-votanti u dan bi ksur tal-artikolu 3 tal-Ewwel Protokoll ghall-Konvenzjoni Ewropea kif inkorporata f'Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta Malta;

4. Tilqa' r-raba' talba u tiddikjara li l-mankanzi fuq premessi wasslu sabiex taw rizultat skorrett fuq ir-

rapprezentanza proporzjonali skont ix-xewqa tal-elettur b'tali mod li effettwaw l-implimentazzjoni ta' l-artikolu 52 tal-Kostituzzjoni u b'hekk id-distakk bejn in-numru tad-deputati mal-Partit fil-Gvern u dawk mal-Partit fl-Oppozizzjoni huwa zbaljat, u kellu jkun ta' 38 Deputat ghall-Partit Laburista u 31 Deputat ghall-Partit Nazzjonalista u dan bi ksur tal-artikolu 3 tal-Ewwel Protokoll ghall-Konvenzjoni Ewropea kif inkorporata f'Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. **Tilqa' l-hames talba** limitatament billi tordna lill-Kummissjoni Elettorali tikkoregi r-rizultat elettorali fis-sens li d-distakk ta' siggijiet bejn il-partiti jinzel ghal seba' siggijiet kontra d-distakk ta' disa' siggijiet kif wassal l-istess zball. Ghaldaqstant **tordna wkoll** lill-Kummissjoni Elettorali sabiex tiddikjara bhala eletti biex jimlew zewg postijiet addizzjonali, zewg kandidati tal-Partit Nazzjonalista li gew akkreditati mill-Kummissjoni Elettorali bl-oghla, jew bin-numru ta' voti li jmiss l-aktar gholi minghajr ma jkunu gew eletti, irrispettivament mid-distrett minn fejn inkiseb dan l-oghla numru ta' voti jew ta' voti li jmiss l-aktar gholi, *a tenur* tal-**Artikolu 52(1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta** u dana kollu fi zmien xahar mil-lum;

6. Tilqa' s-sitt talba fis-sens fuq imfisser u fir-rigward tal-Onorevoli Claudette Buttigieg tiddikjara li l-mankanzi surriferiti fit-tmien distrett waslu sabiex giet imcahhda mid-dritt taghha li tigi eletta bil-kwota skont ir-rieda tal-votanti. Inoltre tordna lill-Kummissjoni Elettorali sabiex taghmel dawk ir-regolamenti mehtiega li eccezzjonalment jipprevedu li jergghu jinfethu l-ghadd ta' voti li gja inghalqu.

***Stante* l-importanza tal-kwistjonijiet legali imqajma f'din il-vertenza, kull parti tbaghti l-ispejjez rispettivi taghha.**

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**26 ta' Mejju 2016**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**26 ta' Mejju 2016**